

# Għaqda Mużikali Imperial

## Festa Maria Bambina 2014, Il-Mellieħa




Discover our world of tailor made travel

ROCS travel

www.rocsholidays.com

Development House, St. Anne's Street, FRN9010, Floriana, Malta, Europe | IATA 50200883
19-23 ROCS House, Main Street, MLH 2310, Mellieha, Malta, Europe | IATA 50209994
Tel: +356 20 15 15 15 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com

IATA

# Werrej

Il-Kelma tal-President – Josef Borg ........ 3
Xogħol Soċjali u Kulturali Qawwi – John Buttigieg – Sindku ........ 7
Festa ta' Ferħ, Festa kif jixraq – Fr Joe Caruana – Kappillan ........ 9
Dak kien żmien! – Spiridione Grech – Viċi President ........ 12
Sena oħra ta' Ħidma – Norbert Vella – Segretarju Ġenerali ........ 16
Nikbru u Nissaħħu – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ........ 21
Ħidma Sħabi u Jien – John Schembri – Direttur ........ 24
Ħidma bil-Qalb – Carmen Cini – Kumitat Nisa ........ 25
Inħarsu 'l quddiem… – Anthony Borg – Surmast ........ 28
Ħidmet iż-żgħażagħ fil-każin – Clayton Vella ........ 29
Attivitajiet 2013 ........ 30
August 2014 – Shirley Helleur – Choir Director of The Imperial Choir ........ 32
Banda Attiva – Philip Schembri – Għalliem ........ 33
Djarju 2013 - 2014 ........ 35
Nifirħu… ........ 40
Niftakru f'dawk li ħallewna ........ 45
Għaqda tan-Nar Marija Bambina Mellieħa – Trevor Vella – Segretarju ........ 48
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda – Dr. Noel Camilleri u J.C. Azzopardi ....51
Il-Każin Imperial Mellieħa
Studju Kronoloġiku 1924 – 1955 – Jimmy Muscat ........ 53
Laqgħa tal-Kabinett fil-Każin tal-Banda Imperial ........ 62
Nisġiet Mużikali Maltin ........ 64
Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial
fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta' Maria Bambina
Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa ........ 66
Activities organised by The Imperial Band Club
for the feast in honour of Our Lady of Victories Patron of Mellieħa ........ 69
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ........ 70
Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial ........ 73
Life is how you make it. So keep on fighting and never give up. –
Pippa Roberts ........ 74
L-Għanja ta' Ħajti – Anthony Fenech ........ 75
25 sena mill-Inawgurazzjoni tal-Arma l-Ġdida bl-Emblema
tal-Għaqda Mużikali Imperial – Albert Borg ........ 78
Wirjiet Organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ ........ 81
Western Music for DUMMIES part 1 – Geoff Thomas ........ 83
Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II Ħarsa lejn l-Istorja Tiegħu –
Jimmy Muscat ........ 87
Ejjew nifirħu bil-festa u bil-qniepen tagħna – Christopher Bartolo ........ 91
L-importanza taż-Żgħażagħ f'Għaqda Mużikali – Clayton Bartolo ........ 93
Il-Kobor ta' Marija – Marija Grima ........ 94
Eynsford Concert Band - Malta Tour 2014 ........ 95
Bħal-lum sena…– Victor V. Vella B.A., M.A. mill-Awstralja ........ 96
Il-Papa Franġisku u l-lembut bil-maqlub – Philip Borg ........ 98
Il-Misteru tal-Knisja – Min hi din il-Knisja li waqqaf Kristu? –
Dun Mosè Debono ........ 101
"Per Mare Per Terram (By Sea and by Land) – Brian Roberts ........ 103
L-Edukazzjoni fil-Mellieħa fl-eqqel tal-Gwerra (1941-1942) –
Jeffrey Sammut ........ 105
Tomaso Albinoni – Kompożitur – Ġanni Camilleri ........110
Ħallini Naħdem Ħieles – Jos. F. Cachia ........112
Xogħol fuq il-gallerija ........114
Xogħol fuq il-Kapitelli tat-Taraġ fuq stil unik ........115
Kwadru tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida –
Mario Fenech ........117
Dawl aħmar fid-dlam u lil hinn minnu… – Evarist Bartolo ........ 121
Ajruplani tal-Baħar tar-*Royal Air Force* f'bajjiet Melleħin – Charles Debono ... 122
Fuq li bidwi joqtol bidwi – Paul P. Borg ........ 125
Xbihat ta' Marija fit-Testment il-Qadim – Ralph Micallef ........ 129
Il-Mellieħa u l-Ewwel Gwerra Dinjija – David Bartolo ........ 131
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ........ 140

*Pubblikazzjoni:*
Għaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Għaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, Norbert Vella,
Joseph Bartolo, Anthony Borg,
Carmen Schembri,
Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
Ann Marie Vella
Norbert Vella

**Disinn tal-Faċċata:**
Conrad Fenech

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
Norbert Vella

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara
Jimmy Muscat

**Ritratti tal-Faċċata:**
**Nar sinkronizzat mal-mużika waqt il-programm mużikali mill-Banda Imperial 2 ta' Settembru 2013.**

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprint@maltanet.net


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
STOP
SLOW
50
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt

# Il-Kelma tal-President



**Josef Borg**
***President***

Għal sena oħra qed inwassal dan il-messaġġ qasir fil-ktieb annwali, 'Leħen l-Imperial', li ta' kull sena jiġi ppubblikat mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina, li jiġbor fih il-ġrajjiet l-aktar importanti li seħħew matul l-aħħar sena fil-każin, kif ukoll tagħrif ieħor storiku, kulturali u kitbiet oħra interessanti.

Ringrazzjament xieraq imur lejn il-Bord Editorjali u l-kontributuri kollha għal ktieb mimli tagħrif u tassew interessanti.

Il-Festa tal-Vitorja, il-festa tar-raħal, hija l-akbar avveniment li torganizza l-għaqda tagħna u hija l-qofol ta' sena ħidma li jwettqu ħafna volontiera fi ħdan l-istess soċjetà. Huwa veru li l-impenji tas-soċjetà huma mifruxa matul is-sena kollha iżda bla dubju ta' xejn il-festa tibqa' kif inhuwa xieraq l-aktar attività importanti fil-kalendarju tagħna. Għalhekk minn qalbi nistieden lil kulħadd biex jipparteċipa fl-attivitajiet li torganizza s-soċjetà tagħna biex flimkien niċċelebraw b'mod sabiħ u dinjituż il-festa ta' Marija Bambina.

Il-ħidma f'soċjetà dinamika ma taqta' xejn, iżda jkun tajjeb jekk wieħed jagħmel referenza għal ġrajjiet li jħallu marka fuq l-istorja tas-soċjetà. Hawn nixtieq nagħmel referenza għal-Laqgħa tal-Kabinett li saret ġewwa l-Mellieħa propju fis-sala tal-Każin nhar il-21 ta' Jannar 2014. Kien ta' unur għalina bħala soċjetà li laqgħa hekk importanti ssir ġewwa l-każin. Mill-att mużikali kien ta' pjaċir għalina li fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali jerġa' jibda jiġi organizzat il-Mellieħa International Music Festival. Il-Banda u l-Kor Imperial esegwew programm vokali u strumentali l-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014. Fl-aħħar tas-serata, flimkien mal-Banda mir-Renju Unit, Eynsford Concert Band daqqejna u tkantaw żewġ siltiet mużikali flimkien.

It-tagħlim tal-mużika minn dejjem jingħata importanza kbira fis-soċjetà għax verament nemmnu li b'dan il-mod nistgħu niggarantixxu futur aħjar lill-Banda Imperial. Wara li s-sena l-oħra żidna t-tagħlim tal-istrumenti tal-perkussjoni, flimkien mat-tagħlim tal-istrumenti tar-ramm u l-injam, minn wara l-festa ser jibdew jingħataw lezzjonijiet tat-teorija biex b'hekk inkomplu ngħollu l-livell tal-mużiċisti fil-banda.

Bil-għajnuna għal fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ, ser inkomplu nattrezzaw it-tagħlim b'mod aktar modern li jaġġorna għaż-żminijiet tal-lum. Huwa tajjeb li opportunitajiet bħal dawn nagħmlu l-aħjar użu minnhom u nappella lill-bandisti, membri tal-kor flimkien ma' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-mużika biex jattendu għal dan it-tagħlim.

'Nisġiet Mużikali Maltin' huwa l-isem tas-CD li ġietr rekordjata u ser tibda tkun għal bejgħ matul il-ġranet tal-festa. Din is-CD li hija l-ewwel waħda ta' dan it-tip li ġiet rrekordjata minn soċjetà mużikali tikkonsisti f'siltiet mużikali ta' kompożituri Maltin.

Kienet biċċa xogħol impenjattiva ħafna u nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex jkollna CD ta' livell għoli. Nistieden u nappella lilkom qarrejja biex takwwistaw kopja ta' din is-CD b'mużika sabiħa b'identità Maltija.

Din is-sena l-Għaqda tan-Nar Marija Bambina, qed tiċċelebra l-25 Anniversarju mit-twaqqif tagħha. F'din l-okkażjoni sabiħa, minn qalbi nifraħ u nirringrazzja lil dawk kollha li matul dawn is-snin ħadmu f'din l-għaqda u offrew spettakli sbieħ ta' wirjiet piroteknici.

Jien nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'mod jew ieħor jagħtu s-sehem tagħhom biex l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli miexja bil-ħidma tagħha, u nawgura l-Festa ta' Marija Bambina lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk kollha li minħabba raġuni jew oħra ma jistgħux jiċċelebraw il-festa fiżikamnet magħna.




# €25 discount on new motor policies

**The €25 discount is applicable when purchasing a new Private Car, Motorcycle or Commercial Vehicle Insurance policy through ROCS offices up to the end of July 2014.**

Minimum premium on every class of insurance is applicable as per standard Middlesea Insurance terms and conditions. Available to all NEW Motor Policies excluding vehicles insured as part of a fleet; standard underwriting criteria applies including the application of minimum premium; for policy periods less than 12 months the discount will be applied on a pro rata basis; applies in addition to all other policy discounts allowed by Middlesea that the policy holder is entitled to; available from all ROCS offices, MSI offices in Floriana, MSI Branch at the University of Malta and from all authorized intermediaries and brokers. This voucher cannot be redeemed for cash. Other terms and conditions may apply.

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

ROCS group

**Floriana**: Development House, St. Anne Street, FRN 9010
**Mellieħa**: 19-23, ROCS House, Main Street, MLH 2310
**T:**+356 2015 1515 **F:** +356 2152 3869 **E:** info@rocsgrp.com
**24hr Emergency:** 99131415 **www.rocsgrp.com**

ROCS Co Ltd is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Middlesea Insurance plc (C-5553). ROCS Co Ltd and MSI are authorised by the Malta Financial Services Authority. COM NO 020813 771

# TOSCA...PIZZA, PASTA, GRILL

# GENUINE ITALIAN FOOD IN MELLIEHA!

## LUXURIOUS & AFFORDABLE....

GET A FREE BOTTLE OF

## DELICATA'S MALTESE FALCON

ON MENTIONING THIS ADVERT

TERMS & CONDITIONS APPLY

OFFER CANNOT BE USED IN CONJUNCTION WITH ANY OTHER OFFER. OFFER MAY NOT BE ACCEPTED ON SPECIAL OCASSIONS. OFFER MAY BE WITHDRAWN WITHOUT PRIOR NOTICE. OFFER APPLICABLE ONLY WITH MINIMUM ORDER OF 2 MAIN-COURSES.

JOIN US ON FACEBOOK FOR REGULAR OFFERS
WWW.FB.COM/TOSCAPIZZAPASTAGRILL

Tosca
pizza, pasta, grill




# OPEN DAILY

1800HRS ONWARDS
TUESDAYS CLOSED

GORG BORG OLIVIER STREET, MELLIEHA
TEL: +356 2152 2209 INFO@ILOVETOSCA.COM

# SEA VIEW BAR

*"Il-Kiosk ta' wara l-knisja"*

Filwaqt li nixtiequ l-Festa t-tajba lil kulħadd nistidnukom tiġu żżuruna waqt li tgawdu l-isbaħ veduta tal-Mellieħa







**Beachaven Lido Discotheque**

*Xemxija Hill, St. Paul's Bay, Malta – Tel: 21 573682*

**Star of India**
Indian Restaurant
Xemxija Hill, Xemxija – Malta
Tel: 21 573682




Chinese Restaurant
Xemxija Hill,
St Paul's Bay - Malta
Tel: 21 585141

# Xogħol Soċjali u Kulturali Qawwi



**John Buttigieg**
*Sindku*

Huwa ta' pjaċir kbir għalija li għal darb'oħra qiegħed nikteb dan il-messaġġ fil-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-festa. Bil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktejjeb wieħed ikollu minjiera ta' informazzjoni storika, kulturali u politika, mhux biss fuq l-istess Għaqda, imma wkoll fuq ir-raħal tagħna. Għaldaqstant irrid nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-kontribut tagħhom permezz tal-kitba ta' diversi artikli li ta' kull sena jidhru f'dan il-ktejjeb tal-festa.

Meta wieħed jibda jqalleb il-paġni ta' dan il-magazin, wieħed malajr jinduna kemm hi kbira l-ħidma li ssir minn dawk kollha li huma involuti fis-soċjetajiet tal-Banda. Il-każini tal-baned jagħmlu xogħol soċjali u kulturali qawwi li jistħoqqlu kull għarfien. Huma marbuta mal-festi tradizzjonali tal-irħula tagħna li jikkostitwixxu l-element ewlieni mill-identità nazzjonali tagħna bħala poplu. Jiġbru flimkien, f'volontarjat dedikat, mijiet biex ma ngħidx eluf ta' żgħażagħ u ċittadini oħra. Veru xi kultant jiżbruffaw wisq il-piki u ċertu partiġġjaniżmu sfrenat, biss kollox ma' kollox, kif wieħed jista' jara mill-kwalità ta' attivitajiet li qegħdin itellgħu s-soċjetajiet Melleħin, fosthom l-Għaqda Mużikali Imperial, l-impenn huwa wieħed serju ħafna. L-ammont ta' attivitajiet soċjali u mużikali li qegħdin jiġu organizzati fil-Mellieħa huwa wieħed impressjonanti. Kull Mellieħi għandu jħossu kburi li fil-Mellieħa għandna daqstant soċjetajiet li huma impenjati mhux biss matul il-jiem tal-festa, iżda s-sena kollha. Kif ġa esprimejt f'kitbiet oħra hija ħasra li l-inizjattivi kulturali u mużikali li jittieħdu, mhux biss mill-Għaqda Mużikali Imperial, imma mill-għaqdiet Melleħin kollha, ma jkunux jafu bihom iċ-ċittadini Melleħin kollha. U hawn nerġa' ntenni l-bżonn li jsir sforz mill-għaqdiet kollha Melleħin biex flimkien mal-Kunsill Lokali jitfassal kalendarju kulturali għall-Mellieħa.

Fost ir-ritratti u kitbiet li nsibu f'pubblikazzjoni ta' din ix-xorta, wieħed jara diversi ritratti li jfakkru xi parti mill-istorja tal-istess soċjetà, u għaldaqstant illum,wieħed ma jistax ma jiftakarx u ma jsemmix lil dawk kollha li matul dawn l-aħħar ħamsa u tmenin sena taw is-sehem tagħhom fil-ħidma tas-soċjetà u li llum m'għadhomx magħna u għalhekk ma jistgħux jiċċelebraw il-festa magħna, kif qegħdin nagħmlu aħna lkoll.

Dawn kienu nies li ħadmu u stinkaw biex bnew l-Għaqda Mużikali Imperial, anke meta ċ-ċirkostanzi tal-ħajja kienu ferm aktar diffiċli u ta' qtigħ il-qalb minn dawk tal-lum. Biżżejjed wieħed isemmi hawnhekk it-Tieni Gwerra Dinjija fil-bidu tas-snin erbgħin u l-emigrazzjoni li laqtet lir-raħal tagħna fis-snin sittin. Biss f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Għaqda xorta sabet nies li kienu determinati li jaslu fejn kellhom jaslu. Jalla s-soċjetajiet tagħna jibqgħu jsibu dawk in-nies, li minkejja l-impenji kollha li jkollhom, ikunu lesti li joffru ftit ħin liberu tagħhom biex iwettqu ħidma b'risq l-għaqdiet u b'hekk dak kollu li bnew missirijietna nkomplu nsaħħuh aħna biex ngħadduh lil dawk ta' warajna.

Nagħlaq billi nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom il-kumplament tal-festa t-tajba. Insellem u nagħti l-festa t-tajba lill-Melleħin li qegħdin jgħixu barra mill-Mellieħa, f'xi belt jew raħal ieħor, kif ukoll lil dawk l-emigranti Melleħin, li jien ċert li għalkemm qegħdin 'il bogħod minna, qalbhom żgur li tkun magħna f'dan iż-żmien tas-sena. Lil dawn irrid ngħidilhom grazzi mill-qalb tal-appoġġ u s-sostjen li intom tagħtu lill-għaqdiet tagħna Melleħin. Ħafna mill-opri li nsibu fil-każini tagħna huma xhieda ta' kemm intom verament tħobbu l-għaqdiet tagħna, minkejja li tinsabu 'l bogħod minna. Hawnhekk ma rridx ninsa nsemmi lil benefatturi oħrajn li kontinwament jagħtu l-appoġġ tagħhom lis-soċjetajiet tagħna.

Insellem u nirringrazzja lill-President, is-Sur Josef Borg, il-Kumitat u l-membri ħabrieka tal-Għaqda Mużikali Imperial. Mill-ġdid nifirħilkom u nixtieqilkom aktar snin ta' ħidma b'risq l-Għaqda u l-poplu Mellieħi kollu. Prosit u awguri sinċieri.


Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.
WE ACCEPT
ORDERS FOR ANY
SPECIAL OCCASION
CAKES
OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY
MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315
T: 2152 0920 / 2152 3920

# Festa ta' Ferħ, Festa kif jixraq



**Fr Joe Caruana**
*Kappillan*

Jolqtok ħafna l-isem li l-Papa Franġisku għażel għall-ewwel Enċiklika tiegħu: *Evangelium Gaudium* - il-Ferħ tal-Evanġelju. Il kelma Griega *euangelium*, minn fejn ġejja l-kelma evanġelju, tfisser "l-Aħbar it-Tajba" u allura żgur li għandha tkun okkażjoni ta' ferħ kbir. Sfortunatament aħna l-insara sikwit ngħixu dan l-evanġelju, din l-aħbar it-tajba b'wiċċ ta' dwejjaq, serju żżejjed, qisna qed ikollna nibilgħu xi mediċina morra li ftit li xejn għandna aptita. Irreduċejna l-ħajja nisranija għal obbligu li jagħfas fuqna flok aħbar tajba ta' salvazzjoni. Mhux ta' b'xejn li ħafna qed jitbiegħdu mill-prattika tal-fidi għax, wara kollox, min jixtieq jgħix id-dwejjaq u l-monotonija.

Għalhekk nemmen li ċ-ċelebrazzjoni tal-festa, meta ċċelebrata kif għandha tkun, għad baqgħalha postha fil-ħajja tan-nisrani, minkejja dak kollu li kultant nisimgħu minn xi wħud. Fil-Kotba Mqaddsa kemm-il darba nisimgħu 'l Alla nnifsu jitlob lill-poplu jiċċelebra festi diversi. Naraw lil Ġesu nnifsu jieħu sehem fil-festi ta' pajjiżu. U dawn kienu jkunu festi mhux biss ta' talb flimkien imma wkoll ta' ferħ fejn kienu jieklu u jixorbu u jiltaqgħu ma' ħbiebhom biex jiċċelebraw.

Allura ejjew aħna wkoll niċċelebraw il-festa tagħna. Wara kollox għandna tassew għalfejn nifirħu aħna li niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina, il-festa tal-Vitorja. Niċċelebraw għax din hi dik li għad tagħtina lil Ġesù, is-Salvatur tagħna. Nifirħu għax din hi Omm ir-Rebħiet fuq kull ma jweġġgħana, kull ma hu ta' ħsara għalina.

Ovvjament għandna niċċelebraw kif jixraq. L-ewwelnett irridu nżommu quddiem għajnejna li l-qalba u l-qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni tagħna hi l-ħajja ta' fidi. Jekk tiġi l-festa u ma nieħux sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-knisja, ma nieħux sehem fil-qrar u t-tqarbin, ma naħsibx fi sħabi li qed ibatu, allura inkun qed nagħmel festa bla sens, festa bla ruħ.

Niċċelebraw kif jixraq meta ngħoġbu lil Marija li lilha qed nagħmlu festa. Allura rridu naħarbu kull ma jista' jġib il-firda. Xi wħud mill-parroċċi Maltin huma mifnijin b'piki bla sens. Kemm għandna għalfejn inkunu grati aħna li bil-għajnuna t'Alla u bil-għaqal tal-kumitati tal-każini u ta' oħrajn li huma nvoluti fit-tmexxija tal-festa, niċċelebraw festa bla nkwiet u firdiet. Irridu wkoll b'għaqal kbir, kollha kemm aħna, naħdmu biex inkomplu ngawdu din l-armonija fil-festa.

Biex tkun festa li togħġob lil Marija trid tkun ukoll festa bla esaġerazzjonijiet. Il-briju sabiħ imma l-esaġerazzjoni ddejjaq lil min qed jiċċelebra miegħek u jista' jwassal ukoll għal nuqqas ta' dinjità. Ix-xorb bil-qies iġib il-ferħ biss, iż-żejjed itellef il-kontroll meħtieġ. Mhux l-ewwel darba li persuna fis-sakra jaqla' ġlieda, jipperikola l-għaqda tal-familja għax jittanta lil xi persuni oħra, apparti li jkun ta' dwejjaq għal ta' madwaru. Allaħares il-festa tkun il-kawża ta' tkissir ta' xi familja.

Allura ejjew niċċelebraw bil-ferħ il-festa tagħna. Fl-istess ħin ejjew niċċelebrawha bil-qies u bis-sehem tagħna fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi. B'dan il-mod niċċelebraw festa tassew sabiħa li tagħmel ġieħ lilna u li tagħti l-unur li jixraq lil Marija Bambina patruna tagħna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



LIQUIGAS
Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
FUEL SUPPLIER
DAF
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com




ALL NEEDS
THE D.I.Y STORE
FOR
ALL KINDS
OF
ENERGY
SAVING
LAMPS
19, St. Anne Street, Mellieha
Tel: 2152 1167


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
DERBY
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
ALPHA
Bikrija
Safra
DERBY
SLANEY
SAVANNA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
Bajda
Bajda
DRUID
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com
Ħamra
Ta' Għajnha
Ħamra


WE CAN MEET ALL OUR NEEDS
HomeEssentials
IL-MELLIEĦA
High quality, low priced household goods & textiles!
Next to your doorstep
This is only a small selection from a wider range of quality goods.
We will also order items you need if they are not in stock
CHAIRS • LAMPS • MATTRESS • SHEETS • BLANKETS • QUILTS • HANGERS • PILLOWS • BEDSPREADS • CURTAINS • TOWELS (BATH, HAND & WASHCLOTHS) • PLACE MATS & NAPKINS • SHOWER CURTAINS • BATH RUGS • LAMPS • BOOK SHELVES • DISHES • PYREX CASSEROLES (FOR COOKING AND SERVING) • DRINKING GLASSES • MUGS • POTS AND PANS • MIXING BOWLS • MEASURING CUPS • KITCHEN TOOLS • COOKING UTENSILS • PLASTIC CONTAINERS • KNIVES • CHOPPING BOARDS • COFFEE MACHINES • TOASTER OVENS • MICROWAVES • GRILLS • BBQS • BLENDERS • HAND HELD MIXERS • VACUUM CLEANERS • DISHWASHERS • HEATERS • AIR CONDITIONERS • OUTDOOR FURNITURE & MORE
Weekdays: 9:00am-1:00pm
4:00pm-7:00pm
Saturdays: 9:00am-1:00pm
21, St Anne Street, Il-Mellieħa
Tel: 2152 4900
Email: esential@go.net.mt
FREE DELIVERY
TO SURROUNDING AREAS

# Dak kien żmien!



**Spiridione Grech**
*Viċi President*

Naħseb kulħadd jinduna li waslet il-festa, għax il-qanpiena tal-bieb ma tiqafx. Dak ix-xahar t'Awwissu kull għaqda tibda tħabbel rasha kif ser tkopri ftit mill-ispejjeż, aħna tal-Imperial inklużi. "Grazzi" tal-ġenerożità tagħkom.

Ta' min iħares ftit lura, biex inkun eżatt xi 55 sena ilu, ta' meta jien u sħabi konna għadna żgħażagħ ta' bejn 15 u 17-il sena [circa 1960].

Kienet tiġi ġurnata fejn konna niftiehmu li se nitgħallmu xi strument, konna mmorru xi 5 f'daqqa, wara xahar ma kienx jibqa' wieħed. Jien ma nafx kif issaportejt u ħadt il-klarinett, però beda l-inkwiet, għax ħsibt li kien fih toqob iżjed milli suppost, u fuq hekk skoprejt is-sax sopran għax innotajt li t-toqob jingħalqu bid-dentijiet, f'kelma waħda ħsibt li solvejt il-problema, però indunajt li l-problema kont jien, mhux il-klarinett.

Ta' bravi li konna kultant konna nagħmlu xi battalja fil-pjazza, bil-larinġ tal-bakkaljaw li konna naqtgħu mill-ġardina tal-każin [dak iż-żmien ma kienx ikun hemm il-karozzi li hemm illum]. Ħa ngħidlek, kien ikollok xorti ma tmurx id-dar immankat.

Il-bravura l-oħra meta kien jasal ix-xahar tar-rużarju, konna nkunu grupp ta' żgħażagħ, ngħaddu ż-żmien, min jara t-T.V., min jilgħab il-bixkla, min xi rami, naturalment għal xejn għax flus ma kellniex. Niftakar filgħaxija kien jingħad ir-rużarju, kienu jiġu Toni t-Taċċu, jew Eddy tal-Baqrambun, żewġt irġiel ta' veru. Aħna kif konna nindunaw li riesaq wieħed minnhom, ġirja waħda għall-bieb ta' barra. Kien ikun qisna ġrieden jaqbżu vapur jaqbad. Li kieku kien hemm Ġieħ il-Mellieħa dak iż-żmien ma kien jeħodulna ħadd. Wara mmorru d-dar u ommok issaqsik għidtx ir-rużarju, u int biex tgħaxxaqha tgħid iva. Ma kinux affarijiet li tiftaħar bihom, imma għalina kienet bravura.

Wara ndunajna bit-tfajliet li kienu joħorġu mill-knisja wara xi funzjoni. Konna noqogħdu quddiem il-każin wieħed ma' ġenb l-ieħor qisna ġurija għal Miss Malta. Mhux waħda jew tnejn, kif jgħaddu, bis-serqa jħarsu waħda lura. Wara li skoprejna t-tfajliet addio l-larinġ tal-bakkaljaw, il-każin beda ġej għan-normal.

Fażi oħra kienet meta ġew biex jixtru l-każin. Kienu saru ħafna attentati, kont tisma' li sejrin ikellmu lis-sid, kulħadd jittama, meta tarahom ġejjin lura geddum sal-art, tinduna li n-negozjati ma marrux tajjeb. Din ix-xena damet sejra snin.

Jien wara li żżewwiġt waħda mit-tfajliet li semmejt iżjed 'il fuq, morna ttantajna xortina f'art oħra f'Mejju tal-1968. Ħallejt is-sitwazzjoni tax-xiri tal-każin l-istess.

Wara ftit snin mhux ħażin, nirċievi ittra mingħand tal-familja fejn qaluli li l-każin inxtara. Kien żmien fejn il-kuntatt ma' sħabek kien jinqata' ħlief għal kartolina li kienu jibagħtu s-Soċjetà għall-Milied.

Meta tkun wieħed bħalma kont jien, inqum u norqod il-każin, bdejt naħseb kif ser isibu tarf jibnuh, għax allavolja tkun ilek snin imsiefer, ma tinsa qatt minn fejn tlaqt.

Kif għidt, kuntatti ftit, biex iċċempel l-ewwel ridt iċċempel lil Marì ta' Żwiru. Din Marì kellha ħanut u kellha *telephone*, kienet ġara tagħna, kif tirċievi t-telefonata kienet tibgħat għal Anni, tgħidilha li għandha telefonata mill-Kanada, miskina qalbha kienet tibda tħabbat sitta, sitta, għax l-omm dejjem ħażin taħseb. [dak Internet!] Kien żmien ieħor.

**Lura għall-każin**

Beda jinbena u kif inbena jaf kulħadd, wara ħafna snin ġejna lura, u sibt ruħi involut fit-tmexxija tas-Soċjetà. Ma għandniex xi ngħidu, sħabi bdew jirrakkontawli stejjer ta' kif waqa' u kif inbena. Ftit minnhom ma nistax nikteb fuqhom għax ma jgħaddux miċ-ċensura. Semmewli l-kuntratturi li taw sehemhom fil-bini. Min waqqa', l-anzjani jlestu

t-tajn għall-bennejja, nies minn naħa oħra jpoġġu l-madum, żgħażagħ iġorru x-xaħx bil-karretti għal ġol-pjazza b'imħatra min jiġri l-iżjed, insomma Torri ta' Babel. Kif kienet qaltli ommi qishom qegħdin jibnuh ix-xjaten, jien naħseb li biex inbena fi żmien daqshekk qasir xi forza moħbija kien hemm, li kienet kif jgħidu l-Ingliżi, '*Where there is a will, there is a way*'. Nazzarda ngħid li nies ta' stoffa bħal ta' dak iż-żmien ftit baqa' "Jien ma kontx wieħed minnhom".

Però l-irġiel ta' għada li għandna illum "Iż-Żgħażagħ", li għalija huma tal-ġenn. Jien naħseb li allaħares ma kienux huma, biex jorganizzaw attivitajiet, *exhibitions* ta' kull xorta, jgħinu lis-Surmast u mitt ħaġa oħra. Prosit, ibqgħu sejrin hekk. Il-Kumitat tan-Nisa, ma tistax tgħid biżżejjed prosit. Il-Kummissjoni Banda. Prosit. Lili ħalluni ngerger.

Minn qalbi nsellem lil dawk kollha li verament emmnu u ma għadhomx magħna, u kif ukoll lil dawk li jemmnu fis-sehem tagħhom fit-tmexxija tas-Soċjetà Imperial, minkejja kemm kultant ikun diffiċli dan ir-rwol.

Grazzi u Prosit
Int min Int
Il-Festa t-Tajba

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial






# Spend €100
## and get one of the following for **FREE**



3 Packets x 2L Water




5 x 1.5L Soft drinks




700 Bonus Points




€5 Voucher
to deduct from your next shopping

Look out for our monthly **lovevalue!** Catalogue for further discounts

SHOPPERS DISCOUNT SUPERMARKET

Carrefour

Main Street, Mellieha, MLH 2317 | +356 2152 3192 | info@shoppersgs.com

**FREE DELIVERY including to Any Yacht Marina**

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**



***Free Delivery***

# Steffie's
## Hair Studio



73, Parish Street, Mellieħa MLH 1061
(near the Square)
Tel: **2152 5100**,
Mobile: **9986 1283**

**Tuesday Closed**

bain de terre. botanicals

JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR

# Sena oħra ta' Ħidma



**Norbert Vella**
***Segretarju Ġenerali***

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal dak iż-żmien fejn minn fuq dan il-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial toħroġ ta' kull sena fi żmien il-Vitorja, nikteb dawn il-kelmtejn fejn fihom inħobb nispjega l-ħidma kollha li l-każin ikun għadda minnha matul din is-sena.

Propju nhar is-Sibt 29 ta' Marzu, il-membri tal-każin reġgħu afdawli din il-kariga ferm importanti fis-Soċjetà fejn waqt il-Laqgħa Ġenerali ġie elett il-Kumitat Direttiv għas-snin 2014 u 2015. Din ser tkun it-tielet sena tiegħi f'din il-kariga, fejn min hawn inwiegħed li ser nibqa' nagħti l-mija fil-mija tiegħi. Barra mill-membri tal-Kumitat li kien hemm qabel, kellna żewġ membri ġodda li kollha ġew approvati f'din is-seduta. F'din is-seduta wkoll għamilna tibdiliet kbar fl-istatut tal-każin, fejn oġġornajnieh għaż-żminijiet tal-lum. Wara li għaddiet din is-seduta kien imiss li naħtru l-kummissjonijiet li jkunu ta' għajnuna kbira fix-xogħol li jkun irid iwettaq il-Kumitat Direttiv. Min hawnhekk nawgura ħidma sfiqa lil membri kollha tal-Kumitat Direttiv kif ukoll tal-kummissjonijiet f'isem il-każin u ngħidilhom li għal kull għajnuna meħtieġa lili ser issibuni hemm.

Biex inkompli nispjega minn xhiex għadda l-każin din is-sena, eżatt wara li għaddiet il-Festa tal-Vitorja, il-banda u l-kor tagħna bdew iħejju l-programm tal-Festa tal-Knisja t'isfel. Programm li ndaqq nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2013. Apparti l-marċi u l-programmi li jkollna ta' kull sena li issa daħlu fil-kalendarju kulturali tal-Għaqda tagħna, din is-sena ħadna sehem ukoll fis-serata mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bl-isem ta' 'The Mellieħa International Music Festival'. F'dan il-festival il-banda u l-kor tagħna ħejjew programm imżewwaq minn kollox fejn paxxew il-folla kbira li kienet preżenti, kemm Maltin kif ukoll barranin. Il-Banda u l-Kor kellhom l-opportunità wkoll li jdoqqu u jkantaw mal-Banda Ingliża 'Eynsford Music Band'. Barra minnhekk din is-sena wkoll il-Banda u l-Kor irrekordjaw CD b'differenza. F'din is-CD ġiet irrekordjata mużika minn kompożituri Maltin, bħall-'Bajja tal-Mellieħa', 'Taħt Tlett Saltniet' u ħafna iktar mużika Maltija. Għal min huwa interessat li jixtri din is-CD, jista' jagħmel dan mill-bar tal-każin. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-bandisti u l-membri tal-kor, flimkien mas-Surmast u Direttriċi tal-Kor għal ħidma bla waqfien li jagħmlu matul is-sena biex inkunu nistgħu ntellgħu dawn il-programmi kollha li jkollna.

Il-ħidma fil-każin ma tinvolvix biss il-Banda u l-Kor tal-Għaqda, iżda tinvolvi wkoll attivitajiet li matul is-sena jżommu l-każin mimli ħajja. Din is-sena l-Kummissjoni Żgħażagħ organizzaw diversi attivitajiet fosthom wirja tal-presepji, wirja oħra ta' arti u artiġġjanat kif ukoll diversi ikliet. Nixtieq nirringrazzja liż-żgħażagħ kollha tax-xogħol u l-ħin li ddedikaw biex setgħu jittellgħu dawn il-wirjiet kif ukoll dawk l-esibituri li ħadu sehem f'dawn il-wirjiet għaliex bis-sehem tagħhom dawn il-wirjiet kienu ta' suċċess. Bħal kull sena oħra l-Kummissjoni Nisa ukoll kienet ta' spalla fl-organizzazzjoni. Ta' kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar huma jorganizzaw it-tombla fis-sala tal-każin, jorganizzaw ukoll il-ħarġa tant popolari tax-xalata fuq il-Hop On Hop Off, barra li meta jkun hemm bżonn jieħdu ħsieb it-tindif tal-każin speċjalment meta tkun ġejja xi attività. Nixtieq permezz ta' dawn l-erba' kelmiet nirringrazzja mill-qalb lil dawn il-membri tal-kummissjonijiet kif ukoll lil dawk in-nies li

volontarjament jiġu jagħtu l-għajnuna tagħhom biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jiġu organizzati.

Is-sena 2014 bdiet fuq nota tassew tajba. Propju fil-21 ta' Jannar ġewwa l-każin saret okkażjoni tassew storika kemm għal każin kif ukoll għall-Mellieħa inġenerali fejn propju fis-Sala Ewlenija tal-każin ġiet imlaqqgħa il-laqgħa tal-kabinett tal-ministri tal-Gvern. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti il-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat flimkien mal-Ministri u Segretarji Parlamentari. Għal din il-laqgħa ġew mistiedna wkoll is-Sindki tal-Kunsilli Lokali li jinsabu fit-Tramuntana ta' Malta. Nistgħu ngħidu li s-sala kienet ġiet armata b'diversi bnadar li ħolqu ambjent differenti milli s-soltu jkollna f'din l-istess sala.

Għal ħmistax-il sena konsekuttiva, din is-sena sejrin nerġgħu nittrasmettu l-festa ta' Marija Bambina dirett fuq is-sit elettroniku tagħna www.imperialbandclub.com. It-trasmissjonijiet jibdew minn nhar il-Ġimgħa 22 t'Awwissu, propju meta jibdew l-attivitajiet tal-festa u jibqgħu sejrin bla waqfien sat-8 ta' Settembru. Tajjeb li wieħed isemmi li apparti x-xandiriet diretti, fi żmien il-festa wieħed għandu jsib ukoll ritratti tal-attivitajiet li jkunu qiegħdin isiru, intervisti li nkunu ħejjejna għal dan iż-żmien, u għal min ma jkunx jista' jsegwi x-xandiriet diretti, wieħed ikun jista' jsib ukoll *videos* ta' attivitajiet li jkunu saru fil-ġranet ta' qabel. Biex inkomplu fejn ħallejna s-sena li għaddiet, din is-sena ser inkomplu intellgħu l-istorja tal-każin miktuba mis-Sur Jimmy Muscat. Għal din is-sena ħsibna li intellgħu l-istorja mis-sena 1956 sas-sena 1980, is-sena li għalaqna 50 sena. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qalbi lis-Sur Jimmy Muscat tax-xogħol siewi li huwa għamel biex kiteb il-punti ewlenin tal-istorja u lis-Sur Ivan Vella tal-*website*. Nieħdu pjaċir jekk tibagħtulna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom fuq info@imperialbandclub.com.

Bħala Kumitat Direttiv, din is-sena applikajna għal fondi mill-'Aġenzija Żgħażagħ› propju biex nibdew ngħallmu t-teorija tal-mużika ġewwa l-każin. Propju għal dan, l-Aġenzija Żgħażagħ aċċettat il-proposta tagħna bl-isem ta' 'Tagħlim tat-Teorija Mużikali fil-Każin', għalhekk permezz tat-teknoloġija moderna minn Ottubru li ġej ser jibda jsir tagħlim tat-teorija li jkun jista' jwassal għall-eżamijiet. Dan ser ikun miżgħud mat-tagħlim tal-Istrumenti tal-Injam, Strumenti tar-Ram u Strumenti tal-Perkussjoni, li diġà qed jingħata lill-istudenti tagħna, fejn dan kollu jsir bla ħlas. Nappella lil dawk interessati għat-tagħlim tal-mużika biex javviċinawna sa mhux aktar tard mill-21 ta' Settembru 2014. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-għalliema kollha tal-mużika għad-dedikazzjoni li għandhom f'dan it-tagħlim. Din is-sena wkoll il-każin ġie rikonoxxut uffiċjalment bħala għaqda volontarja. Dan ir-rikonoxximent fih kemm obbligi ġodda kif ukoll vantaġġi. Propju wieħed mill-vantaġġi kien li stajna napplikaw għal fondi mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nagħti l-kondoljanzi tiegħi u ta' sħabi tal-kumitat lill-familjari ta' dawk kollha li ħallewna matul din is-sena. Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem

Nagħlaq billi nawgura festa mill-isbaħ, f'armonija ta' ħbiberija, lill-Melliħin kollha, lil ħutna l-emigranti li qegħdin fostna, kif ukoll lil dawk kollha li qegħdin isegwu kollox minn fuq l-internet. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, lill-morda kollha li sfortunatament ma jistgħux ikunu magħna.

Viva l-Banda Imperial. Viva Marija Bambina

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR *www.companyname.com* before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Foto Creative Ltd.
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner · Windows Azure · HTML 5 · ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google · Google Developers · facebook developers


Set in Mellieha's
most amazing panorama
ViewPOINT
RESTAURANT
Opening 4th June
Mediterranean Cuisine serving fresh fish daily
Al Fresco
Open daily
from 7.30pm onwards
For Reservation
Tel:- 2152 1020
or e-mail
reservations@viewpointmalta.com
Panorama Hotel
Dun Belin Azzopardi Street,
Mellieha
www.viewpointmalta.com

TONY'S BAKERY

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

*Tel: 2152 3432*
*Mob: 9945 1519*
*99451514*

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin
kollha l-Festa t-Tajba

Ta' Peter

Bar, Restaurant &
Games Room

*Specialising in*
*Maltese Cuisine*
*&*
*Fresh Fish Dishes.*

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537

# Gaulos Exclusive Art

*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned,*
*Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*

*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u*
*transport ta' rakkmu antik.*

*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll*
*kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*

---

9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401     Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org

# Nikbru u Nissaħħu



**Anthony Schembri**
***Segretarju Finanzjarju***

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa ta' Marija Bambina. Kienet sena li għaddiet f'ħakka t'għajn u dan għaliex kienet mimlija b'ħafna impenji fi ħdan l-Għaqda tagħna li hi tant għal qalbna.

L-Għaqda tagħna baqgħet miexja 'l quddiem, sena wara l-oħra. Qatt ma waqafna, imma bqajna għaddejjin naħdmu biex inkomplu nikbru u nissaħħu dejjem iżjed. Biex dan dejjem ikun possibbli, l-Għaqda tagħna għandha bżonn ħafna flus biex torganizza attivitajiet u kif ukoll għall-manutenzjoni li jirrikjedi każin bħal tagħna.

Għall-grazzja t'Alla, dejjem sibna lil min jgħinna fejn għandhom x'jaqsmu finanzi u kif ukoll xogħol volontarju. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-membri u l-benefatturi kollha li l-għajnuna tagħhom hija ferm apprezzata.

Fost l-attivitajiet li jinvolvu ħafna spejjeż huma l-programmi tal-banda ta' matul is-sena. F'dawn għandek ħafna spejjeż tal-bandisti barranin li matul iż-żmien dejjem jogħlew. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk il-bandisti kollha li jattendu għall-kunċerti u s-servizzi li l-banda tagħmel regolarment. Ninsab ċert li qegħdin jagħmlu sagrifiċċji kbar, meta tqis il-ħajja mgħaġġla tal-lum. Nixtieq nagħmel ukoll appell lil dawk il-bandisti l-oħra inqas attivi jew li m'għadhomx jattendu, għal xi raġuni jew oħra, sabiex jagħmlu l-almu tagħhom u jattendu bħalma jagħmlu sħabhom. Il-ftit ta' ħafna nies jagħmel differenza kbira. Għalhekk b'daqsxejn iktar sens ta' responsabbilità mingħand kulħadd, inkunu qed nagħmlu investiment kbir fil-futur tal-banda tagħna. Barra minn hekk l-ispejjeż li niffrankaw mill-bandisti barranin inkunu nistgħu ninvestuhom f'affarijiet oħra għall-ġid tal-Għaqda tagħna.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi ngħid grazzi lil kull min jirreklama f'dan il-ktieb. Grazzi wkoll lil kull min b'xi mod jew ieħor jgħinna biex inkunu nistgħu norganizzaw attivitajiet kulturali u edukattivi b'risq il-komunità Mellieħija kollha. Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi tmur għall-poplu Mellieħi kollu tal-ġenerożità tiegħu matul is-sena.

Il-Festa tajba lil kulħadd.

Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016

[redacted]

Il-Management u
l-iStaff jawguraw
il-Festa t-Tajba

[redacted]




66, Church Street,
St. Paul's Bay SPB 01
Malta
• Tel: 21 573480, 21 573269
• Fax: 21 572318

GILLIERU
RESTAURANT



# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945 Mob: 99 460 572**

# Ħidma Sħabi u Jien



**John Schembri**
*Direttur*

Bħal kull sena ninsab nikteb dan il-messaġġ li permezz tiegħu nkun aktar qrib tagħkom il-qarrejja. Dan il-messaġġ jinkiteb fiż-żmien li l-ħidma u l-attività fil-każin tkun fl-aqwa tagħha.

Il-ħidma fil-każin ma tieqaf qatt iżda fix-xhur ta' qabel il-festa tkun aktar impenjattiva. Ħafna mill-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati fi żmien il-festa jkunu jinħtieġu preparamenti minn qabel. Grazzi għal sħabi tal-kumitat u membri oħra, li fil-ħin liberu tagħhom jiġu jgħinu fil-każin, ix-xogħol isir aktar malajr u fil-ħin.

Għalkemm il-festa ġġib ħafna xogħol magħha, il-ħidma fil-każin tibqa' għaddejja s-sena kollha. Matul is-sena dejjem ikun hemm ftit xogħol ta' tisbiħ u tibdil. B'hekk il-każin dejjem jinżamm nadif u attraenti għal kull attività u okkażjoni li jkollna matul is-sena. Din is-sena fost l-attivitajiet li kellna, kellna waħda speċjali fejn ilqgħajna l-kabinett tal-ministri. Għal din l-okkażjoni s-sala tal-każin ġiet armata ferm sabiħa u kien ta' unur għalina li lqajnihom fl-għaqda tagħna.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-ħidma li nagħmlu flimkien matul is-sena u lill-kumitati l-oħra li dejjem sibna lil xulxin meta kellna bżonn.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lil Mellehin kollha speċjalment lil dawk sħabna morda li ma jistgħux ikunu magħna iżda żgur inkunu qed niftakru fihom.

**CARMEL VELLA & SONS LTD.**
**GENERAL WHOLESALERS**
*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES, CIGARS & TOBACCO*
**"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa**
**Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855**
**cvelsons@maltanet.net**

# Ħidma bil-Qalb



**Carmen Cini**
***Kumitat Nisa***

Meta niġi biex nikteb dan il-messaġġ biex nitkellem ftit magħkom ta' kull sena, jiġini f'moħħi x-xogħol li għandna quddiemna speċjalment fil-ġimgħat ta' qabel il-festa. Veru li x-xogħol tagħna jibqa' sejjer matul is-sena kollha, imma fiż-żmien li ġej ikunu aktar impenjattiv u kuntatt.

Semmejt is-sena kollha u nista' ngħid li din is-sena kienet ta' unur kbir għas-soċjetà tagħna meta rajna s-sala tal-każin imżejna mill-isbaħ għal okkażjonijiet bħalma kienu l-esibizzjonijiet tal-presepji u tal-artiġjanat u kollezzjonisti. Kien hemm ukoll ħafna okkażjonijiet ta' ferħ u saħansitra ta' tieġ. Ma nistax ma nsemmix ukoll li s-sala nbidlet għal kollox meta ltaqa' l-Kabinett. Tieħu gost tara s-sala tibdel l-aspett tagħha għal kull okkażjoni.

Komplejna nagħmlu s-soltu xogħol tagħna b'attivitajiet matul is-sena, u l-*Coffee Morning* ta' kull xahar baqa' bħal snin oħra popolari ħafna. Attività li ma nistax ma nsemmix hija x-xalata tal-għada tal-festa. Il-pjazza tal-parroċċa reġgħet ħadet xejra ta' festa. Bil-kuluri ta' tliet *double deckers* imżejnin għall-okkażjoni u l-banda ta' grupp ta' żgħażagħ idoqqu fuq waħda minnhom taw veru spettaklu. Ir-rispons ta' din l-attività kien ta' appoġġ kbir għalina sew minn sħabna membri u l-ħbieb tagħhom kif ukoll minn xi emigranti li kienu hawn biex igawdu l-festa magħna. Inwegħdukom li nerġgħu niltaqgħu din is-sena.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringazzja lil sħabi tal-kumitat għax-xogħol siewi li nagħmlu matul is-sena. Nirringrazzja wkoll lil Kumitat Amministrattiv tal-fiduċja li dejjem uriena.

Ma nistax nagħlaq qabel ma nsellem lill-għeżież tagħna morda u ngħidulhom li ma ninsewhom qatt. Min qalbi nsellem ukoll lil dawk l-emigranti li hawn fostna.

Il-Festa t-tajba lil Melleħin kollha.

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*


Flats to Let: "The Pinnacle"
Tel: 9921 4473
Schere
Home Essentials


Schere
Café Bar • Hair • Nails • Beauty • Spa
Triq Sant' Anna, Mellieħa | Tel: 21 522 904 | Mob: 77 522 904



# Il-prodotti finanzjarji tagħna huma reali

Qed toħlom li tixtri dik il-karozza li dejjem xtaqt? Ikseb il-ħolma tiegħek. Staqsina għall-pakkett finanzjarju li l-aktar jgħodd għalik. Kellimna llum.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PERSONAL LOANS**
**2131 2020 | bov.com**
**Ibgħat sms vojt fuq 7969 6975**
**(tariffi normali japplikaw)**

Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130 - Malta



# Inħarsu 'l quddiem…



**Mro. Anthony Borg**
***Surmast***

Huwa ferm diffiċli li f'dawn il-ftit versi li ġejjin, insemmi l-attivitajiet kollha li fihom ħadu sehem il-Banda u l-Kor Imperial matul dawn l-aħħar tnax-il xahar. Kienu żgur xhur ta' impenn, dedikazzjoni u mħabba lejn l-arti mużikali minn dawk kollha involuti biex stajna nwettqu tant ħidma. Din is-sena fost ix-xogħol li issa sar kważi rutina ta' matul is-sena, kellna żewġ avvenimenti importanti li naħseb xieraq li wieħed isemmi.

L-ewwel avveniment importanti kien il-Mellieħa International Music Festival fejn il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem fl-ewwel jum tal-Festival flimkien mal-Banda Eynsford Concert Band minn Kent l-Ingilterra. F'din l-okkażjoni minbarra li ż-żewġ baned daqqew żewġ siltiet mużikali bħala *Massed Band* taħt id-direzzjoni tiegħi u taħt id-direzzjoni tas-Surmast Michael Smith, inkitbet paġna oħra fl-istorja tal-Kor Imperial meta għall-ewwel darba, kanta ma' banda barranija. Kemm is-Surmast Smith u kemm il-mużiċisti tal-Banda kellhom kliem ta' tifħir għall-Kor Imperial. Min jafni, jaf sew, kemm nemmen f'attivitajiet bħal dawn għax permezz tagħhom nwessgħu l-orizzonti mużikali tagħna waqt li aħna bħala pajjiż ċkejken għandna wkoll ħafna x'noffru lil ħaddieħor. Minn qalbi nixtieq nifraħ lill-Eynsford Concert Band immexxija miċ-Chairman Brian Bennett u lis-Surmast Michael Smith li f'Lulju li għadda rebħu n-National Symposium tal-Wind Bands 2014 li sar ġewwa Cantebury fl-Ingilterra.

It-tieni avveniment importanti kien ir-rekording tas-CD li jġib l-isem Nisġiet Mużikali Maltin. Ħriġna b'idea ġdida, fejn minflok is-soltu rekording tal-marċi brijjużi, irrekordjajna mużika Maltija, klassika, pop u folkloristika, li l-biċċa l-kbira minnhom huma ta' awturi u kompożituri Melleħin. Irridu nuru l-mużika tagħna flimkien mal-ħiliet tal-awturi, tal-kompżituri, tal-arranġaturi, tal-mużiċisti u tal-kantanti, lill-oħrajn. Huma teżori, li minnhom għandna ħafna ġewwa l-Mellieħa li ħafna minna lanqas biss nafu bihom, aħseb u ara kemm napprezawhom. Nixtieq nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu biex inkunu nistgħu nagħmlu din is-CD.

Din is-sena komplejna wkoll il-ħidma tagħna biex inkomplu nirristrutturaw it-tagħlim tal-mużika ġewwa l-Għaqda tagħna. Permezz tal-Aġenzija Żgħażagħ ġejna mogħtija għajnuna biex inkunu nistgħu nirristrutturaw it-tagħlim mużikali. Inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jibdew jitgħallmu l-mużika biex jimlew l-applikazzjoni tagħhom mill-aktar fis u jgħadduha lill-membri tal-kumitat biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti meħtieġa.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu biex l-Għaqda Mużikali Imperial kellha sena oħra mużikali mill-aqwa. GRAZZI MILL-QALB.

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

Ikkuntattjana fuq *e-mail*:

**info@imperialbandclub.com**

# Ħidmet iż-żgħażagħ fil-każin



**Clayton Vella**
*Sezzjoni Żgħażagħ*

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal iż-żmien biex nikteb dawn il-kelmtejn rigward ix-xogħol li jsir mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa l-każin. Nixtieq l-ewwel nett ngħid grazzi lill-Kumitat Direttiv li għoġbu jaħtarni *chairperson* ta' dan il-grupp u nilqa' fostna lil dawk il-membri ġodda li daħlu magħna. Din is-sena kellna sena impenjattiva ħafna għax hekk kif għaddiet il-festa tal-Vitorja kif ukoll il-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa, bdew il-laqgħat dwar il-wirja tal-presepji. Wara r-rispons li kellna fuq is-sena l-oħra ġie deċiż li din is-sena l-wirja tikber għalhekk saret ġewwa s-sala ewlenija tal-każin fejn kellna presepju mekkanizzat, presepju biċ-ċikkulata u diversi presepji oħra. Iktar dettalji fuq din il-wirja jinstabu iżjed 'il quddiem f'dan il-ktejjeb.

Wara sena assenza, din is-sena reġgħet itellgħat il-wirja li ssir fl-ewwel xhur tas-sena fejn din is-sena għażilna t-tema 'Passatempi u Kollezzjonijiet'. Din il-wirja ntlaqtet tajjeb ħafna mill-pubbliku li ġie jżurha. Dan ikompli jqawwina biex inkomplu naħdmu fuq wirjiet oħra.

Komplejna l-ħidma tagħna fejn jidħlu preparamenti għall-banda fejn din is-sena kienet sena impenjattiva ħafna. Wara li għadda l-programm annwali ta' Ħadd il-Palm bdew il-preparamenti għall-Festival Internazzjonali tal- Baned li sar bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju fejn il-banda tagħna ħadet sehem fis-serata tal-ftuħ u kienet ta' esperjenza sabiħa ħafna ndoqqu ma' Einsford Band. Wara li spiċċa l-programm u riċeviment fis-sala tal-każin ġie organizzat *karaoke* mis-Sezzjoni Żgħażagħ fejn kien hemm konkorrenza sabiħa.

Erġajna armajna s-sala tal-kunċerti fejn ġimgħatejn wara għamilna *recording* għall-ewwel darba ġewwa s-Sala tal-Mużika tagħna stess. Hekk kif għadda r-*recording* għamilna preparamenti għall-programm tal- ħġejjeġ ta' San Ġwann. Dawn l-avvenimenti jinvolvu ħafna preparamenti ta' mużika u għal kull programm tintagħże mużika differenti. Din is-sena ġie deċiż mis-Sezzjoni Żgħażagħ li norganizzaw ikla għal Jum l-Omm u Jum il-Missier. L-ikla ta' Jum l-Omm ġiet organizzata nhar id-9 ta' Mejju fejn organizzajna *Pasta & Karaoke Night* u kellna numru sabiħ ta' nies. Ġiet mgħotija qasrija lil kull mara preżenti. Għal Jum il-Missier ġie deċiż li jsir *Cold Buffet & Karaoke Night* nhar it-13 ta' Ġunju fejn kellna nurmu sabiħ ta' nies ukoll.

Il-qofol tax-xogħol għal-festa jibda għall-bidu ta' Lulju meta nibdew induru mal-Mellieħa niġbru l-flus għall-festa kif ukoll it-tqassim bil-*magazine* tal-festa fejn dawn tal-aħħar jirrikjedu ħafna xogħol u konkorrenza minn kulħadd biex jsiru f'qasir żmien.

Nixtieq ngħalaq dawn il-kelmtejn billi f'ismi u f'isem sħabi tas-Sezzjoni Żgħażagħ nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nħeġġeġ lil sħabi biex inkunu iktar numerużi għad-diversi attivitajiet li jsiru matul is-sena għax b'hekk ix-xogħol jinqasam fuq iżjed idejn u jkun hemm inqas tbatija. Viva Marija Bambina u Viva l-Banda Imperial.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***

# Attivitajiet 2013



*BBQ*
*(23-08-2013)*



*Festa Madonna*
*tal-Mellieħa*
*(29-09-2013)*



*Il-Każin Imperial*
*f'Jum il-Festa tal-Vitorja*
*(08-09-2013)*



*Jum it-Tifkira (10-11-2013)*



*Kor - Iljieli Mellieħin (10-08-2013)*



*Lejliet il-Festa (07-09-2013)*

*Milied Mellieħi (21-12-2013)*





*Riċeviment għall-Emigranti (30-08-2013)*



*Tug-Of-War (04-05-2014)*



*Tombla Specjali (28-08-2013)*

# August 2014



**Shirley Helleur** (B.A ,L.R.A.M ,L.T.C.L , P.G.C.E. )
***Choir Director of The Imperial Choir***

So what does a choir director actually do? The easy answer to this question is that a choir director leads a vocal ensemble but, in reality, he or she does so much more than this. For a start, you have to select the pieces that your choir will sing very carefully, ensuring that the standard and style are right and appropriate for each occasion and for your own singers. This sounds such an easy thing to do but you have to pay attention to your choir's strengths and weaknesses. Simpler is always better as over-challenging the choir results in unnecessary stress for everybody involved. The wrong choice of repertoire, especially when dealing with a mixture of trained and untrained voices, is a recipe for disaster. You want to be able to challenge the more able readers whilst not discouraging the rest.

In an ideal musical world your choir would have a large, well-known and loved repertoire which the conductor could select from at will and, with just a few minutes rehearsal, any chosen arrangement would be ready for public performance. If only it were this simple in practice! Learning new material takes hours of rehearsal time - my ladies will confirm this - but it is so easy to forget pieces that were performed to a decent standard last year.

A choir director needs a vast variety of musical skills. You need to be a good accompanist and a reasonable singer with great aural awareness and fine sight - reading ability. It certainly helps if you have a background in teaching, theory, harmony, arranging and vocal production, plus conducting, of course. You must keep an open mind at all times and be ready to pick up useful tips and try out new music. Languages skills are a real bonus although, sadly, I have to admit that this is not one of my strengths. Before stepping out in front of any choir, you have to be totally prepared and must never ask anything of your singers that you can't do yourself. It is up to the conductor to set the tone of rehearsals by being punctual and knowing exactly what they want to have achieved by the end of the evening.

People join a choir for a host of different reasons. Some may come just for a night out and a chance to gossip with their friends, whilst for others it is a much more serious venture. The ultimate goal for all of your singers, however, is to perform choral music to the best of their ability and to give pleasure to their audiences. It is the job of the choral director to inspire the singers by communicating, both verbally and physically, their wishes to the choir. You need to be a pretty good manager as each singer requires something different from the conductor. Rehearsals should be worthwhile and enjoyable for both choir members and conductor and it is the role of the conductor to nip any problems in the bud in order to preserve harmony within the group. A good director truly cares about each member of the ensemble .

In conclusion, it is a combination of skills and talents, plus a deep love of music and a lot of hard work, that makes a successful choral director. However, any conductor will be sorely tested when trying to put together a programme and not being able to get everyone to rehearsals as a deadline approaches. Unfortunately, this scenario happens time and time again. I recently read an article and I thought that I'd share this short extract from it with you.

"From experience, I think that there is little worse for choral singers than having a panic-striken conductor hammering away at a tricky section right up to the wire, then declaring that time has run out and finishing the rehearsal with a plea for everyone to do their homework" Does this ring any bells, ladies? I can almost hear myself saying these words!

To all members of the Imperial Choir, I would like to say thank you for your sense of humour, your enthusiasm, your commitment and your fantastic organisational skills in balancing family, work and musical commitments. I apologize for my looks of utter hopelessness at times and my nagging at other moments but, somehow, we seem to gel as a team and rise to the occasion. A very happy festa to you all.

# Banda Attiva



**Philip Schembri**
*Għalliem*

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd! Kif jgħaddi ż-żmien! Sena tgħaddi bħal ħolma u erġajna qed ngħixu dan iż-żmien sabiħ.

Bħal kull sena, irrid insemmi u nfaħħar l-impenn kbir li l-bandisti u l-kor tagħna flimkien mas-Surmast u l-kumplament tat-tmexxija jagħtu matul is-sena kollha. Dawn, sena wara l-oħra qed jirnexxilhom itellgħu numru sabiħ ta' kunċerti mużikali ta' livell aċċettabbli li mingħajr ebda dubju qed jgħinu ħafna lill-Għaqda tagħna biex tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħha, kemm mużikali kif ukoll soċjali. Għandna napprezzaw dak kollu li jsir, filwaqt li nuru wkoll l-apprezzament tagħna lejn dan it-talent kbir li l-Mulej għoġbu jżejjinhom bih. L-appell tiegħi hu biex tagħtu aktar kuraġġ u sodisfazzjon lil dawn il-mużiċisti billi tattendu aktar bi ħġarkom għall-kunċerti li jittellgħu minn żmien għal żmien speċjalment issa f'dan iż-żmien tal-festa. Fuq kollox, ma rridux ninsew li l-iskop tat-twaqqif tal-banda tagħna kien li tkabbar il-festa ad unur ta' Ommna Marija Bambina filwaqt li tgħolli isem raħalna l-Mellieħa. Għalhekk, żgur li aktar ma' tipparteċipaw aktar tkunu qed timxu skont ix-xewqa tal-antenati tagħna li ħallew lilna dan il-wirt hekk kbir!

Mela ejjew ningħaqdu għalenija biex flimkien niċċelebraw festa li tassew tixraq lill-Bambina! Il-festa tagħna hija mqassma bl-aħjar mod fejn l-attivitajiet esterni huma kollha kumplimentari għall-festi li jsiru fil-Knisja u għalhekk għandha titgawda minn kull aspett.

Fl-aħħar nett, inrodd ħajr 'l Alla u 'l Ommna Marija li waqt ħidmietna dejjem ikunu magħna u jħarsuna.

Il-festa t-tajba.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

***Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial***

CAB & TRANSPORT SERVICES

AIRPORT SHUTTLE BUS



drifter

www.driftercarhire.com

t: 2152 3535

e: info@driftercarhire.com

TA' SOLDI

RESTAURANT

the heart of good food!

RESTAURANT
PIZZERIA
TAKE AWAY
BAR CAFE
DOLCERIA

# Ta' Kanani

Pizzeria • Bar • Restaurant
3 Main Street,
Mellieħa

Tel: 21522562

Take Away Pizza
also available

*Alex Briffa – Chef*
*Alfred Xuereb – Manager*

*Try our Pizza and you won't be disappointed*

# Christopher Sciberras

**86 Triq l-Għoljiet**
**Il-Mellieħa**

Car & Truck Batteries
Delivered to your door

**7966 6623**

# Djarju
## 2013 - 2014

**Mit-23 t'Awwissu sad-9 ta' Settembru 2013**
Programm t'attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

**1 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

**1 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm vokali u strumentali tal-festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

**4 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-Festa mis-Soċjetà Filarmonika La Vittoria.

**5 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

**6 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi, Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa fil-Mellieħa Sports Club.

**10 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

**29 ta' Settembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Mellieħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**29 ta' Settembru 2013**
Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial ġewwa Misraħ iż-Żjara tal-Papa, ġewwa l-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tas-Santwarju.


*29-09-2013 - Festa Knisja t'Isfel*

**2 ta' Ottubru 2013**
Sar *Coffee Morning* ġewwa s-Sala ewlenija tal-każin.

**10 ta' Ottubru 2013**
Sar il-funeral ta' Joseph Mifsud, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**20 ta' Ottubru 2013**
Il-Kor Imperial ħa sehem waqt iċ-ċelebrazzjoni li saret ġewwa l-Laboratorju tal-Paċi f'ġieħ San Franġisk t'Assisi. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

**6 ta' Novembru 2013**
Sar *Coffee Morning* ġewwa s-Sala ewlenija tal-każin.

**8 ta' Novembru 2013**
Saret l-ikla annwali għall-bandisti u membri tal-Kor Imperial flimkien mal-familjari tagħhom fil-Każin.

**10 ta' Novembru 2013**
Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għar-ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħa sehem il-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.



10-11-2013 - Jum it-Tifkira

**15 ta' Novembru 2013**
Sar il-funeral ta' Mark Gauci, żagħżugħ Mellieħi. Membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**21 ta' Novembru 2013**
Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-kunvent ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta ċċelebrata mill-E.T. Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Appostoliku għal Malta. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

**22 ta' Novembru**
*Birthday Party* Anthony Grech

**30 ta' Novembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned. Wara ħadu sehem fl-isfilata tal-Baned.

**4 ta' Diċembru 2013**
Sar *Coffee Morning* ġewwa s-Sala ewlenija tal-każin.

**6 ta' Diċembru 2013**
Il-Kor Imperial ħa sehem waqt Quddiesa li saret ġewwa r-Rotunda tal-Mosta fl-okkażjoni tat-93 anniversarju tal-Partit Laburista. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

**7 ta' Diċembru 2013**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali mtella' mill-Banda La Vittoria ġewwa s-Seabank Hotel tal-Mellieħa.

**8 ta' Diċembru 2013**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Kunċizzjoni ċċelebrata f'Bormla.

**13 ta' Diċembru 2013**
Ftuħ uffiċjali tal-Wirja ta' Presepji imtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-wirja damet miftuħa sal-1 ta' Jannar 2014.

**17 ta' Diċembru 2013**
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-Mellieħa Holiday Centre.

**21 ta' Diċembru 2013**
Il-Kor Imperial esegwixxa Kunċert Korali taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



21-12-2013 - Kor Milied Mellieħi

**22 ta' Diċembru 2013**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa r-Ramla Bay Hotel, l-Armier.

**24 ta' Diċembru 2013**
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**26 ta' Diċembru 2013**
Il-Banda Imperial daqqet programm ta' Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

**26 ta' Diċembru 2013**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-Maritim Antonine Hotel & Spa, il-Mellieħa.

**28 ta' Diċembru 2013**

Logħba futbol bejn l-Għaqda Mużikali Imperial u s-Soċjetà Filarmonika La Vittoria ġewwa l-*ground* tal-Mellieħa, b'risq id-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi. Il-logħba ġiet organizzata bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ taż-żewġ għaqdiet.

**31 ta' Diċembru 2013**

*Dinner Dance* tal-aħħar tas-sena fil-Każin.

**1 ta' Jannar 2014**

Rappreżentanti mill-Għaqda Mużikali Imperial kienu preżenti waqt il-ġbir ta' fondi mid-Dar tal-Providenza, tas-Siggiewi, fejn ġie ppreżentat *cheque* ta' €315 miġbur waqt il-logħba ta' ħbiberija li intlagħbet bejn iż-żewġ għaqdiet.

**2 ta' Jannar 2014**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

**8 ta' Jannar 2014**

Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**21 ta' Jannar 2014**

Saret laqgħa tal-Kabinett tal-Gvern Malti fis-sala ewlenija tal-każin.



*21-01-2014 - Laqgħa tal-Kabinett*

**2 ta' Frar 2014**

Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fis-sala tal-Iskola tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta. Jakkumpanjaw lill-Banda kien hemm il-Kor Regina Coeli tal-Imġarr.

**5 ta' Frar 2014**

Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**15 ta' Frar 2014**

Sar il-funeral ta' Charles Buttiġieġ, membru onorarju tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**22 ta' Frar 2014**

Sar il-funeral ta' Maria Cauchi omm is-Sur Joe Cauchi, Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria. Membri tal-kumitat kienu preżenti waqt il-Quddiesa Presente Cadavere.

**5 ta' Marzu 2014**

Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**6 ta' Marzu 2014**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għaċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Kunsill', attività organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**9 ta' Marzu 2014**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal quddiesa ċċelebrata fil-knisja parrokkjali tal-Manikata fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Kunsill', attività organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**14 ta' Marzu 2014**

Ftuħ uffiċjali tal-Wirja ta' Passatempi u Kollezzjonijiet imtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-wirja damet miftuħa sal-21 ta' Marzu 2014.

**17 ta' Marzu 2014**

Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, bil-kollaborazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, ġewwa l-każin ġie organizzat qrar minn Patri Dijonisju Mintoff.

**29 ta' Marzu 2014**

Saret is-Seduta Ġenerali tal-Kumitat Direttiv.

**2 t'April 2014**

Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**8 t'April 2014**

Il-Kor Imperial ħa sehem fil-ftuħ tal-Mejda tal-Appostli fiċ-Ċentru Parrokkjali. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

**9 t'April 2014**

Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli fl-istess Każin.

**12 t'April 2014**

Ħarġa Kulturali organizzata mis-Sezzjoni



12-04-2014 - Ritratt Ħarġa Wirjiet Ġimgħa l-Kbira

Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial fejn morna naraw wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira.

**13 ta' April 2014**

Kunċert annwali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.



13-04-2014 - Programm Ħadd il-Palm

**25 t'April 2014**

Sar il-funeral ta' Joseph Bonanno, membru onorarju tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**25 t'April 2014**

Sezzjoni mill-Bandisti u Aljievi tal-Għaqda Mużikali Imperial kellhom il-provi uffiċjali taħt is-superviżjoni tas-Surmast Alan Chircop, Surmast tal-Banda Nazzjonali fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Baned. Din l-attività kienet imtellgħa bħala parti mill-attivitajiet tal-*Band On The Run* organizzata mill-kumitat tal-Valletta 18.

**26 t'April 2014**

Sezzjoni mill-Bandisti u Aljievi tal-Għaqda Mużikali Imperial daqqew xi siltiet mużikali fil-preżenza tal-Banda Nazzjonali fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

**8 ta' Mejju 2014**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' pitturi bl-isem ta' 'Paintings by Jeni' mtellgħa mis-Sinjura Jane Caruana ġewwa l-Każin tal-Banda La Vittoria.

**4 ta' Mejju 2014**

L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem waqt attività mtellgħa mill-Mellieħa Sports Club Supporters Club biex jinġabru flus b'risq il-Malta Red Cross. Is-sehem tal-każin kien li ħadna sehem bit-team tat-*Tug-Of-War*.

**7 ta' Mejju 2014**

Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**9 ta' Mejju 2014**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial organizzaw *Pasta* u *Karaoke Night* fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.

**30 ta' Mejju 2014**

Il-Banda flimkien mal-Kor Imperial esegwixxew programm vokali u strumentali fil-Mellieħa International Music Festival imtella' mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Huma wkoll daqqew u kantaw 2 siltiet flimkien mal-Banda mir-Renju Unit Eynsford Concert Band.

**31 ta' Mejju 2014**

Sar il-funeral ta' Carmelo Stellini, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**4 ta' Ġunju 2014**

Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**13 ta' Ġunju 2014**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial organizzaw *Cold Buffet* u *Karaoke Night* fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.



13-06-2014 - Ikla Jum il-Missier

**14 ta' Ġunju 2014**
Sar ir-*recording* ta' siltiet mużikali Maltin, ġewwa s-Sala tal-Kunċerti fil-Każin tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**22 ta' Ġunju 2014**
Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

**26 ta' Ġunju 2014**
Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt il-Festa tal-Ħġejjeġ ta' San Ġwann organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Pjazza tal-Parroċċa.



*26-06-2014 - Programm Ħuġġieġa ta' San Ġwann*

**27 ta' Ġunju 2014**
Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

**28 ta' Ġunju 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-kunvent ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinanza tas-soru Michelina Mifsud.

**2 ta' Lulju 2013**
Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**15 ta' Lulju 2014**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

**16 ta' Lulju 2014**
Saret laqgħa għand il-Kappillan fejn ġie diskuss il-Programm tal-Festa mħejji miż-żewġ Għaqdiet tal-Banda, mill-Grupp tan-Nar kif ukoll mill-Knisja.

**20 ta' Lulju 2014**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

**30 ta' Lulju 2014**
Sar il-funeral ta' Charles Cauchi, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**6 t'Awwissu 2014**
Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**10 t'Awwissu 2014**
Kunċert mill-Kor Imperial fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**14 t'Awwissu 2014**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

**25 t'Awwissu 2014**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

**31 t'Awwissu 2013**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.

MG MELLIEĦA GARAGE
RENT-A-CAR
SELF DRIVE CARS AND TAXI SERVICE
SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS
151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net

# Nifirħu...

Lil Thea Gauci li ħadet sehem fil-programm Sajf ma' Gaffiero fejn ġiet ikklassifikata fit-tieni post fil-kategorija tagħha. Thea ġiet ukoll magħżula biex f'Novembru titla' tikkompeti f'Berlin.

Iktar 'il quddiem Thea Gauci ħadet sehem f'San Remo Junior Festival Malta. Dan il-festival sar fil-5 t'April ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fejn Thea kklassifikat fit-tmien post u ġiet magħżula biex tirrappreżenta lil Malta ġewwa t-Turkija fil-Festival Shining Star.

Lil Alexia Micallef li ħadet sehem f'festival internazzjonali tal-mużika fil-Bulgarija bl-isem ta' Siver Yantra u rnexxielha tirbaħ *Diploma for Excellent Performance*. Hija kienet ukoll magħżula fost l-aħjar kantanti f'dan il-festival.

Lil Marco Gauci li ġie rikonoxxut bħala l-ikbar kollezzjonist tal-Formula 1 ġewwa Malta. Huwa ngħata ċertifikat mingħand il-Malta Records għall-akbar kollezzjoni ta' mudelli tal-Formula 1.

Lil Gilbert Bartolo li kklassifika fit-tieni post fit-tellieqa Malta-Gozo-Malta organizzata nhar is-Sibt 17 ta' Awwissu 2013 minn Birkirkara St Joseph. Huwa qasam il-fliegu bejn Malta u Għawdex darbtejn f'ħin ta' sagħtejn u 59 minuta.

Lil Marlon Borg li ħa sehem fl-Elite Challenge ġewwa l-Ungerija. L-Elite Challenge hija sfida fiżika mqassma fuq ħamest ijiem u hi bbażata fuq it-taħriġ tas-suldati Amerikani. Marlon kien l-ewwel persuna mhux Ungeriż li pparteċipa f'din l-isfida.

Lill-Mellieħa Youth li għal sena oħra telgħu Lourdes jgħinu lil dawk inqas ixxurtjati minna. Huma kienu jiffurmaw parti minn grupp Malti mmexxi minn Monsinjur Charles Scicluna.

Lil dawk il-persuni kollha mill-Mellieħa li ggradwaw jew kellhom suċċess akkademiku matul l-aħħar sena skolastika mid-diversi istituzzjonijiet edukattivi fosthom l-Università, l-MCAST, l-ITS u oħrajn.

Liż-żewġ timijiet ta' Selmun Bar li kklassifikaw fl-ewwel u fit-tieni post fil-kampjonat Nazzjonali tal-American Pool. Barra minn hekk diversi plejers intagħżlu sabiex jirrappreżentaw lil pajjiżna fil-Black Ball Nation's Cup.

Lil Marvin Gauci li huwa s-sid tar-ristorant Terragon li matul iċ-ċerimonja organizzata minn The Definitive(ly) Good Guide to Restaurants rebaħ rekord ta' disa' premijiet fosthom Overall Best Restaurant in Malta, Best Food, Best Service, Most Mentioned, Best Business Entertainment, Most Romantic, Best Vegetarian Options, People's Choice Wine List u Best Maltese Wine List.

Lil William Chetcuti li għat-tielet sena konsekuttiva kien ivvutat bħala l-Isportiv Nazzjonali tas-Sena 2014 mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Sportivi.

Nifirħu wkoll lil dawk il-persuni kollha li kienu nvoluti fil-pantomima 'Made in China' li ttellgħet ġewwa s-sala tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Prosit ukoll lil Mark Cachia li dderieġa l-pantomima għall-ewwel darba.

Lil Raquel Cutajar li nħatret bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill tal-Mellieħa. Bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ hija għandna d-dritt tattendi l-laqgħat tal-Kunsill u kif ukoll tkun involuta fid-diskussjonijiet.

Lil Carmel Bartolo ġie maħtur bħala President tal-Kunsill Skolastiku, Skola Primarja tal-Mellieħa mill-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Evarist Bartolo. Huwa serva għal ħafna snin fil-qasam edukattiv kemm bħala għalliem kif ukoll bħala Assistent Kap f'diversi skejjel sekondarji. Carmel serva wkoll bħala viċi President tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Futbol għal diversi snin. L-esperjenza tiegħu f'dawn l-oqsma żgur li ser tkun ta' benefiċċju fil-ħidma tal-Kunsill Skolastiku.

Lil Antonia Micallef, li fl-24 edizzjoni tal-Malta Journalism Awards organizzati mill-Istitut tal-Ġurnalisti Malta rebħet l-unur għall-Ilsien Malti fil-Ġurnaliżmu.

Lil-Logutenent Stephanie Debono li ntgħażlet mill-President Marie-Louise Coleiro Preca sabiex isservi fil-kariga tal-Aide-de-Camp tagħha.

Lil Damian Buhagiar li f'Ġunju spiċċa il-kors tal-BA (Hons) fil-Musical Theatre mill-Arts Educational Schools London, Chiswick, u fit-8 ta' Settembru ser jiggradwa mis-City University, London, u akkredidat mill-Council for Dance Education and Training. Hu qiegħed ukoll jieħu sehem f'diversi *musicals* ta' fama mondjali u qiegħed ikollu ħafna kummenti ta' tifħir minn esperti tat-teatru.

Lill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina li ħadet sehem għall-ewwel darba fil-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art u kklassifikat fit-tielet post. Nawguraw ukoll lill-istess Għaqda f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha.

Lil Twanny Darmanin għall-esebizzjoni tal-arti kontemporanja bit-titlu *Time Lapse* li tella' fil-Berġa tal-Italja. Xi ħaġa interessanti waqt din il-wirja kien il-fatt li kienu esebiti wkoll l-i*sketches* oriġinali ħdejn il-pitturi. B'hekk din l-esebizzjoni kienet waħda ferm iktar kompluta u tagħti idea tal-ħsibijiet tal-artist wara kull pittura.

Lil Neil Sant għas-sehem tiegħu f'San Remo Junior Festival Malta bil-kanzunetta Who's Loving You. Hu rebaħ it-*televoting award* u l-*audience award*. Awguri lil Neil għal iktar suċċessi fil-karriera tiegħu.

Lil Artemocion Dance & Leisure Studio li iktar kmieni din is-sena ħadu sehem fil-Karnival Malti organizzat fit-Tuneżija. Din kienet esperjenza oħra għal diversi studenti Melleħin sabiex jesebixxu t-talenti tagħhom barra minn Malta.

Lil Kelsy Attard li ħadet sehem f'konkors tal-kanzunetti fir-Rumanija u kklassifikat tajjeb ħafna f'diversi kategoriji. Nawguraw iktar suċċessi lil Kelsy Attard.

Lil Raissa Baldacchino li ntgħażlet sabiex tirrappreżenta lil Malta fil-kompetizzjoni tal-iSwiss Youth Synchronised Swimming li sar f'Mejju li għadda ġewwa Lugano.

Lil Malta Kyokushin Karate Federation li ħadu sehem fil-Kyokushin Karate Student Olympics li saru ġewwa l-Ungerija. Il-kompetituri kollha li ħadu sehem rebħu xi midalja matul din il-kompetizzjoni.

Lil Dr Joanne Vella Cuschieri li nħatret fil-kariga ta' Maġistrat fix-xhur li għaddew. Hija twieldet fl-1976 u laħqet avukat fl-2001.

SAMMY BUTTIGIEG
ĊIKKIEŻ
FRUIT WHOLESALER
Eggs, Vegetables and Fruit Supplier to Hotels, Caterers and Vendors.
Il-Mitħna, St. Luke Str., Mellieħa, MLĦ 1150 Mob: 9988 3773 Tel: 21 523497, 21 520615



seabank
RESORT + SPA ALL-INCLUSIVE ★★★★

**ALL INCLUSIVE WEEKEND BREAKS SPECIAL STARTING FROM €189* on All-Inclusive basis for TWO adults+ for any TWO nights.**

* €189 offer applies during the periods 1–23 December 2012 and 3–31 Jan 2013.
+ 1 child up to 11 years is always free with two accompanying adults at Seabank.

Enjoy unlimited food and drinks from 07:30HRS until 23:00HRS! Also includes parking, wifi, in-room tea & coffee facilities, full animation and evening entertainment programmes, kids club, spa facilities, choice of 2 restaurants for lunch and dinner, etc…

**ALL INCLUSIVE SUNDAY LUNCHES**

Price includes free flowing wine, soft drinks and even beer as you taste an endless assortment of delights from our buffets, made in front of you by our dedicated chefs.

**Adults €25.00 and Kids €12.50 (4-12yrs)**

Coral
RESTAURANT

AQUA MARINE
SPA AND FITNESS

**REVITALIZE YOURSELF AT THE AQUAMARINE SPA**

Rouge Corail Exfoliation, Hydro bath with Ocean Crystals and An Energizing Full Body Massage, Sauna and Steam Room – ALL for €60

Other treatments, packages and gym memberships are available. Speak to our experienced therapists on
T 2289 1330 E spa@seabankhotel.com

**T** 2289 1000 **E** info@seabankhotel.com
**W** www.seabankhotel.com **FB** www.facebook.com/seabankresort

The ARCHES
Restaurant & Wine Cellar

George Borg Olivier Street, Mellieha - Malta   Tel› (+356) 21 523 460
Email› info@thearchesmalta.com   Website› thearchesmalta.com







*elegant refined exquisite*


J.ATTARD
SKIP HIRE & HIGH UP SERVICES
+356 99460397
+356 99820454
LARGE & MINI SKIPS
FREE SCRAP METAL COLLECTION


J & G
Discount
Discount Detergent Shop
Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948
Opening Hours
Mon-Fri:
8.30 – 13.00 & 16.00 – 9.30
Sat: 8.30 – 2:00
Free
Delivery


the
skin
studio
Laser Hair Removal
Triq Massabielle,
San Ġwann SGN 1442,
T: 2736 8694
M: 9936 8694
E: info@theskinstudio.com.mt
/The-Skin-Studio

# Niftakru
## f'dawk li ħallewna

**Joseph Mifsud**
8 t'Ottubru 2013

**Charles Buttigieg**
14 ta' Frar 2014

**Joseph Bonanno**
24 t'April 2014

**Carmelo Stellini**
29 ta' Mejju 2014

**Alfred Borg**
2 ta' Lulju 2014

**Charles Cauchi**
28 ta' Lulju 2014

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII




General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com


Day Memberships •
DJ Nights •
Parties & Weddings •
A La Carte Dining •
Serving fresh fish
direct from local fishermen
HOLA BEACH
summer magic
Marfa Bay Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt www.rivierahotelmalta.com
RIVIERA
RESORT & SPA • MALTA
We are open for you this summer: Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane
Fruit and Veg. Ltd.
1565
meals go better with Coca-Cola


The All-inclusive Trattoria
melanzane
trattoria
All you can eat & drink from our
Pizza, Pasta, Salads & Desserts Buffet
Buffet for €15.00 per person Beverages included
Children up to 10 years €10.00
OPEN DAILY
FOR DINNER
Marfa Bay | Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt
www.rivierahotelmalta.com
RIVIERA
RESORT & SPA • MALTA
We are open for you this summer
Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane
1565
Fruit and Veg. Ltd.
meals go better with Coca-Cola


Sol e Mar
bistro
Al fresco dining
Open daily
for lunch & dinner
Dine under the stars
on our seafront terrace
Come enjoy our Mediterranean kitchen
with fresh ingredients & an extensive wine list
Marfa Bay | Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt
www.rivierahotelmalta.com
RIVIERA
RESORT & SPA • MALTA
We are open for you this summer
Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane
meals go better with Coca-Cola
1565
Fruit and Veg. Ltd.

# Għaqda tan-Nar Marija Bambina Mellieħa

**Trevor Vella**
*Segretarju*

L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina Mellieħa twaqqfet fl-1989 u għaldaqstant din is-sena qed tiċċelebra l-25 sena anniversarju. L-iskop ewlieni tal-Għaqda dejjem kien li jiġi organizzat il-logħob tan-nar għall-ġranet tal-festa, u minkejja xi ntoppi li nqalgħu matul is-snin, dejjem wettqet id-dmir tagħha għal kull festa li ġiet iċċelebrata ad unur Marija Bambina. Kien hemm snin fejn tpaxxejna b'ħafna nar u oħrajn b'inqas, però l-Għaqda dejjem baqgħet għaddejja biex illum wasalna fejn wasalna.

Jekk nħarsu naqra lura nistgħu ngħidu li l-wirja spettakolari minn fuq il-knisja lejliet il-festa, illum tista' titqies bħala attrazzjoni ewlenija għal tant Maltin u turisti li jiġu jżuruna fi żmien il-festa. Il-knisja parrokkjali u l-pjazza ta' quddiemha jħalluk ittella' spettaklu li jkun jista' jitgawda. Din is-sena ħsibna sabiex din il-wirja tiġi mżewqa b'elementi oħra li żgur ser tibqa' stampata fil-memorja ta' dawk preżenti.

Min-naħa l-oħra sar progress kbir fejn jidħol nar tal-art. L-enfasi mhux fuq il-kwantità imma fuq il-kwalità u l-mekkaniżmi u l-kuluri joffru spettaklu ta' nar tal-art lejliet il-festa. Xhieda ta' fejn wasalna hu t-tielet post li kisbet l-Għaqda tan-Nar fil-Floriana għall-festival tan-nar tal-art mekkanizzat li sar f'Mejju ta' din is-sena.



Ma jonqosx il-logħob tan-nar tal-ajru, li jkun mistenni minn ħafna Melleħin u kull min ikun magħna speċjalment l-aħħar jumejn. Il-kaxxi infernali Spanjoli u l-murtali tal-logħob li kienu jinħarqu waqt il-ħruġ tal-vara kienu kisbu popolarità kbira mal-Maltin filwaqt li lejlietha u nharha filgħaxija dejjem ġie offrut logħob tan-nar sabiħ, b'diversi murtali u baraxxijiet. Wara xi diffikultajiet li nqalgħu xi snin ilu, l-Għaqda ħadmet bis-sħiħ sabiex tagħti spinta 'l quddiem sabiex kulħadd ikun jista' jibqa' jgawdi l-ispettaklu tan-nar li mdorrijin naraw f'festi oħra ġewwa Malta. Is-sena l-oħra ttellgħet għall-ewwel darba wirja piromużikali "Symphony of Colours" u kienet suċċess u għaldaqstant din is-sena ser nassistu għal wirja oħra spettakolari lejliet il-festa li ser tkun maqsuma fi tliet partijiet. Ħa nassistu għal varjetà ta' logħob tan-nar li tinkludi murtali tal-beraq u kulur, blalen, disinji, fjammi u żbruffi. Fl-aħħar parti ser nassistu għal ħarqa ta' blalen kbar sabiex niċċelebraw il-25 sena anniversarju. Ma jonqsux ukoll il-murtali tal-logħob u tal-kulur kemm lejlietha u nharha. Kaxxi infernali Spanjoli u murtali ser jinħarqu wkoll fil-ħruġ min-niċċa, fit-Tranżlazzjoni u mhux inqas waqt il-ħruġ tal-vara.

Però l-Għaqda tan-Nar tkun involuta matul is-sena kollha b'numru ta' attivitajiet immirati għall-ġenerazzjonijiet kollha. Din is-sena apparti l-attivitajiet tas-soltu, bħall-Majjalata, BBQ, ikliet ġewwa stabilimenti Melleħin u sparatura, ġew organizzati attivitajiet ġodda bħal "Boogie Night", "Pre-Summer Party" u "Pre-Feast Party". Nhar il-ħruġ min-niċċa ser jiġi organizzat għall-ewwel darba kunċert fi Triq Ġnien Ingraw. Dawn l-attivitajiet jiġu organizzati sabiex jinġabru l-fondi għan-nar imma wkoll sabiex nintegraw dejjem iktar mal-komunità Melleħija.

Filwaqt li l-Għaqda kompliet u baqgħet għaddejja bil-ħidma tagħha sabiex iġġib il-permess tal-kamra



tan-nar, ma setgħetx toqgħod b'idejha fuq żaqqha u ma tieħux ħsieb li jkomplu jittellgħu wirjiet tan-nar għall-festa tal-Vitorja.

F'isem l-Għaqda tan-Nar Marija Bambina nirringrazzja lill-Kappillan, il–kleru, il-Kunsill Lokali, is-soċjetajiet mużikali, l-organizzazzjonijiet volontarji, lill-benefatturi tal-Għaqda, lill-membri tal-Għaqda tan-Nar, kemm preżenti kif ukoll ta' qabel. Nagħlaq il-messaġġ billi nawgura lill-Melleħin il-festa t-tajba u nisperaw li tieħdu gost bil-programm tan-nar li ser jiġi offrut din is-sena.

Greystone
Bar & Restaurant
Mellieħa

153, Triq Ġorġ Borg Olivier,
Mellieħa
MLĦ 1020

Tel: +356 2152 3499
Mob: +356 9944 6621
Email: greystonepub@hotmail.com

SPORTS
EXPERIENCE
Trophies & Awards

Pitkali Road, Attard

Tel:
(00356) 21 438877
Fax:
(00356) 21 438876
Email:
sportexp@maltanet.net

Paws 'n' Claws
Pet Shop
Veterinary
& Grooming
Selling Best Food
Accessories & Toys





Triq L-Għorgħar, Mellieħa Tel: 21522717 Mob: 7982 4046
*(ħdejn il-Barriera tal-Blu l-antika)*



**Joe's Barber Shop**
Gents Hairstlist

88, Triq In-Ninfa Calypso
Mellieħa. Malta
MLH 1916

**Tel: 79701593 / 21521136**

Opening Hours
Mon-Wed-Fri: 5.00pm to 7.00pm
Sat: 9.00am to 12.30pm

**GIUSEPPI'S WINE BAR**

*26/27, St. Helen Str., Mellieħa*
*Tel: 21 574882 / 9949 3579*

**CLD**
**Caruana Light Decorations**
***Mob: 7994 1401***




# Tower Ladder Services

Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678

# Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

**Dr. Noel Camilleri**
***President***

**J.C. Azzopardi**
***Segretarju***

Malli joqrob l-istaġun tal-festi, hija ħaġa naturali li l-pajjiż, u allura anke l-komunitajiet rispettivi tagħna, jingħataw libsa differenti. Dik ta' komunità li qed tiċċelebra l-festa tal-patrun tagħha. Il-festa hija ċelebrazzjoni li fiha l-elementi kollha juru verament x'inhu pajjiżna. Hija festa tal-komunità kollha.

Huwa żmien meta l-attività ta' barra u ġewwa fl-Għaqdiet tiżdied u dan jirrifletti l-impenn li dawn għandhom favur il-komunità fejn jinsabu. Din l-attività ssir kollha b'mod volontarju, hekk kif ħafna nies jingħaqdu sabiex jaħdmu ħalli jaraw li l-iżvolġiment tal-festi tagħna jkun wieħed kif mixtieq u b'hekk jitgawdew mhux minna l-Maltin u l-Għawdxin biss, iżda wkoll mill-eluf ta' turisti li jżuru lil pajjiżna biex jammiraw dak kollu li fih, inkluż il-festi tagħna.

Din is-sena ser naraw il-bidu biex il-festa Maltija tiġi rikonoxxuta mill-UNESCO bħala Wirt Intanġibbli Dinji. Għal dan l-avveniment hemm ħafna xogħol li jrid isir minna l-Għaqdiet. Xogħol li bih irridu nuru li aħna **serji, dixxiplinati** u nagħrfu fejn hemm bżonn li **ntejbu** u **niżbru** fejn ma jagħmilx ġid għalina. Dan kapaċi nagħmluh mingħajr ma jiġi ħadd jimponi fuqna. Iż-żmien tal-impożizzjoni ilu li spiċċa. Irridu nkunu kapaċi li l-festi tagħna nagħtuhom identità aktar profonda u ma nħalluhomx jispiċċaw ikunu biss ċelebrazzjonijiet mingħajr ruħ.

Huwa żmien ferm impenjattiv għall-Għaqdiet li jridu juru li kapaċi jqumu għal dan il-proġett ambizzjuż. L-Għaqda Każini tal-Banda hija konvinta li dik il-kapaċità teżisti u ser twassal lil dan il-proġett jirnexxi u li jkun ifisser li l-Għaqdiet tal-Banda jkollhom ukoll rikonoxximent lil hinn minn xtutna.

Madankollu hemm il-ħtieġa li nkunu dejjem attenti biex ma nippermettu lil ħadd li jtappan ix-xogħol kollu li jsir mill-Għaqda u l-membri tagħha billi jimmina d-direzzjoni ċara tal-Għaqda Każini tal-Banda. Kull meta konna magħqudin, urejna li kapaċi naslu fejn nixtiequ.

Filwaqt li nawguraw il-festa t-tajba lir-residenti u partitarji tal-Għaqda Mużikali Imperial, infakkru li huwa fundamentali li l-ħidma tal-Għaqda jew Soċjetà tagħkom tibqa' waħda serja, integra u tassew attività komunitarja kif jafu jagħmlu s-Soċjetajiet meta tqum il-ħtieġa. Għaldaqstant huma importanti li l-festi tagħna jiġu ċċelebrati minna għal ġid tal-komunità kollha mingħajr ebda esklużjoni. Hekk biss inkomplu nsaħħu l-festi tagħna fl-aspetti kollha tagħhom, għaliex l-aspett reliġjuż huwa intrinsikament marbut mal-kultura ta' pajjiżna.

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*

# Marianna Stationery

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

# SANTA MARIA
## Service Station

Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**



# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*

***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***

*Il-familja Gauci*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*

# Il-Każin Imperial Mellieħa

## *Studju Kronoloġiku 1924 – 1955*

Jimmy Muscat

### Il-Constitutional Club 1924 – 1929

#### Is-Snin tal-Bidu

Waqt l-ewwel seduta tal-Constitutional Club tal-Mellieħa li saret nhar il-31 ta' Awwissu 1924, is-Sur Walter Salamone ġie nominat bħala Viċi President u Aġent President għal dik il-laqgħa stess. Preżenti għal dik il-laqgħa kien hemm Carmelo Stellini, Gio Maria Vella, Francesco Buttigieg, Gio Maria Sammut, Salvatore Chetcuti, Francesco Bonello, Gino Gauci, Angelo Cutajar u Wiliam Howe. l-Markiż Testaferrata Olivier ġie nominat bħala President, Carmelo Stellini bħala Kaxxier, Gio Maria Gauci bħala aġent Kaxxier u Giorgio Vella bħala Segretarju. Waqt din is-Seduta ġew approvati wkoll ir-regolamenti li fuqhom kellu jitmexxa l-Każin. Imbagħad, f'seduta oħra miżmuma f'Ottubru 1924, kien hemm proposta biex jiġi mwaqqaf tim tal-futbol, ġew approvati 73 membru tal-Każin u l-Bottegin tal-Każin ingħata f'idejn Francesco Buttigieg.

Matul l-1925 saru tliet seduti tal-Kumitat. Il-Bottegin ġie mikri għas-somma ta' £1.50 fis-sena, ġew approvati 11-il membru ġdid mal-Każin u l-membri kollha kkontribwixxew finanzjarjament għaż-żamma u t-tmexxija tal-każin, bil-kundizzjoni li jiġu mħallsa lura.

F'Jannar 1926 ġie elett Kumitat Ġdid. Fil-Każin issa kien hemm 126 membru u jidher ukoll li f'Mejju tas-sena ta' qabel kienet ġiet imwaqqfa Soċjetà Orkestrali taħt l-isem ta' Santa Ċeċilja, il-patruna tal-mużika. Naraw ukoll li l-Wisq Nobbli Lady Strickland tat is-somma ta' £10 għat-twaqqif ta' din l-Orkestra u l-membri tagħha stess kienu jħallsu xelin u 6 soldi fix-xahar. Matul l-1926 kien hemm biss żewġ seduti.

Fl-1927 jidher li l-attivitajiet bdew jiżdiedu u kien hemm total ta' sbatax-il Seduta tal-Kumitat. Saru elezzjonijiet ġodda u sal-aħħar tas-sena kien hemm madwar 212-il membru fil-Każin. Ġew mixtrija xi strumenti ġodda għall-Orkestra u dawk il-membri li kienu ħarġu l-flus fis-sena ta' qabel ġew imħallsa lura għalkollox. F'Lulju 1927 ġiet organizzata wkoll mawra sa Għawdex għar-residenti Melliħin kollha fuq il-vapur SS Wembley u saret ukoll ġabra biex jinxtraw xi bankijiet għall-entratura prinċipali tal-Każin. Ġie deċiż ukoll li tiġi mistiedna Banda biex iddoqq nhar lejlet il-Festa tal-Vitorja f'Settembru u ġie ordnat xi logħob tan-nar għal dik l-okkażjoni.

Il-Kumitat tal-Każin laqqa' tmintax-il Seduta matul is-sena 1928 u fil-Kumitat Onorarju l-ġdid dehru uċuħ ġodda bħal Sir Gerald Strickland u l-Wisq Nobbli, il-Konti F. Sant Cassia. Il-Każin issa kellu madwar 210 membru, numru sostanzjali għall-Każin daqshekk ġdid f'raħal daqshekk żgħir. Matul l-ewwel seduta ta' din is-sena ġew approvati u kkonfermati r-regolamenti tal-1924. Fl-20 ta' Jannar 1928 il-Każin kera l-postijiet bin-numri 21 u 22 fil-Pjazza tal-Parroċċa b'kera ta' £23 fis-sena għal tnax-il sena, taħt ċerta kundizzjonjiet. Ġew maħtura tliet membri biex jieħdu ħsieb dan il-kera, iżda f'Lulju tal-istess sena l-Kumitat tal-Każin iddeċieda li jieħu dan il-piż tal-kera biex iħallsu hu stess.


*Sir Gerald Strickland*

Imbagħad f'Novembru ġie deċiż li l-kariga ta' Surmast tal-Orkestra jiġi terminata u f'Diċembru saret proposta, li ma ġietx aċċettata, biex jinbidel l-isem tal-Każin. Jidher ukoll li kien hemm talba biex jinħatru President u Viċi President ġodda u fit-23 ta' Diċembru 1928 eventwalment insibu lil


*Dr. Angelo Attard Montaldo*

Dr Angelo Attard Montalto bħala President u lil Dr Armando Mifsud bħala Viċi President.

Kien hemm proposta oħra biex tiġi mwaqqfa Banda taħt l-isem ta' "Duke of York". Din il-proposta jidher li ġiet aċċettata unanimament u kellhom jiġu miġbura l-fondi biex jinxtraw l-istrumenti għal din il-Banda.

Fil-bidu tas-sena 1929, il-membri kollha tal-Każin ġew imlaħħqa membri Onorarji tal-Constitutional Club ta' Birkirkara, ġest verament ta' ġieħ bejn żewġ entitajiet mużikali. Saret ukoll proposta ġdida biex jiġu akkwistati u mixtrija xi strumenti tal-banda mill-Banda tar-Royal Malta Artillery. Ingħataw diversi donazzjonijiet għal dan l-għan u l-membri kollha tal-Kumitat silfu somom ta' flus biex eventwalment ġew imħallsa £90 għall-akkwist ta' 44 strument tal-banda, inklużi t-tnabar. Matul din is-sena wkoll intbagħtu ittri ta' ringrazzjament lill-emigranti Mellieħin li ġabru l-flus biex inxtara Stendard ġdid għall-Każin kif ukoll għal karti tal-mużika mibgħuta lill-Banda. Ammiratur tal-Banda ta tletin leġiju għall-użu tal-bandisti.

Proposta imporatnti oħra kienet biex jiġi mwaqqaf Kumitat Indipendenti biex jieħu ħsieb il-Banda. Dan kellu jinkludi membru mill-Kumitat tal-Każin u erba' membri oħra li kellhom jiġu magħżula minn fost il-bandisti stess. Biex jinġabru fondi għall-bżonnijiet tal-każin, f'Lulju 1929, ġiet organizzata ħarġa mill-Bajja tal-Mellieħa sal-Imgarr, Għawdex fuq il-vapur "Odin". Jidher ukoll li matul is-sena 1929 kien hemm biss seba' Seduti tal-Kumitat.

### L-Imperial Band Club 1930 – 1955

Deċiżjoni importanti jidher li ttieħdet fis-seduta numru 51 tal-14 ta' Settembru 1930 meta ġie deċiż li l-Banda tesegwixxi programm fil-Pjazza tal-Parroċċa. Intbagħtu stediniet lill-membri tal-Kleru kollu tal-Mellieħa, lill-President u membri tal-Każin Vittoria tal-Mellieħa u persuni oħra. Fuq nota oħra jidher li ma ngħatax permess mill-Pulizija biex il-Banda ddoqq matul il-festa tal-Vitorja, l-istess bħal ma ġralha l-Banda Vittoria.

Fil-Każin, tfal taħt l-età ma setgħux jidħlu sakemm ma jkunux mal-ġenituri tagħhom jew ma' xi ħadd jieħu ħsiebhom, waqt li dak li kellu l-Bottegin tal-Każin ried iżomm in-nadif u ġie mwissi fuq xi affarijiet oħra. Jidher ukoll li ttieħdu xi passi dixxiplinari kontra xi membru tal-Każin stess. Dawn iċ-ċrikustanzi kollha huma xhieda ta' kemm il-Kumitat kien kapaċi jilqa' kontra dawn il-problemi u ta' kemm kien lest li jżomm mar-regolamenti tal-Każin u jinfurzahom. Fl-1930 kien hemm biss ħames seduti b'kollox.

Minħabba l-qagħda politika f'Malta fl-1931, il-Kumitat tal-Każin ħass il-ħtieġa li jżid żewġ regoli ġodda u imporatnti mar-regolamenti tiegħu. Ma setgħetx issir propaganda jew diskussjonijiet politiċi fil-Każin taħt piena ta' tkeċċija mis-Soċjetà u dawk li kienu se joħorġu bħala kandidati għall-Parlament, jew li kienu membri tal-Parlament, inkella kienu jaħdmu ma' xi partit politiku, ma setgħux lanqas jibqgħu membri tal-Każin. Dwar dawn kien ittieħed vot u b'106 vot favur il-mozzjoni u 10 biss kontra wieħed malajr jinnota l-maturità u l-għaqal fit-tmexxija tal-Każin. Dan kien fil-15 ta' Marzu 1931 u din kienet l-ewwel seduta tal-Kumitat fejn insibu l-isem tal-każin taħt it-titlu ta' "**Imperial Band Club**".

Matul din is-sena ġew diskussi wkoll diversi affarijiet, fosthom dwar il-ħlas ta' kull xahar tal-bandisti, it-tberik tal-Każin mill-Kappillan, is-sehem tal-Banda fil-festa ta' San Ġużepp u l-ħlasijiet ta' arretrati mill-membri. Dawn kollha ġew diskussi u ntlaħaq ftehim dwarhom, xhieda oħra ta' amministrazzjoni serja min-naħa tal-Kumitat tal-Każin Imperial.

Ġiet approvata wkoll reżoluzzjoni importanti ħafna dwar ir-Royal Commission. Hawnhekk, is-Soċjetà Filarmonika Imperial, imħeġġa minn dover patrijottiku bla ebda għanijiet politiċi, riedet turi kemm kienet se tkun ta' ħsara, kemm fuq livell ekonomiku kif ukoll soċjali, li tiġi sospiża l-Kostituzzjoni. Għalhekk l-għaqda talbet li l-Kostituzzjoni għal Gvern Responsabbli kellha terġa' tiġi mwaqqfa u li l-Lingwa Maltija kellha tiġi rikonoxxuta bħala l-lingwa uffiċjali tal-Kostituzzjoni. Kopji ta' din ir-riżoluzzjoni importanti ġew mibgħuta lis-Segretarju tal-Kummissjoni Irjali u lill-Istampa. Meta wieħed jifli sew il-qagħda politika ta' dik il-ħabta, din l-azzjoni determinata meħuda minn Każin hekk żgħir kienet verament ta' min ifaħħarha u jammiraha.

Fuq nota kemxejn aktar ħafifa naraw li f'Lulju 1931 ġiet organizzata ħarġa bil-vapur, din id-darba madwar Malta, u fl-istess xahar il-Banda Imperial ġiet mistiedna biex iddoqq fuq Kemmuna għal jumejn wara xulxin. F'Settembru, imbagħad, il-Kappillan bierek żewġ stendardi ġodda għall-Banda u ntlaħaq ukoll ftehim mal-istess kappillan biex, flimkien mal-Banda Vittoria, il-Banda Imperial iddoqq waqt il-Festa tal-Vitorja tal-Mellieħa ta' dik is-sena. Il-kontribuzzjoni mogħtija mill-Parroċċa b'risq il-Festa kellha tinqasam bejn iż-żewġ Baned.

F'din is-sena wkoll ġew imħallsa lura dawk il-membri li kienu silfu l-flus biex inxtraw l-istrumenti tal-Banda u ġie deċiż ukoll li, f'każ ta' luttu għall-membri tal-Kumitat jew Bandisti, il-bandiera fuq il-bejt tal-Każin kellha tittella' mezz'asta. Materji oħra dwar ħlasijiet lis-Surmast tal-Banda, ħlasijiet dovuti minn Bandisti, ħlasijiet mill-membri u passi dixxiplinari għal tmexxija dejjem aħjar tal-Każin kienu kontinwament jiġu diskussi biex iżommu s-Soċjetà Imperial ħajja u b'saħħitha kemm

soċjalment, finanzjarjament u amministrattivament.

Nhar l-4 ta' Settembru 1932, stendard ġdid bl-emblema tal-"Union Jack" ġie mbierek u mżanżan waqt li fis-17 tal-istess xahar ġiet organizzata mawra oħra għal Għawdex fuq il-lanċa "Lady Strickland". Ġie deċiż ukoll li jsir marċ mill-Banda fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa nhar l-Ewwel tas-Sena 1933 u dan min-nofsinhar sat-tlieta. Aktar tard kellha ssir fiera, biex hekk il-Każin kompla joħloq aktar attivitajiet u laqgħat għat-tgawdija u divertiment tal-komunità Melliħija.

Il-bidu tal-1933 ra żieda fis-salarju tas-Surmast tal-Banda u ġie deċiż ukoll li l-Bandisti ssirilhom uniformi. Għal dan l-għan kellhom ukoll jikkontribwixxu l-Bandisti stess u saret ukoll fiera biex jinġabru aktar fondi. Imbagħad, fl-20 ta' Awwissu 1933, il-Banda Imperial esegwixxit programm fil-Pjazza quddiem il-każin fejn ġiet ukoll imżanżna għall-ewwel darba l-uniformi l-ġdida. Dik is-sena l-banda ħadet sehem fil-festa ta' San Duminku fil-Birgu.

Għall-okkażjoni tat-tberik tal-Każin, fi żmien il-Għid il-Kbir, kellu jiġi mistieden il-Kleru kollu tal-Parroċċa. Din is-sena rat ukoll il-Bottegin jiġi mikri għal sentejn, b'kirja ta' £18.12s.6d. fis-sena, taħt ċerti kundizzjonijiet. Ġiet ukoll mibgħuta ittra ta' ringrazzjament lill-Konti Sant Fournier li kien serva bħala President matul l-1933 u li kien aċċetta wkoll li jservi fl-istess kariga għall-1934. Matul l-1933 kien hemm total ta' 10 seduti tal-Kumitat.

It-8 seduti tal-1934 kienu karatterizzati minn numru ta' fieri, tombli u diversi programmi fejn ħadet sehem il-Banda, kemm fil-Mellieħa kif ukoll f'postijiet oħra bħar-Rabat u l-Birgu. Nhar is-17 ta' Ġunju 1934 kienet se ssir festa ad unur il-President tal-Każin u programm ieħor kien se jsir fil-Pjazza quddiem il-Każin stess nhar il-5 ta' Awwissu 1935, meta kellhom jiġu ippreżentati l-lazzijiet ta' fuq l-ispalla tal-uniformijiet il-ġodda tal-Banda.

Matul l-1935, li kellha tkun sena verament attiva, saru tlettax-il seduta tal-Kumitat li baqa' l-istess bħalma kien fis-sena ta' qabel, jiġifieri b'Dr Attard Montalto bħala President Onorarju, l-Avukat Olaf Gollcher bħala President, Giuseppe Bugeja Bonnici bħala Viċi President, Giuseppe Gauci bħala Segretarju u Carmel Vella bħala Kaxxier. Erba' membri minn dan l-istess kumitat ġew magħżula biex jagħmlu parti mill-Kumitat tal-Banda.

Biex dejjem iżommu mar-regolamenti tal-Każin kellhom jittieħdu passi kontra xi bandisti li ma kinux jattendu regolarment għall-kunċerti tal-Banda. L-istess Banda kienet mistiedna biex tieħu sehem f'diversi postijiet madwar Malta, fosthom fir-Rabat, il-Birgu u Ħ'Attard u diversi fieri ġew imtellgħin biex jgħinu fil-finanzi tal-Każin.

Il-banda ġiet ukoll mistiedna mill-King's Feast Committee biex tesegwixxi programm fil-Mellieħa stess fl-okkażjoni ta' meta r-Re Ġorġ VI laħaq Re tal-Ingilterra. Il-Bottegin tal-Każin ġie mikri għal perjodu ta' erba' snin bil-kera ta' £20.1s.4d. fis-sena, taħt il-kundizzjonijiet tas-soltu. F'Diċembru 1935 sar ukoll l-aħħar ħlas lil wieħed mill-membri fuq is-somma li kien silef lill-Każin fis-snin ta' qabel.

Għas-sena 1936 inżamm l-istess Kumitat tas-sena ta' qabel mingħajr ma kien hemm bżonn li tinżamm Seduta Ġenerali. Commander Price ġie maħtur Membru Onorarju tal-Każin waqt li l-Banda kompliet tieħu sehem f'diversi festi fi rħula Maltin. Saru wkoll diversi fieri u tombli għall-ġbir ta' finanzi għall-Każin.

Fis-27 ta' Ġunju 1936 il-Banda tal-Royal Malta Artillery daqqet diversi marċi u partijiet mużikali oħra fil-Pjazza tal-Parroċċa u l-Kumitat tal-Banda Imperial stieden lill-Kurunell tal-RMA u lis-Sinjura tiegħu, il-membri tal-banda kollha u xi ħbieb fil-Każin Imperial. Il-Każin kien offra u ta l-planċier tiegħu lil din il-Banda għal din l-okkażjoni.

Matul il-Festa tal-Vitorja tal-1936, il-Banda Imperial kienet se tagħmel marċ mill-Knisja Parrokkjali sa quddiem il-Każin u mbagħad tagħti programm hemmhekk nhar is-6 ta' Settembru 1936. L-għada, is-7 ta' Settembru, se tagħmel żewġ marċi, wieħed f'nofsinhar u ieħor filgħaxija, flimkien ma' programm. Nhar il-Festa, imbagħad, se tagħmel marċ ieħor mill-Knisja sal-planċier quddiem il-Każin u wara programm mużikali. Nhar lejlet, lejlet il-Festa se jiġu mbierka tliet stendardi ġodda tal-Każin.

Nhar l-20 ta' Diċembru 1936, il-Gvernatur Brittaniku ta' Malta se jagħmel żjara fil-Mellieħa u l-Kumitat tal-Banda Imperial se jistieden lilu u dawk kollha ta' madwaru fil-Każin. Il-Banda Militari se ddoqq fil-Pjazza tal-Parroċċa u se tagħmel użu mill-planċier tal-Banda Imperial.


Re Ġorġ VI

Matul l-1936 tlaqqgħu 7 seduti tal-Kumitat.

Is-sena 1937 tibqa' mfakkra l-iżjed fil-Każin għax il-Banda Imperial ġiet mistiedna biex tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-Belt Valletta nhar il-15 ta' Mejju 1937 b'kommemorazzjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra. Dan barra s-soltu programmi li l-Banda tat f'diveri festi f'irħula f'Malta. Il-Kumitat Imperial irnexxielu wkoll jakkwista l-permess biex jagħmel diversi fieri fl-Iskola Governattiva tal-Mellieħa.

Is-sena ta' wara, l-1938, rat il-bidu ta' żewġ attivitajiet soċjali ġodda fil-Każin. Waħda kienet li

bdiet issir farsa komika forma ta' teatrin waqt il-fieri tal-Każin u l-oħra l-organizzazzjoni ta' xi attività għal żmien il-Karnival. It-tnejn li huma jidhru li kienu popolari u niżlu tajjeb ħafna mal-komunità Mellieħija, tant li bdew jinġabu kumpaniji teatrali oħra minn barra l-Mellieħa għal dan l-għan. Sar dan kollu, minkejja li matul din is-sena kien hemm biss 6 seduti tal-Kumitat.

Matul l-1939 saru biss 4 Seduti tal-Kumitat u ma jidhirx li kien hemm affarijiet speċjali. Jidher li t-theddida ta' gwerra fl-Ewropa kienet diġà bdiet tinħass ġmielu f'Malta u fil-Mellieħa u barra żewġ fieri u sehem il-Banda darba waħda fir-Rabat, Malta, ma ġew reġistrati ebda attivitajiet oħra.

L-istess ġara fit-tliet snin ta' wara. Mis-seduti tal-Kumitat tal-Każin Imperial jidher li kien hemm biss Seduta waħda fl-1940, numru 139, li saret nhar il-11 ta' Jannar 1940. Is-Seduta li kien imiss, dik numru 140, saret fis-16 ta' Jannar 1943, jiġifieri aktar minn tliet snin wara. Iżda ta' min wieħed jinnota li matul dak l-istess żmien ma jfissirx li ma kienx hemm xi forma ta' attività għaddejja fil-Każin għax infatti f'din l-aħħar Seduta msemmija ġew ippreżentati l-kontijiet finanzjarji għas-snin 1940-1942. Wara s-Seduta tas-16 ta' Jannar 1943, is-Seduta li jmiss saret fit-28 ta' Settembru 1943, meta jidher li l-affarijiet reġgħu bdew jaqbdu r-ritmu, tant li ġew organizzati żewġ tombli u l-Bottegin tal-Każin reġa' nħareġ għall-offerti tal-pubbliku.

Fl-1944 ġie magħżul Kumitat ġdid bl-Avukat Olaf Gollcher bħala President u s-Sur A. Falzon Sant Manduca bħala Viċi President. Il-Kumitat Onorarju kien jinkludi l-Baruni A. Attard Montalto bħala President, is-Sur Joseph Schembri bħala Viċi President u l-Markiż Giuseppe Bugeja Bonnici, l-Onorabbli Kaptan John Formosa, l-Arkitett Edwin England Sant Fournier u s-Sinjuri Emanuel Costantino, Harry Cavarra u s-Sur Vincenti Kind bħala membri. Ġew magħżula żewġ delegati biex jirrappreżentaw lill-Każin Imperial fl-Assemblea Nazzjonali.

Il-Bottegin tal-Każin ġie mikri għal sentejn fuq l-ogħla offerta li kienet ta' £32.6s.11½d. F'offerti pubbliċi bħal dawn kienet komuni ħafna d-drawwa li fl-aħħar tas-somma offruta tiżdied dik is-sitt ħabbiet, għax kultant kienet tkun hi li tiddeċiedi l-kwistjoni kollha.

Din is-sena ġabet magħha wkoll problema li nqalgħet bejn il-Kumitat tal-Każin u s-sid tal-każin dwar it-tibjid u d-dekorazzjoni tal-Każin. Din il-kwistjoni baqgħet sejra sas-sena ta' wara meta mbagħad sar ftehim li kull parti tħallas nofs l-ispejjeż.

Fis-sena 1945, bil-gwerra issa xi ftit 'il bogħod minn xtutna, saru 10 Seduti tal-Kumitat. Il-Banda reġgħet ħadet sehem f'diversi marċi u programmi f'ħafna festi f'Malta kollha u saru diversi fieri biex jgħinu l-Każin finanzjarjament.

Għall-Festa tal-Vitorja ta' dik is-sena ġie deċiż li tiġi mistiedna l-Banda tar-Rabat u ntlaħaq ukoll ftehim dwar il-kontribuzzjoni tal-Kappillan lill-Każin għas-servizz li jingħata matul l-istess Festa f'Settembru. F'waħda mis-seduti ssemma wkoll il-logħob tan-nar u f'Diċembru 1945 il-Kumitat iddeċieda li jixtri ġeneratur tad-dawl għall-Każin. Irridu nfakkru hawnhekk li s-servizz tad-dawl elettriku wasal fil-Mellieħa erba' snin wara, f'Novembru 1949.

Fis-7 ta' Frar 1946 ġie elett Kumitat ġdid u matul dik is-sena saru 19-il Seduta tal-Kumitat. Il-proposta dwar il-ġeneratur ġiet finalizzata u erba' persuni offrew li jarmaw il-bozoz mal-faċċata tal-Każin. F'Ġunju ta' dik is-sena l-Mellieħa kellha Kappillan ġdid, il-W.R. Dun Franġisk Xuereb, u l-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' meta laħaq u offrietlu wkoll rigal. Dik is-sena ġie deċiż ukoll li jiġu allokati £25 għal-logħob tan-nar għall-Festa ta' dik is-sena. Sadanittant il-Banda baqgħet sejra bl-attività mużikali tagħha kemm fil-Mellieħa kif ukoll f'diversi rħula oħra f'Malta.

Ittieħdu wkoll diversi deċiżjonijiet dixxiplinari għat-tmexxija dejjem għaqlija tal-Każin, fosthom l-imġieba tal-membri ġol-Każin stess. Mill-1 ta' Awwissu 1946 bdew jittieħdu passi dixxiplinari kontra bandisti li kienu jitilqu mill-Banda mingħajr ma jagħtu raġuni valida għaliex. Dawn kellhom jiġu sospiżi milli jidħlu fil-Każin għal mhux inqas minn sena. Il-Bottegin tal-Każin ġie mikri għal sentejn bil-kera ta' £27.7s.11½d fis-sena, bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

L-1947 ġabet magħha inizjattivi ġodda. Saret proposta biex tinkera jew tinxtara mejda tal-Biljard, waqt li kienet se tiġi organizzata mawra madwar Għawdex għal ħabta ta' Awwissu. Din kienet se ssir fuq il-vapur "King of England" u għal dik l-okkażjoni wkoll il-banda kienet se ddoqq ġewwa Marsalforn. Ġie deċiż ukoll li għall-Festa ta' dik is-sena kien se jiġi mistieden it-tenur Zammit Harrison biex ikanta l-Innu ad unur Marija Bambina fis-6 u fis-7 ta' Settembru. Jekk jingħata l-permess mill-Kappillan, il-marċ tas-soltu ta' nofsinhar ta' nhar is-7 ta' Settembru kien se jsir filgħodu. Kellha ssir laqgħa fl-Għassa tal-Pulizija bejn il-Kumitat tal-Imperial u dak tal-La Vittoria biex jiġi deċiż min se jkollu d-dritta biex idoqq l-ewwel fil-Festa tal-Madonna tas-Santwarju fl-24 ta' Settembru ta' dik is-sena.

Suġġett ieħor importanti kien it-twaqqif tal-Malta Band Clubs Association, li fiha l-Każin Imperial daħal membru. F'Novembru, il-Viċi President Onorarju Giuseppe Schembri stieden lill-Banda biex torganizza marċ u programm ad unur tiegħu wara

li kien ġie elett fl-Assemblea Leġiżlattiva tal-Gvern Laburista. Dan kellu jsir fid-9 ta' Novembru 1947.

Matul l-1947 saru 16-il seduta tal-Kumitat, sena ta' taħbit mhux ħażin.

Fuq nota kemxejn għolja, l-1948 rat il-Kumitat jitlob lill-Ministeru tal-Finanzi biex jingħata Banka tal-Lottu f'isem il-Każin Imperial. Inxtrat ukoll magna tal-ħjata, bil-prezz ta' £26.12s.0d, biex tittella' lotterija.


Surmast A. Sammut

F'Marzu ta' din is-sena ġiet finalizzata problema, li kienet inqalgħet is-sena ta' qabel, dwar il-ħatra ta' Surmast tal-Banda ġdid. Issa kien inħatar Maestro A. Sammut li beda f'din il-kariga fl-1 ta' Mejju 1948. Wiċċ ġdid ieħor fil-Każin kien Dr G. Flores, li ġie maħtur membru Onorarju. Sadanittant saret proposta oħra biex jinġabru fondi, madwar £25, ħalli ssir bandiera bl-emblema jew arma tal-Każin Imperial. Meta din il-bandiera ġiet ippreżentata fil-pubbliku għall-ewwel darba, saret ċelebrazzjoni speċjali u ġie mogħti wkoll trofew lill-banda flimkien ma' rigal lill-Maestro Sammut li kien qiegħed jidderieġi l-Banda għall-ewwel darba.

Sadanittant il-Banda Imperial kienet impenjata bis-sħiħ iddoqq f'diversi festi f'irħula f'Malta. Il-Bottegin reġa' ngħata għal sentejn, din id-darba lil żewġ persuni flimkien, bil-kera ta' £95.12.10½d fis-sena. Saru 20 Seduta matul l-1948, numru rekord ta' seduti s'issa, xhieda qawwija tal-popolarità dejjem tikber tal-Każin Imperial, u allura ħtieġa ta' iktar laqgħat spissi.

Matul l-1949 kien hemm l-istess Kumitat tas-sena ta' qabel b'xi tibdiliet żgħar. Fi Frar, il-Kumitat ġie mistieden biex jieħu sehem fil-festi tal-Karnival iżda ma laqax din it-talba peress li ma kienx hemm żmien biżżejjed. Il-mejda tal-Biljard ġiet mixtrija għas-somma ta' £65 u fl-1 ta' Mejju 1949 il-Banda ġiet mistiedna biex tieħu sehem fil-festa tal-wasla lura fil-Mellieħa tal-istatwa ta' San Ġużepp, wara li kien sarilha xogħol ta' restawr.

Talba pożittiva ħafna saret mill-Kappillan tal-Mellieħa Rev F. Xuereb, li stieden lill-Baned Imperial u La Vittoria biex, nhar it-23 ta' Mejju 1949, idoqqu flimkien bħala Banda waħda, taħt id-direzzjoni ta' Maestro V. Ciappara, Innijiet Marjani fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kungress Marjan organizzat mill-Arċisqof.

Għall-ewwel darba wkoll fl-istorja tal-Każin ġiet organizzata ġita għal Catania, fi Sqallija, nhar it-23 ta' Lulju 1949, fejn il-Banda daqqet ġewwa Villa Bellini. Hawnhekk il-Każin ġie mogħti stendard mis-Sindku ta' Catania u dan kellu jiġi mbierek nhar id-29 ta' Awwissu 1949. F'din is-sena wkoll ġie mogħti arloġġ bħala rigal lil Patri Cini mill-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-ewwel quddiesa tiegħu fil-Mellieħa.


Catania

Bħala għeluq ta' sena daqshekk impenjattiva, nhar is-Sibt 5 ta' Novembru 1949, il-Banda ġiet mistiedna biex tieħu sehem fiċ-ċerimonja tat-tberik fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-servizz tad-dawl elettriku fil-Mellieħa. Preżenti għal din il-festa kien preżenti l-Prim Ministru, is-Sinjura tiegħu u ministri oħra. Dawn wara ġew mistiedna għal riċeviment ġewwa l-Każin Imperial.

Kien hemm 13-il Seduta matul l-1949.

Bejn it-28 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 1950, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 Anniversarju tal-Inkurunazzjoini tal-Madonna tal-Mellieħa, il-Każin Imperial, flimkien mal-Każin La Vittoria, ħa sehem attiv bil-banda fil-festi li saru. Barra minn hekk il-Kumitat iddeċieda li jagħti wirja ta' logħob tan-nar fil-ftuħ tal-istess ċelebrazzjonijiet, wara li l-Banda Imperial ittemm il-marċ tagħha.


Sir Gerald Creasy

Fid-29 ta' Mejju 1950 il-Każin Imperial ġie onorat biż-żjara tal-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Gerald Creasy u s-Sinjura tiegħu, flimkien mal-Kappillan tal-Mellieħa u l-Kleru tal-Parroċċa. L-Onorabbli Joseph Schembri talab lill-Kumitat Imperial biex jorganizza ċelebrazzjoni ad unur tiegħu fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala President Onoraru tal-Kumitat tal-Każin u din saret nhar il-31 ta' Awwissu 1950 fejn hu mbagħad ippreżenta stendard lill-Każin.

Din is-sena, għall-Festa f'Settembru, se ssir wirja tal-logħob tan-nar, kaxxa infernali għas-somma ta' £30 u madwar 7000 bombi tal-musketterija.

Din is-sena miet Carmelo Vella, membru attiv ħafna sa mill-1927 mal-Constitutional Club u wara mal-Każin Imperial. Il-Banda Imperial ħadet sehem

# Cash & Carry

Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa

Special Offers!

Phone Orders are accepted!

Vast range of top-brand products at super-saver prices!

Perfumes Baby Products Skin Care

Detergents Toiletries Cleaning Equipment

Car Care Products Washing Liquids & Powders

... and much, much more!

Opening Hours: Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00

Free Deliveries!

# bottles & bottles

www.bottlesandbottles.com

" your wholesale beverage store "

Visit Us
7, Triq L-Etna, Mellieha, Malta




LIKE us on Facebook

Contact Us
99474524

FREE DELIVERY


John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Helping you in life's most difficult moments
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay
SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay
SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: info@johnbrayandson.com
jbray@onvol.net

fil-funeral tiegħu, fejn ir-reffiegħa kienu membri tal-Każin stess.

Żewġ inizjattivi oħra tal-Kumitat Imperial kienu l-introduzzjoni ta' sett tar-Rediffusion fil-Każin kif ukoll ta' proposta biex issir stedina lir-Rev Manwel Grima biex jieħu l-kariga ta' Direttur Spiritwali tal-Każin Imperial.

Din is-sena, 1950, il-Bottegin ġie mikri għas-somma ta' £75.12.6½d. fis-sena u saru 15-il Seduta tal-Kumitat.

Il-Kumitat għas-sena 1951 kien magħmul minn 23 persuna bejn uffiċjali u membri. Il-Kumitat għamel talba lil sid il-Każin biex jara jekk jistax isaqqaf parti mill-bitħa tal-każin, iżda saru ċerti kundizzjonijiet li l-Kumitat ma qabilx magħhom. Saret ukoll talba biex, fil-każin, jibdew isiru kunċerti minn banda jazz. Sadanittant il-Kumitat kien talab ukoll lill-Ministeru tax-Xogħlijiet biex isir taraġ barra, quddiem il-Każin.

Matul din is-sena l-Banda Imperial ħadet sehem fis-soltu programmi u marċijiet fil-Festi ta' rħula madwar Malta u Għawdex u għall-Festa tal-Vitorja ġew ordnati żewġ kaxxi infernali jew wirjiet ta' logħob tan-nar kif ukoll 5000 bomba tal-musketterija.

Intlaħaq ukoll ftehim bejn l-Għaqda Imperial u s-Sons of Mellieħa Dramatic Company biex din tibda ttella' preżentazzjonijiet teatrali fil-Każin Imperial, naturalment taħt ċerta kundizzjonijiet. Għal dan il-għan kellhom isiru xi żidiet strutturali biex jilqgħu għall-bżonnijiet u konvenjenza tal-pubbliku.

Inizjattiva interessanti oħra meħuda mill-Kumitat tal-Każin kienet li jiġu rrekordjati l-Innu tal-Madonna, esegwit mit-tenur Zammit Harrison, flimkien ma' sitt marċi oħra. Dawn kellhom jinstemgħu fuq ir-Rediffusion.

Matul l-1951 kien hemm 15-il Seduta tal-Kumitat Imperial.

Fit-30 ta' Marzu 1952, il-Banda Imperial daqqet programm funebri, bħala servizz obbligatorju, in konnessjoni mal-Banka tal-Lottu. F'Ġunju ħadet sehem fil-Kungress Nazzjonali tal-Isem Imqaddes t'Alla, u, wara l-purċissjoni, stiednet il-membri tal-Kumitat tal-Kungress, il-Kleru tal-Mellieħa, il-Prim Ministru u personalitajiet prominenti oħra fil-Każin.

Din is-sena wkoll is-sala tal-Każin ġiet irranġata u miżbugħa ikħal ċar. Il-logħob tan-nar tal-Festa tal-Vitorja f'Settembru sewa £51 waqt li l-ogħla offerta għall-Bottegin tal-Każin kienet ta' £75 fis-sena.

Saru 12-il Seduta tal-Kumitat matul is-sena 1952.

Fl-1 ta' Frar 1953, iż-żewġ Baned Imperial u La Vittoria immarċjaw ħdejn xulxin fil-purċissjoni organizzata mill-Komunità Melliħija tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, ġest verament sabiħ u ta' min ifaħħru. Aktar tard dik is-sena wkoll il-Kumitat Imperial ħa sehem fid-diskussjoni, li saret ġewwa l-Furjana, dwar il-formazzjoni ta' Banda kbira magħmula minn Bandisti miġbura mill-Baned kollha Maltin.

Fit-2 ta' Ġunju 1953, hawn Malta ġew organizzati ċelebrazzjonijiet kbar ad unur l-Inkurunazzjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta II u, fuq stedina tal-Kumitat inkarigat minn dawn il-festi, il-Banda Imperial ħadet sehem f'kompetizzjoni għal karrijiet dekorati. Ix-xogħol fuq dan il-karru tħalla f'idejn l-artist Mellieħi George Fenech. Il-Banda Imperial ġiet mistiedna wkoll mill-MBCA biex tieħu sehem fl-isfilata tal-baned għall-istess okkażjoni. Eventwalment dan il-karru dekorat rebaħ it-tieni post fil-kompetizzjoni u dan l-avveniment ġie mfakkar fil-21 ta' Ġunju, meta l-Banda Imperial għamlet marċ u programm fil-Mellieħa stess. Wara nħarqu 4000 bomba tal-musketterija minn fuq il-bejt tal-Każin. Għal din l-okkażjoni ġew stampati erba' ritratti kbar tal-Banda Imperial flimkien mal-karru dekorat u ġew preżentati wkoll rigali lis-Sinjuri George Fenech u Ġanni Bonnici għax-xogħol tagħhom fuq il-karru.


*Inkurunazzjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta II*

Għall-Festa ta' Kristu Re ġewwa l-Belt Valletta kienu se jieħdu sehem membru tal-Kumitat flimkien ma' żewġ Bandisti li kellhom ukoll ipoġġu kuruna f'riġlejn il-Monument ta' Kristu Re fil-Furjana.

L-aħħar Seduta għall-1953 saret fit-13 ta' Diċembru u kienet it-13-il waħda.

Bħalma kien diġà sar drabi oħra, f'Jannar 1954 sar attentat ieħor biex il-Kumitat jikkonvinċi lil sid il-każin biex iħallih jagħmel tibdil u żidiet strutturali tant meħtieġa fil-bini tal-Każin. Dan biex il-Każin jimxi 'l quddiem u jisbieħ, iżda kien kollu għal xejn.

L-Istendard magħruf bħala "L-Istendard Amerikan" ġie meħud għand is-sorijiet taż-Żejtun biex jiġi restawrat u għall-Festa f'Settembru ta' din is-sena l-Kumitat iddeċieda li jordna kaxxa infernali ta' 330 bomba, oħra tal-kulur, 7000 bomba tal-musketterija u 1000 sfafar tal-kulur, żieda sostanzjali fuq is-snin ta' qabel.

Is-Sur E.W. Grech ġie nominat membru fuq il-Kumitat tal-MBCA waqt li żewġ membri oħra kellhom jattendu għal-Laqgħat Ġenerali tal-istess assoċjazzjoni.

Inizjattiva oħra proposta mill-Kumitat Imperial kienet li d-Direttur Spiritwali tal-Każin Imperial, ir-Rev Dun Manwel Grima, kellu javviċina l-Kappillan dwar Pellegrinaġġ Marjan li l-Kumitat tal-Każin xtaq jorganizza mill-Knisja Parrokkjali sas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Waħda mit-trofej tal-banda u bukkett fjuri kellhom jiġu ppreżentati lill-Madonna b'tifkira tal-istess pellegrinaġġ. Fuq l-istess nota spiritwali, il-Każin Imperial kien se jieħu sehem fil-Festa ta' Kristu Re fil-Belt Valletta.

Il-Bottegin tal-Każin ġie mikri għal sentejn għas-somma ta' £81.2s.10½d fis-sena. Kien hemm 14-il Seduta tal-kumitat matul is-sena 1954.

L-1955 kienet is-Sena tal-Ġublew tal-Fidda għall-Każin Imperial, għalkemm l-għaqda kienet ilha stabbilita, taħt kredenzjali different, sa mill-1924. Saret proposta, li ġiet aċċettata, biex il-PL George Scicluna jiġi maħtur Membru Onorarju tal-Każin Imperial.

Fil-bidu kien ġie deċiż li l-25 Anniversarju tal-Każin Imperial jiġi ċċelebrat nhar it-28 ta' Awwissu 1955, imma din id-data ġiet mibdula aktar tard għat-18 ta' Settembru 1955. Ġiet imwaqqfa kummissjoni ta' erba' membri, inkluż is-Surmast tal-Banda, biex torganizza dan l-avveniment u biex tħejji programm għall-Banda. Għal din l-okkażjoni ġie deċiż li jiġu mistiedna l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Robert Laycock, l-Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru Dom Mintoff u persuni prominenti oħra. Għal din l-okkażjoni ġie kummissjonat ukoll Stendard Malti bil-George Cross fih u dan kien se jsir għand is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù tal-Mellieħa.



*Sir Robert Laycock*



*Silver Jubilee*

Għal din l-okkażjoni kien se jinkera wkoll planċier kbir speċjali mingħand il-Banda Duke of Connaught ta' B'Kara u l-membri tal-Kumitat Imperial kienu se jippreżentaw lill-Każin vetrina għall-arkivju tal-mużika tal-każin bħala rigal. Biex jinġabru l-finanzi meħtieġa għal din l-okkażjoni, il-Kumitat kiteb lill-Prim Ministru biex jitolbu permess speċjali ħalli jkun jista' jagħmel fiera ġewwa l-Bajja tal-Mellieħa nhar l-10 ta' Lulju 1955. Dan il-permess ġie approvat.

Matul l-1955 kien hemm 12-il Seduta tal-Kumitat, bl-aħħar waħda ssir f'Novembru. Din kienet it-306 Seduta mill-ewwel waħda li saret fil-31 ta' Awwissu 1924, medja ta' 11-il Seduta fis-sena fuq medda ta' 31 sena.

### Għeluq

Meta wieħed iqis dan kollu, nistgħu ngħidu li kien verament suċċess milħuq minn ftit nies komuni li, imqanqla minn imħabba lejn raħal twelidhom, lejn il-Każin u lejn il-Banda, ħadmu u stinkaw bla heda u bla ħlas biex waqqfu xi ħaġa li tibqa'. Huma poġġew il-ġebla tal-pedament ta' entità li kellha tiffjorixxi u tikber f'wieħed mill-iktar Każini tal-Banda popolari f'Malta. Il-ħeġġa li kellhom biex jieħdu sehem f'dak kollu li kien sabiħ u li jagħti sodisfazzjon kompliet imliethom b'kuraġġ biex iħarsu dejjem 'il quddiem fit-tfittxija tagħhom għal aktar impenn.

Matul dawn l-ewwel 25 sena tal-Każin Imperial, jew aħjar ngħidu hekk l-ewwel 31 sena mit-twaqqif tal-għaqda, il-Kumitati kollha għamlu ħilithom biex jiħqu l-għanijiet tagħhom mhux biss f'dak li kellu x'jaqsam mal-mużika u mal-livell ta' banda, imma wkoll bħala għaqda soċjali li taf tagħti pjaċir u sodisfazzjon, biex hekk ġew mibdija u maħluqa okkażjonijiet popolari għall-poplu Malti u iktar u iktar għall-komunità Melliħija. Saru ħafna sagrifiċċji kbar mill-Kumitati tal-bidu, sa mill-1924, li investew f'xi ħaġa li kienu joħolmu u jemmnu fiha, u l-ħidma sfiqa tagħhom tat il-frott biex ġenerazzjonijiet futuri sabu x'jaqtgħu u fuq xiex jibnu. Illum, il-popolarità tal-Każin Imperial tidher fil-wisa' fil-ħafna dehriet tiegħu f'festi titulari matul is-sena kollha, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, u, flimkien mal-lista li ma tispiċċa qatt ta' inizjattivi, attivitajiet u ċelebrazzjonijiet, żgur li nistgħu ngħidu li hu Każin ħaj u mimli enerġija bħalma kienu l-ewwel fundaturi tiegħu disgħin sena ilu.

20.vii.2014

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

# Laqgħa tal-Kabinett fil-Każin tal-Banda Imperial

Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Mellieħa u tal-Għaqda Mużikali tal-Banda Imperial, il-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern, żamm il-laqgħa tiegħu fl-istess każin fil-21 ta' Jannar 2014. Dan huwa meqjus bħala wieħed mill-ogħla organi tal-pajjiż. Ta' min jgħid ukoll li din kienet it-tieni laqgħa ta' din ix-xorta li qatt saret f'Malta fejn is-sena l-oħra saret laqgħa simili fin-nofsinhar ta' Malta, eżattament f'Marsaxlokk u wara kien imiss li din tinżamm fit-tramuntana tal-pajjiż. Dan sar hekk bl-għan li l-Kabinett tal-Ministri joħrog mill-Berġa ta' Kastilja u jżomm laqgħat qalb il-poplu kif kien imwiegħed fil-programm elettorali u jkun jista' jagħti ċ-ċans lill-Kunsilli Lokali biex jitkellmu mal-kabinett.

Għal din il-laqgħa li kienet preseduta mill-Prim Ministru l-Onor. Dr Joseph Muscat, saret diskussjoni miftuħa għal mezzi tal-midja mal-Kunsilli Lokali tat-Tramuntana li kienu rappreżentati kemm mis-Sindki u anki minn xi Kunsilliera.

Il-Kunsilli preżenti kienu: tal-Mellieħa, l-Imġarr, San Pawl il-Baħar, il-Mosta, ir-Rabat, Ħad-Dingli, in-Naxxar, Ħal Għargħur, l-Imdina, l-Imtarfa, Pembroke u s-Swieqi li huma kollha parti mir-regjun tat-Tramuntana.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa permezz tas-Sindku s-Sur John Buttigieg, ingħata ċ-ċans jagħmel preżentazzjoni fuq il-Mellieħa, liema preżentazzjoni ttrattat l-istorja tal-Mellieħa u dwar ukoll il-proġetti u d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom l-istess Kunsill. Il-Kunsilli Lokali l-oħra ngħataw iċ-ċans ukoll jagħmlu l-interventi tagħhom.

Kienu diversi l-punti li tqajjmu waqt il-preżentazzjoni dwar il-Mellieħa u dawn kienu:

Il-problema tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier
Il-*Promenade* tal-Għadira
Il-bajjiet l-oħra
Il-Palazz ta' Selmun
Is-settur tal-għaddasa
Iċ-Ċentru tal-Komunità fil-Mellieħa
Id-dawl tal-Knisja tal-Manikata
Il-Pjazza tal-Manikata
Il-Park Industrijali fil-Mellieħa

Il-Kunsill għamel enfasi biex ikun hemm



*Laqgha tal-Kabinett (Ritratt: Reuben Piscopo, DOI)*



riforma fil-qasam tal-*Local Enforcement System*, kif ukoll biex il-Kunsilli Lokali jiksbu l-awtonomija fiskali.

Il-Prim Ministru fit-tweġiba tiegħu għal din il-preżentazzjoni, qal li l-Gvern huwa kommess li jagħmel fondi minn sorsi ġodda disponibbli għall-Kunsilli Lokali fosthom fondi mill-*Individual Investor Programme (IIP)* u li ġie mħabbar ukoll li għall-Palazz ta' Selmun se tkun qiegħda tinħareġ espressjoni ta' interess fiż-żmien li ġej.

Żgur u mhux forsi, li dan l-avveniment ħa jibqa' mniżżel fil-passi tal-istorja, kemm tal-Mellieħa, kif ukoll dik tal-Għaqda Mużikali Imperial.



*Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa waqt il-laqgħa tal-Kabinett*



*Il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat jiffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi*

# Nisġiet Mużikali Maltin




Din is-sena, l-Għaqda Mużikali Imperial marret 'l hinn mit-tradizzjoni tal-Baned Maltin li kull sentejn fil-jiem ta' qabel il-Festa tinħareġ CD ta' marċi brijużi. Bħalma jindika tant tajjeb l-isem, f'din is-CD għandna nisġa jew kompożizzjoni ta' diversi forom ta' xeħtiet mużikali Maltin. Ħafna minnhom huma ta' awturi u kompożituri Melliħin, u kollha kemm huma jesprimu ħerqa qawwija għal dak kollu li hu Malti, sentimentali, ġej mill-qalb, nostalġiku, reliġjuż, patrijottiku u folkloristiku.

Flimkien jagħtuna kwadru verament fidil ta' esperjenzi li għadda minnhom ġensna, it-tbatija, it-tama, il-ġlieda għall-ħelsien kif ukoll is-sabiħ tal-ħajja mexxejja tal-irħula.

Din il-ġabra għandha l-ħsieb li tippromwovi l-mużika u l-Banda Maltija, li sservi ta' ambaxxatur mal-barranin li jżuruna u fost l-emigranti, l-iżjed dawk tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni, u b'hekk iżżomm kuntatt ma' ġensna msiefer. Trid toħroġ fil-beraħ ftit mill-ħafna talent mużikali Mellieħi, kemm bħala awturi, kompożituri, arranġaturi, mużiċisti, kif ukoll bħala kantanti.

This year the Imperial Band Club decided to move away from the tradition of Maltese Wind Bands that every two years they launch a CD of traditional Maltese Marches few days before the Feast.The title of this musical collection introduces us to a nicely woven compilation of several interpretations of Maltese musical images. Many of them are the work of authors and composers from Mellieħa and all of them express a deep desire for all that is Maltese, sentimental, coming from the heart, nostalgic, religious, patriotic and folkloristic. Together they present us with a faithful picture of all that our forefathers experienced, hardships, hope, their fight for liberty and also the beauty of rural life.

This collection aims to promote Maltese wind band music, to serve as an ambassador with tourists who visit our Island and with emigrants, especially second and third generation ones, thus keeping contact with Maltese abroad. It also aims to expose some of the vast Mellieħa musical talent regarding authors, composers, arrangers, musicians and singers.

| | | |
|---|---|---|
| **01** | **Marcia Sinfonica 'Mellieħa'** | **mużika: Joseph Nazzareno Sammut** |
| **02** | **Il-Bajja tal-Mellieħa** | **lirika: Anthony Fenech**<br>**mużika: Paul Abela / Joe S. Grech** |
| **03** | **Ġensna** | **lirika: Raymond Mahoney**<br>**mużika: Paul Abela** |
| **04** | **Inti Smajtna** | **lirika: Aronne Sultana**<br>**mużika: Aronne Sultana** |
| **05** | **Taħt Tliet Saltniet** | **lirika: Joe Friggieri**<br>**mużika: Paul Abela** |
| **06** | **Prelude in C – Sunset Op. 131B** | **mużika: Carmel Muscat** |
| **07** | **El Mellaħa Ġrajjietha...** | **lirika: Anthony Fenech / Philip Vella**<br>**mużika: Philip Vella** |
| **08** | **Maltese Rhapsody** | **lirika: Aronne Sultana**<br>**mużika: Carmel Muscat** |

**A.F. SKIP HIRE**

*Mellieħa*

**Toni** (ta' Rasu)

**Mob: 9925 3837**
**9935 3837**




***Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas***



# Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta' Maria Bambina Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

## Il-Ġimgħa 22 t'Awwissu 2014

**8.00p.m.** *Barbeque* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali Joe Demicoli.

## It-Tnejn 25 t'Awwissu 2014

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**8.30p.m.** Wara li tispiċċa t-tombla, ser tiġi organizzata *Pasta Night* ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

## Il-Ħamis 28 t'Awwissu 2014

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

## Il-Ġimgħa 29 t'Awwissu 2014

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg

## Is-Sibt 30 t'Awwissu 2014

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

## It-Tlieta 2 ta' Settembru 2014

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

## L-Erbgħa 3 ta' Settembru 2014

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-membri tal-Kumitati, bandisti, membri tal-Kor flimkien mal-familjari tagħhom.

## Il-Ħamis 4 ta' Settembru 2014

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.



## Il-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2014

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla minn Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mithna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Ġużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Is-Sibt 6 ta' Settembru 2014

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Franġisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ħadd 7 ta' Settembru 2014

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**9.15p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## It-Tnejn 8 ta' Settembru 2014

**5.30p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## It-Tlieta 9 ta' Settembru 2014

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-Hop On Hop Off mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-sena li għaddiet.

# QLED™ 1.5W

## Decorative Ball Shape LED Lamps






- Consumes only 1.5W while producing the same illumination of a 15W incandescent lamp

- Average lifetime 30,000 hours

- Vivid Warm White, Cool White, Red, Blue, Yellow and Green colours

- Fully Waterproof

- Available in B22 (Bayonet) and E27 (Edison Screw) base cap



**Available from all leading Hardware Stores and Light Shops**

Another product brought to you by:
Trade Enquiries: 7900 0369 / 7901 3878

AJ QUALITY PRODUCTS

your light source

# Activities organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of

# Our Lady of Victories

## Patron of Mellieħa

**Friday – 22nd August 2014**

**8.00p.m.** BBQ organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Special guest will be Joe Demicoli.

**Monday – 25th August 2014**

**6.00p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee.

**8.30p.m.** A Pasta Night will be held at the club. Festive entertainment will be organised by the youths section.

**Thursday – 28th August 2014**

**8.00p.m.** Annual Get Together at the Imperial Band Club for emigrants.

**Friday – 29th August 2014**

**8.00p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir.

**Saturday – 30th August 2014**

**6.30p.m.** The Imperial Brass Ensemble and Choir together with the club's committee and members participate during a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church.

**Tuesday – 2nd September 2014**

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir at the Parish Square. A reception will be held afterwards at the Imperial Band Club main hall.

**Wednesday – 3rd September 2014**

**8.00p.m.** A reception will be held for the Committee, band and choir members, together with their guests at the Imperial Band Club.

**Thursday – 4th September 2014**

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to Mellieħa Parish Square.

**Friday – 5th September 2014**

**8.00p.m.** Band marches by St George's Band from N. Caruana Dingli Street to Mellieħa Parish Square.

**Saturday – 6th September 2014**

**8.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from V. Ciappara Street to Mellieħa Parish Square.

**Sunday – 7th September 2014**

**7.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street to Mellieħa Parish Square.

**9.15p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in honour of Our Lady of Victories on the stage, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Hymn.

**Monday – 8th September 2014**

**5.30p.m.** Band marches by St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the club's Band Stand in Mellieħa Parish Square. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

**Tuesday – 9th September 2014**

**5.00p.m.** An outing will be organised on the Hop On Hop Off Buses to end up the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the youths section.

# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial



*Is-Sur Aronne Sultana jippreżenta awtorizazzjoni biex l-Għaqda Mużikali Imperial tkun tista tesegwixxi l-mużika li kkompona huwa.*



*Is-Sur Carmel Fenech jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sur Clayton Bartolo jippreżenta marċi tas-Surmast John Mamo.*



*Dr Joanne Vella Cuschieri tippreżenta donazzjoni.*



*L-Onor. Dr Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sur Emvin Bartolo f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jippreżenta għotja ta' flus bħala parti mill-ftehim kulturali bejn il-Kunsill u l-Għaqda Mużikali Imperial.*





*Is-Sur Jamie Cini u s-Sur Alex Ellul f'isem il-Kummissjoni Żgħażagħ jippreżentaw mużika.*



*Is-Sur John Vic Borg jippreżenta pittura tas-Surmast John Mamo.*



*Is-Sinjura Mariella Barbra tippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sinjura Marisa Sammut tippreżenta donazzjoni.*



*L-Onor. Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sur Vincent Debono jippreżenta bandiera ta' Malta.*


fieldsports
Fishing & Adventure
Shop: 17 Parish Square, Mellieha. Telephone: 2152 2602
Email: info@fieldsportsmalta.com
Opening Hours: Monday-Friday 9:00-12:30 / 16:00 - 19:00hrs
Saturday 9:00 - 12:30hrs
Fishing Equipment
Fishing Rods, Tackle, Nets, Reels, Baits, Lures, Life Jackets, (Ful tal-Vopi, Gambli u Sardin) and Accessories
Spear Fishing
Spear Guns, Knives, Diving Masks, Fins, Scuba Floats, Gloves and Shoes
Adventure Wear
Clothing, Boots, Multi-Purpose Knives and Binoculars
TRABUCCO
BUCK KNIVES
asari
MAXIMA
YAMASHITA
technisub
AQUA LUNG
Mustad
ASSO
YO-ZURI
FLADEN
mares


P&C CAUCHI
TAL-PAPUSA
MELLIEHA
ALL TYPES OF EXCAVATION WORKS
- Demolition & Excavation works
- Rock cutting, basements & pools
- Hiring of excavators & Earth Moving
- Transport of Aggregate & Sand
Mob : 99899839 79259208

# Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial



*Is-Surmast Anthony Borg, għan-nom ta' numru ta'emigranti fl-Awstralja, jippreżenta 100 ingravata ġdida.*

**Emigranti benefatturi kienu:**

Sam u Tessie Vella
Charlie u Pia Grech
Anthony u Pauline Attard
Vince u Rita Borg
Anthony u Josephine Dimech
Louis and Josephine Borg
Salvina Vella
John Pisani
Paul u Mary Mifsud
Carmen Cini

# Life is how you make it. So keep on fighting and never give up.

**By Pippa Roberts**

Steven Fenech & Roxanne Buttigieg are now into the second year of a dance partnership that seems to be developing extremely well. With Roxanne in her final year at University studying architecture and also Steve's commitments to the Mellieħa Band Club and also Amateur Radio, the couple have proved that with good planning all things are possible. The dedicated couple have not only travelled to International Championships where they have reached the finals both in Ballroom & Latin American Wheelchair Dancing and also managed to win the Manchester Grand Prix Latin American Championship, but have found time to work as a team with two couples from Germany & Netherlands.



The Formation Team performed in the opening of the IPC European Basketball Championships, which were held in Frankfurt, Germany last June and by popular demand repeated the performance again in Germany last September and more recently in April this year. Steven & Roxanne together with the German Champions for Wheelchair Ballroom Dancing Jean-Marc & Andrea, also performed for Saga UK Tours at the Coastline Hotel, a 30 minute cabaret receiving a standing ovation for this non-stop dynamic performance. Steve & Roxanne have just returned from the Manchester Grand Prix were they took part again with the German couple Jean-Marc & Andrea danced in the group dance were they danced to the Music Men. The 2 couples came 2nd in this category, then Steve and Roxanne danced in the Latin American Championships were they won for the second time since they have been dancing together.

**What next?** There are many championships on the horizon and Steve & Roxanne are always in need of sponsors to help with travel costs. They are working extremely hard to perfect their performances technically but the passion, fun and enjoyment the couple have whilst performing is what makes them stand out and excite their audiences. On November 29th & 30th they will be participating in the Malta Open Dance Spectacular which is being held at the University Sports Hall, Msida. Don't miss the opportunity of seeing them perform and supporting not only Malta, but if you are from another European country supporting your own couples, as there are already 11 countries from Europe who have confirmed their participation. For further information and donations visit the website: www.maltawda.com





# L-Għanja ta' Ħajti

Anthony Fenech

Kont imxejt fuq blat u xagħri
Kmieni kien fi sbieħ il-jum
Meta s-sagħtar vjola jwarrdu
Taħt in-nida jleqq ikun ...

Qalb il-ħmura fuq ix-xefaq
Ix-xemx dehret ħamranija
Li b'dawlitha donna riedet
Idawwal din l-art Maltija ...

Tul il-mixja ltqajt ma' bdiewa
Kmieni bieżla għax-xogħol sejrin
Riekba jsuqu karrettuni
Miġbudin minn bgħula u ħmir!

Ħbula raba rajt iħaddru
Bħal tapiti mżewqin
Mal-lellux kibret is-silla
Qalb il-ħmura tal-peprin!

Fjuri u friefet l-ambjent sebbħu
Imkennija mis-sejjieħ
Bdew is-siġar dlonk jixxenglu
Ma' kull l-iċken żiffa riħ!

Issa l-bdiewa waqqfu l-bhejjem
Ħdejn ir-raba mhux maħdum
Ħaddmu s-sienja tellgħu l-ilma
Saqqew l-art matul il-jum ...

Komplejt miexi waqt li nara
Dak li lmaħt minn fuq l-għoljiet
Medda twila firxa baħar
Qed titgħannaq mas-smewwiet!

Wara b'ħarsti lmaħt madwari
Xeni jsaħħru fil-widien
Fost passaġġi twal imħarbat
Li jwassluk lejn xi għerien ...

Fl-għoli qrib wieqfa fis-sema
Rajt il-Knisja Melleħija
Monument tal-akbar rebħa
U t-twelid t'Ommna Marija! ...

Fl-aħħar żort l-għar tal-Madonna
Fejn fil-blat hi bħala xbieha
Kif għamlu missirijietna
Li tamiethom urew Fiha! ...

Fis-Santwarju qaddis tagħha
Jien waqaft qima nagħtiha
Għax f'dak l-għar fejn hi meqjuma
Sar benniena nisranija! ...

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

E'CASA

...we furnish your dreams







kitchens ■ sofas ■ bedrooms ■ dining rooms ■ wall units ■ occasional furniture ■ home accessories

E'CASA

www.ecasa.com.mt

Please call for an appointment
E'casa Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha, Malta MLH 2282
T (+356) 2152 4262 F (+356) 2152 2762 M (+356) 7900 8002 E info@ecasa.com.mt

Highly Finished Upmarket Apartments in Mellieha







ASPEN LIMITED

...at fantastic prices

Please call for an appointment: Aspen Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha MLH 2282
Tel: (+356) 2152 2761 Fax: (+356) 2152 2762 E-mail: aspen@onvol.net




PARADISE BAY
Resort Hotel
★★★★





Marfa Road, Cirkewwa, MLH 9068, Malta
**T.** (+356) 2152 1166 **F.** (+356) 2152 1153
**E.** events@paradise-bay.com

www.paradise-bay.com

Find us on: facebook

# 25 sena mill-Inawgurazzjoni tal-Arma l-Ġdida bl-Emblema tal-Għaqda Mużikali Imperial

**Albert Borg**

Kien sewwa sew bħal dan iż-żmien ħamsa u għoxrin sena ilu, meta Emmanuel Cini (l-iskultur) kien qiegħed jagħti l-kolpi tiegħu fil-ġebla Maltija sabiex ikun finalizzat il-proġett tal-arma l-ġdida bl-emblema tal-Għaqda Mużikali Imperial mal-faċċata tal-każin. Nistqarr magħkom, kont sorpriż meta l-istess skultur avviċinani sabiex nikteb artiklu fuq dan l-anniversarju, għax ma bsartx li kien għadda daqshekk żmien. Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd, imma l-opri li nagħmlu jibqgħu bħala xhieda ta' ħidmietna b'risq l-għaqda li lkoll għandna għal qalbna.

Dan kien proġett li ta identità lill-Għaqda Mużikali Imperial. Minbarra l-arma dan il-proġett kien jinkludi wkoll lapida tal-irħam mal-ġenb tal-bieb prinċipali tal-każin bl-isem Għaqda Mużikali Imperial kif ukoll *notice board* ġdida fl-intrata tal-każin li fil-parti ta' fuq tagħha kien hemm skolpita fuq l-injam l-emblema tal-Għaqda Mużikali Imperial. Sabiex jikkumplimentaw dan kollu, f'din l-okkażjoni kienu żżanżnu wkoll arblu gdid ta' 'l fuq minn 50 pied u bandiera ġdida bin-Nome di Maria li għadhom jitgawdew sal-lum il-ġurnata. Qabel sar dan ix-xogħol, imkien fil-każin il-ġdid ma kienet tidher l-emblema tal-Għaqda Mużikali Imperial ħlief fuq l-istandard tal-banda.


*L-iskultur Emanuel Cini*

Niftakar b'nostalġija kbira l-passi kollha li wasslu sabiex dan il-proġett ambizzjuż jitwettaq. Bdejna bid-disinn provdut minn Emmanuel Cini, ħadna l-pariri ta' nies professjonali u wara l-approvazzjoni mill-kumitat, middejna għonqna għax-xogħol ħalli dan il-proġett jitwettaq fiż-żmien stipulat. Ma ninsa qatt li matul it-twettiq ta' dan il-proġett ma sibniex bieb wieħed magħluq. Lil kull min ħabbatnielu l-bieb fetaħulna beraħ u tana mill-qalb dak kollu li kien meħtieġ.

Huwa għalhekk li mhux ser insemmi ismijiet għax wisq nibża' li nħalli lil xi ħadd barra u dan ma jkunx ġust. Ġie maqtugħ apposta l-ġebel li fih kienet ser tiġi skolpita l-emblema u dawn twasslu fil-*workshop* tal-iskultur sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol tal-iskultura. Wara xi ġimgħat, bdew jidhru xi sinjali li l-emblema qed tieħu l-forma fil-ġebla Maltija tant sabiħa. Niftakar kont inqatta' serati sħaħ fil-*workshop* ta' Emmanuel Cini u kont ngħinu billi neħodlu ħsieb il-produzzjoni tal-balavostri sabiex hu jkun jista' jkompli fuq dan il-proġett.

Dan kien żmien mill-isbaħ għalija li ma nista' ninsa qatt. Wara li tlesta x-xogħol fuq l-emblema, beda x-xogħol fuq iż-żewġ iljuni li ġew skolpiti minn ġebla waħda kbira u sħiħa kull wieħed. Kont tissaħħar tara l-abbiltà tal-iskultur, li minn

sempliċiment ġebla, jirnexxielu joħroġ forma tant reali u sabiħa ta' iljun. U hekk bil-għajnuna t'Alla x-xogħol li kellu jsir fil-*workshop* tlesta u bdejna nagħmlu l-preparamenti sabiex inwasslu x-xogħol li sar lejn il-każin.





Kienet ġurnata ta' festa meta, fuq trakk armat apposta, ġie mgħobbi x-xogħol kollu li sar. Wara ttieħed permezz ta' *carcade* mill-*workshop* ta' Emmanuel Cini sal-każin. Minbarra l-ammont imdaqqas ta' nies li attendew, kien jinħass entużjażmu li kemm kien ili naħdem fil-każin qatt ma ħassejt bħalu. U dan irrifletta ruħu meta ġiet varata skema sabiex jinġabru l-fondi neċessarji għal dan il-proġett, li prattikament ittieħdet kollha fi ftit ġranet. Mhux talli hekk, talli inġabru wkoll l-arblu u l-bandiera l-ġodda. Fl-istess okkażjoni l-ġebel kollu tpoġġa f'postu permezz ta' *crane* u għalhekk l-iskultur seta' jagħti l-aħħar daqqa tal-imgħallem biex dan il-proġett ikun komplut.

Nhar is-Sibt 2 ta' Settembru 1989, f'temp xitwi kif jaf jagħtina Settembru, ġie inawgurat dan il-proġett meraviljuż mill-President ta' dak iż-żmien, tal-Għaqda Mużikali Imperial, il-mibki Emmanuel W. Grech. Il-banda Imperial taħt id-direzzjoni tal-mibki surmast John Mamo ppreparat ukoll programm imżewwaq għall-okkażjoni.

Surmast li jibqa' f'qalbna għall-innu 'Aħna tal-Iljun' li ħareġ mill-pinna tiegħu, ħallihulna bħala patrimonju u huwa sinonimu mal-Għaqda Mużikali Imperial. Din l-arma l-ġdida għaqqdet dan kollu flimkien.

Nagħlaq billi l-ewwel ngħid grazzi ta' din l-opportunità. Nieħu l-okkażjoni biex inħeġġeġ aktar nies jersqu lejn l-Għaqda Mużikali Imperial sabiex jagħtu l-kontibut tagħhom u aktar proġetti bħal dawn ikunu jistgħu jiġu mwettqa. Illum, li jien involut fil-festa ad unur tal-istess Marija Bambina ġewwa n-Naxxar, ma tantx ikolli ċans nattendi għall-festa sabiħa tal-Mellieħa u għalhekk nieħu l-okkażjoni sabiex nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha u nixtieq lil kulħadd saħħa u paċi.




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

**DAILY FRESH IS BEST**

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa

# NEW ON THE MARKET

your living at home



FIRST FLOOR



GROUND FLOOR



BASEMENT

dbproperties

Office: 28, St. Helen Street, Mellieha, MLH 1012
Tel: +356 2152 0636
Mob: +356 9949 3487

www.dbpropertiesmalta.com

email: info@dbpropetiesmalta.com

# Wirjiet Organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ

Din is-sena ġew organizzati żewġ wirjiet imtellgħin mis-Sezzjoni Żgħażagħ. L-ewwel wirja kienet il-Wirja tal-Presepji li issa saret avveniment annwali. It-tieni wirja kienet dik li s-soltu ssir fl-ewwel xhur tas-sena. Wara li s-sena l-oħra ma saritx minħabba ċirkostanzi oħra, din is-sena reġgħet ittellgħet u kienet fuq it-tema ta' Passatempi u Kollezzjonijiet.

Wara s-suċċess li kellna s-sena l-oħra bil-wirja tal-presepji li kienet saret għall-ewwel darba, ġie deċiż mis-Sezzjoni Żgħażagħ li għal din is-sena l-wirja ssir ġewwa s-sala prinċipali tal-każin u tkun ikbar b'aktar numru ta' presepji esibiti. Apparti l-presepju mekkanizzat li jsir bl-għajnuna ta' Edmund Camilleri flimkien ma' Michael Cauchi u l-grupp taż-żgħażagħ, din is-sena kellna presepju magħmul miċ-ċikkulata li sar minn Jamie Anthony Cini bl-għajnuna tal-grupp. Reġa' sar il-presepju statiku li kien isir quddiem il-każin fejn kellna l-għajnuna ta' Ruth Borg fejn irranġajna ż-żebgħa ta' dawn il-pasturi u żidna wkoll xi elementi.

Kellna wkoll diversi presepji żgħar magħmula kollha minn residenti Melliħin. Dawn kienu Albert Borg, Carmen Cini, Charles Borg, Daniel Vassallo, Frans Sammut, Johann Farrugia u Marie-Lou Rodo. Il-wirja ġiet miftuħa nhar it-tlettax ta' Diċembru mis-sindku tal-Mellieħa s-sur John Buttigieg u mbierka mill-kappillan tal-Mellieħa Dun Joe Caruana u damet miftuħa sal-ewwel tas-sena. Il-wirja ntlagħqet tajjeb ħafna mill-pubbliku li ġie jżurha fil-jiem li għamlet miftuħa. Nixtieq navza li min hu interessat jesebixxi xi presepju li jkun għamel għandu jkellem lil xi membru mill-grupp taż-żgħażagħ sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ottubru biex jieħu sehem fil-wirja ta' Diċembru.

Wara li għaddiet il-wirja tal-Milied bdew id-diskussjonijiet dwar il-wirja li kien imiss. Wara diversi laqgħat ġie deċiż li tkun fuq it-tema ta'







'Passatempi u Kollezzjonijiet'. Bdejna għalhekk infittxu esibituri Melliħin. Għall-ewwel qisu bdejna naqtgħu qalbna iżda mbagħad wieħed imexxi l-kelma mal-ieħor tibda tara kemm hawn talent ġewwa l-Mellieħa li ħafna minnhom jagħmlu x-xogħol ġewwa darhom u qatt ma jiġi esibit. Il-wirja ġiet miftuħa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu fejn ġiet miftuħa mis-Sindku tal-Mellieħa u mbierka mill-Kappillan. Kellna numru sabiħ ta' 15-il esibitur. Dawn kienu Andrew Farrugia – Mudell ta' xini Spanjol magħmul biċ-ċikkulata, Carmen Sammut – kollezzjoni ta' qniepen żgħar minn pajjiżi differenti, Connie Vella – kollezzjoni ta' pupi tal-porċellana, David Sciberras – kollezzjoni ta' James Bond u mudelli tal-vannijiet, Edmund Camilleri – mudell ta' knisja, Geoffrey Thomas – kollezzjoni tal-whiskey, Jamie Anthony Cini – mudell biċ-ċikkulata, Jimmy Muscat – kollezzjoni ta' kotba tal-iskola primarja u kartolini ta' żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, Lawrence Borg – skultura fil-ġebel, Louis Gauci – ħruq fuq l-injam, Louis Grech – mudelli tad-dgħajjes, Michael Vella – skultura bil-butir, Nathalie Kushev – xogħol bl-idejn tal-Ganutel u fuħħar.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lil kull esibitur li ħa sehem fiż-żewġ wirjiet li kellna matul is-sena li kieku mhux bl-għajnuna tagħhom dawn żgur ma kinux ikunu possibbli. Nirringrazzja wkoll lill-grupp taż-żgħażagħ tal-għajnuna bil-preparamenti għal dawn il-wirjiet fejn jirrekjedu ħafna xogħol qabel kif ukoll waqt il-ġranet li l-wirjiet ikunu miftuħin.










# SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE



Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

**Ġo Ġo**
MINI MARKET
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**

# Western Music for DUMMIES

## *part 1*

Geoff Thomas

I was going to call this article Composing for Dummies, but found that title was already taken. In fact, those of you who diligently worked your way through my article on music theory in last year's publication may be interested to know that Music Theory for Dummies is available to download free online; not only that volume, but also Music Composition for Dummies. Dummies? Perhaps you don't feel like working your way through 363 pages published and written by Americans? And perhaps, like me, your list of 'ten composers you should know about' includes more than one born before 1874 and certainly does not include six American composers, and a seventh who lived there for over thirty years. After a few pages, you might tire of translating measures to bars, and, well, you get the point.

Music is bigger than even the good ol' US of A and it continues to reinvent itself. Following the history of music and musicians over the centuries is fascinating; there's something for everyone. You like murder and intrigue? Gesualdo, Vivier & Leclair. You like strange and tragic deaths? Lully, Webern & Granados. Assassination? Stradella. Affairs of the heart? Take your pick! Unrequited love, madness, cycling accidents, interesting diseases, hunting, shooting, politics, self-mutilation, emigration, sport, blood poisoning, umbrella collections, priests? Never mind Salieri, it was pork chops that did for Mozart! Let's face it, composers are the most amazing characters.

As music has continued to evolve, so has the way we write, copy and publish music. Until the 11th century, there was great confusion in the teaching and performance of liturgical melodies, so the first entry in my list of important musical figures is Guido d'Arezzo. This Benedictine monk developed, or at least brought together, a way of writing down these melodies so that they could be performed in the same way wherever they were used. In previous years, melodies could be memorised and perpetuated through oral means. But, the increasing number of feasts and the expanding liturgy increased the number of melodies so they could no longer be memorised without some more sophisticated means. Therefore...

> 'The absence of this (sophisticated) means, the frequent carelessness of copyists, the temperament and even caprice of singers, and the great variety of conditions under which they were propagated and performed, caused the melodies to undergo numerous changes.'

The way we write music today can be traced back to this time. The importance of this discovery was noted by Pope John XIX (d.1032).

> 'Pope John was overjoyed at the ease with which he was enabled to decipher and learn the melodies without the aid of a master.'



So what did it look like before and after? Here is Jubilate Deo using some early neumes.

Most basic notation before Guido could only specify the number of notes and whether they moved up or down. There was no way to indicate exact pitch, any rhythm, or even the starting note.

Some people had already used letters, even from the 6th century. In the following example, you can see neumes with letters but they didn't stop with G; this goes up to N! (They used A to O; J didn't exist until much later).





In this last example, we can clearly see the line, printed originally in red, that was used as a guide for the pitch.

Eventually a line was added, as shown below; then two.

To the two lines which were in use at the turn of the millennium, Guido added two more lines, providing four lines with three spaces, and it was then possible to write down all the melodies in use at that time. He only needed four lines due to the limited range of these chants and a clef was added to enable the exact pitch to be shown. In the following example, we have a C clef, so we can see that the melody begins on C and finishes on B:



As we saw above, some musicians had previously added letter names to specify the pitch. This new method combined the two and began to clarify the length of notes, too. This following chart shows the same melody written first in neumes, the added letter names, the notation developed (or at least collected and codified) by Guido d'Arezzo, and finally how it would look today.




But Guido didn't stop there. He used the chant, Ut Queant Laxis to give the notes names. You can see that the chant is in sections, each line beginning on a different note, one note higher than the previous one. This is written with an F clef, making the first note C.

***Ut*** *queant laxis*
***re****sonare fibris,*
***Mi****ra gestorum*
***fa****muli tuorum,*
***Sol****ve polluti*
***la****bii reatum,*
***S****ancte* ***I****ohannes.*




If you look carefully at the words and melody together, you can see that the first syllables spell: Ut, Re, Mi, Fa, Sol, La and (in this case) the notes are: C, D, E, F, G, A. So here we have the beginnings of our solfège. Whether Guido actually composed the music is immaterial; he named the notes. Eventually, Do replaced Ut, and Si was added as the seventh note (once it was permissible to use the tritone or Devil's interval!). In some countries, Ti






| English | French | German | Italian | Spanish |
|---|---|---|---|---|
| A flat | la bémol | as | la bemolle | la bemol |
| A | la | A | la | la |
| A sharp | la dièse | ais | la diesis | la sostenido |
| B flat | si bémol | B | si bemolle | si bemol |
| B | si | H | si | si |
| C flat | do bémol | ces | do bemolle | do bemol |
| C | ut/do | C | do | do |
| C sharp | do dièse | cis | do diesis | do sostenido |
| D flat | ré bémol | des | re bemolle | re bemol |
| D | ré | D | re | re |
| D sharp | ré dièse | dis | re diesis | re sostenido |
| E flat | mi bémol | es | mi bemolle | mi bemol |
| E | mi | E | mi | mi |
| F | fa | F | fa | fa |
| F sharp | fa dièse | fis | fa diesis | fa sostenido |
| G flat | sol bémol | ges | sol bemolle | sol bemol |
| G | sol | G | sol | sol |
| G sharp | sol dièse | gis | sol diesis | sol sostenido |

replaced Si so that it was possible to use just the first letters (D, R, M, F, S, L, T). However, the scales that we all love to practise can be traced back to Guido d'Arezzo. Where would the Von Trapp family be without him?

The memorial stone on his place of birth in Monaco records this contribution.

Later, in English-speaking countries, the notes became A, B, C, D, E, F, and G. Italy and many other countries continue to use Do, Re, Mi etc. The Germans went their own way, allowing composers to use important motifs in their music: BACH, DSCH (Shostakovich) etc.

In other countries, especially Wales, the use of Sol-fa notation made sight-singing and singing in parts quite straightforward. This system continued the use of a moveable Do (Guido's Ut could be C, F or G), so that once you could sing the note names, it didn't matter how many sharps or flats there were. It even worked for minor keys, where instead of indicating Do, La was given.

The Eisteddfodau in Wales continued to publish major choral works in Sol-fa, so that large choirs could perform even modern works like Tippett's *A Child of Our Time*. Choirs still use Sol-fa editions even today, although the practice is dying out. Choirs frequently began by learning the music by singing the note names, then adding the words later, once the pitches were certain. The Tremeirchion Bach Choir in North Wales, well – some of them – still use a Sol-fa edition in their annual performance of Bach's St. Matthew Passion.

When I first took part in this unique event, I noticed that you could always tell when the singers found their lines to be difficult as they stopped singing the words and sang the note names instead.

Even modern notation software will accept Sol-fa notation alongside all the other forms now being used, e.g. lute tablature, TAB. Thank you, Guido!

SALA IMPERIAL
(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

*Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:*
*21 523467 u 21 520536*

**ABELA NORBERT JOINERS**

*Craftsmanship furniture for client's special requirements!*

59 TRIQ IN-NAHAL,
MELLIEHA, MALTA

MOB: 9947 6620
TEL: 2152 3853

LIKE US ON facebook

**EUROMED LIMITED**

264, Main Street, Mellieħa MLH 2317

Atlas Group

Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited

Insurance for Motor - Home - Travel - Boat - Health - Businesses

Free Road Assistance for all Private Comprehensive Vehicles and reduced membership fees for all other motor policies.

Contact Euromed today on:
2152 1025/6 to benefit from special discounts.

Euromed Limited in enrolled under the Insurance Intermediaries Act 2006 by enrolment number C 11199, to act as a Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited, which are authorized under the Act and regulated by the Malta Financial Services Authority. Atlas Healthcare Insurance Agency Limited act as agents for AXA PPP Healthcare Limited. The policies are underwritten by the companies concerned.



**J. Vella**

**Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.**

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




**IR-RAZZETT FRUIT SHOP**

**BEST QUALITY FRUIT AND VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545

# Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II Ħarsa lejn l-Istorja Tiegħu

Jimmy Muscat

**T**radizzjoni antika tgħidilna li l-Appostlu Luqa, wara li kien ġie nawfragat fil-viċinanzi tal-Mellieħa waqt li kien qiegħed issieħeb San Pawl Appostlu fil-vjaġġ epiku tiegħu minn Kreta lejn Ruma fis-sena 60 Wara Kristu, sab ruħu fil-Mellieħa u fuq il-blat għeri ta' għar naturali żgħir penġa x-xbieha tal-Madonna bil-Bambin Ġesù fuq driegħha. Tradizzjoni oħra ssostni li fis-sena 409 Wara Kristu ġemgħa ta' isqfijiet waslu f'dan l-istess għar u kkonsagrawh bħala Knisja. Żewġ tradizzjonijiet antiki li sawru l-pedamenti ta' devozzjoni qawwija lejn Ommna Marija tal-Mellieħa.

**L**-Ikona preżenti tal-Madonna, mibnija fuq stil Biżantin-Sqalli, u mpenġija wkoll direttament fuq il-blat, tmur lura għas-seklu 11-12. Hija ta' oriġini Sqalli-Biżantin. Tajjeb wieħed isemmi wkoll hawnhekk li traċċi ta' pittura aktar bikrija jeżistu taħt din l-istess Ikona li, wara dik id-devozzjoni hekk antika minn eluf kbar ta' pellegrini, żgur jixirqilha apprezzament storiku u spiritwali ħafna aktar fil-fond. Sa minn qabel l-1436 din l-istess kappella kienet diġà waħda mill-għaxar Parroċċi stabbiliti f'Malta, bħalma jidher tant tajjeb fir-Rollo tas-Senatur de Mello.[1] Jidher ukoll li f'dik il-ħabta stess dan il-għar-kappella Medjevali kien taħt il-kura ta' komunità ta' Patrijiet Agostinjani.

**I**l-ħames arkati jew loġoġ oriġinali 'l barra mill-Għar, fejn illum hemm il-kampnar, ġew mibnija għall-ħabta tal-1590 u magħhom, x'aktarx, ħajt rettangolari biex jifforma kjostru magħluq madwar il-misraħ ta' ġewwa tas-Santwarju. Il-faċċata fuq in-naħa ta' barra ta' wieħed minn dawn il-ħitan qodma llum iżejjen Misraħ iż-Żjara tal-Papa San Ġwanni Pawlu II.

**L**-1718 kienet sena skarsa ħafna mix-xita, tant li kien hawn ġuħ kbir f'Malta u Għawdex, l-uċuħ tar-raba' ġew milquta ħażin ħafna u n-nies kienet qiegħda kważi tmut bil-ġuħ. L-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Monsinjur Ġakbu Cannaves, ordna li jsir pellegrinaġġ nazzjonali u eluf kbar ta' pellegrini



waslu fl-Għar tal-Madonna tal-Mellieħa biex jitolbu għax-xita. Ix-xita bdiet nieżla u għamlet bl-abbundanza. Żgur li xi ħaġa verament tal-għaġeb seħħ waqt dik iż-żjara hekk kbira għax, sena wara, missirijietna bnew dak l-Ark Trijonfali bħala ringrazzjament lill-Madonna. Dan l-Ark imponenti llum qed isebbaħ dan il-Misraħ ta' barra u jilqa' tant viżitaturi u pellegrini. Jissimbolizza r-rebħa tal-Madonna tal-Mellieħa fuq l-għawġ u l-gwaj li kien qiegħed jifni l-poplu Malti dak iż-żmien.[2]

**M**aż-żmien, id-devozzjoni lejn ix-xbieha mirakoluża tal-Mellieħa tant kibret li fl-1838, ir-Rettur, Dun Pawl Lebrun, għamel petizzjoni jew talba lill-Gvern Ingliż biex ikun jista' jixtri qatgħa art, quddiem l-Ark Trijonfali, ħalli fuqha jibni diversi kmamar għall-pellegrini. Il-permess ingħata fi żmien tliet xhur u r-Rettur Le Brun ħallas 5 Liri Sterlini għal dik il-medda art.[3] Illum għadna naraw din il-blokka bini b'26 kamra mibnija għal dawk il-pellegrini li wħud minnhom kienu jorqdu hawn minħabba t-triq twila u mwegħra. Ma ninsewx li dawk il-pellegrini kienu jiġu bil-mixi minn kull naħa ta' Malta u Għawdex.

**A**llura, issa, dan il-Misraħ ta' barra kellu żewġ ħitan kompluti, il-ħajt il-qadim tal-1590 imżejjen b'dak l-Ark Trijonfali u l-blokk simettriku tal-kmamar tal-pellegrini.






**S**itt snin wara, fl-1844, il-Mellieħa reġgħet ġiet stabbilita bħala Parroċċa, b'popolazzjoni ta' madwar 520 abitant imferrxin 'l hawn u 'l hinn jgħixu fl-għerien fil-ħames widien għammiela tal-qrib.[4] Din is-sena rat ukoll il-bidu tal-Għassa tal-Pulizija f'dan l-istess Misraħ ta' barra u, l-ewwel kamra u wara ftit oħra, ġew attrezzati biex iservu bħala stazzjon tal-Pulizija fejn għadhom preżenti sal-lum.

**W**asalna issa għas-sena 1853, meta statwa artistika tal-Madonna ġiet mogħtija lis-Santwarju minn Dun Giuseppe di Stefani. Dik is-sena rat il-festi esterni tal-Vitorja jiġu estiżi minn Misraħ is-Santwarju għall-parti ta' barra wkoll, jiġifieri dan il-Misraħ li qegħdin nitkellmu fuqu llum, u bir-raġun dan ġie mżejjen bil-liedna u bid-dwal taż-żejt. Tant niżlet tajjeb din id-drawwa ġdida li, xahrejn wara, f'Novembru, is-Sindku tar-4 Distrett, is-Sur Trapani, talab lill-Gvern Ingliż biex jibni ħajt ta' lqugħ fuq in-naħa t'isfel tal-misraħ fejn jagħti għal fuq Triq il-Marfa għax kienu sikwit qegħdin iseħħu ħafna inċidenti li kienu jinvolvu nies, karettuni u karozzelli. Dan il-ħajt, li ħafna minnu għadu eżistenti sal-lum, sewa 15-il Lira biex inbena.[5]

**I**ssa, il-Misraħ ta' barra kien komplut u mwitti u nvellat kif suppost, lest għaċ-ċelebrazzjonijiet annwali li kienu jsiru b'risq il-festa tal-Vitorja fil-bidu ta' Settembru u ta' kumdità akbar għall-pellegrini u viżitaturi li kienu jżuru s-Santwarju tal-Madonna.

**M**eta mbagħad kienet qed tinbena l-Knisja Parrokkjali bejn l-1883 u l-1897 kienet inħasset il-ħtieġa li ssir fetħa fil-ħajt tal-istess kjostru maġenb l-Ark Trijonfali biex titnaqqas it-tbatija tal-ġarr tal-ġebel. Il-ġebel kollu għall-knisja parrokkjali tal-Mellieħa kien jinqata' mill-barriera tal-Armier u jinġarr bla ħlas fuq karettuni minn Melliħin, iżda peress li l-uniku aċċess lejn il-knisja kien minn triq dejqa, tiżloq u wieqfa ħafna wara s-Santwarju, fejn kien hemm l-istatwa tar-Ruħ tal-Purgatorju, hekk l-affarijiet ħfiefu u saru bla periklu għal kulħadd. Issa l-misraħ ta' barra ħa dimensjoni popoplari ikbar għax mal-eluf ta' pellegrini għas-Santwarju żdiedu wkoll eluf ta' ġebel kbar għall-bini tal-knisja l-ġdida.

**G**ħall-bidu tas-Seklu 20, dan il-Misraħ kien donnu sar post ċentrali fil-Mellieħa u fil-5 ta' Ġunju 1912 kellu jara paġna oħra storika tinkiteb fih. Sa dak iż-żmien, il-komunità Melliħija kienet moqdija biss bl-ilma li kienet iġġib mill-Għajn tal-Mellieħa, ftit 'l isfel fi Triq Marfa, taħt ir-riħ tas-Santwarju. In-nisa kienu jinżlu jaħslu l-ħwejjeġ fil-ħwat ta' hemmhekk stess u mbagħad itellgħu magħhom l-ilma għall-bżonnijiet tad-dar. Mgħobbijin bil-ħwejjeġ u bl-ilma telgħin lejn il-Mellieħa ma kinitx ħaġa ħafifa. Issa, is-servizz tal-ilma kien wasal fil-Mellieħa wkoll. Dan kien sar possibbli billi ġiet imħaffra sistema ta' gandotti li fihom tpoġġew pajpijiet li setgħu jwasslu l-ilma fil-Mellieħa minn Binġemma permezz tal-qlib.

**G**ħal dik l-okkażjoni, f'dan l-istess Misraħ, ġie mtella' palk qrib ħafna tal-Ark Trijonfali biex fuqu jilqa' l-mistednin distinti li kienu preżenti, fosthom il-Gvernatur Ingliż Sir Leslie Rundell, Lord Kitchener u l-Kappillan tal-Mellieħa r-Rev. Carlo Cortis. Wara d-diskorsi tal-okkażjoni, il-Gvernatur Rundell qasam lejn nofs il-Misraħ, fejn kienet tpoġġiet kanna b'manku mwaħħal magħha, kollha mżejna bil-liedna u l-fjuri. Bi tbissima fuq fommu, għax seta' jaħseb x'kien se jiġri, il-Gvernatur niżżel il-manku u ġett ta' ilma spara fl-ajru u ħasel lil dawk preżenti.



**Q**uddiem l-għassa tal-Pulizija kienet twaqqfet tinda kbira fejn il-mistednin magħrufa ġew trattati b'xorb u ikel biex jitrejqu u wara ħallew il-Misraħ fost iċ-ċapċip tan-nies preżenti u d-daqq tal-banda Vittoria tal-Mellieħa. Sal-lum għadna nistgħu naraw dik l-irħama bil-Latin li tidher imwaħħla mal-ħajt tal-kjostru tas-Santwarju biex tfakkar din l-okkażjoni hekk importanti.[6]

**M**atul il-parti l-kbira tas-seklu 20 dan il-Misraħ kompla jara ħafna attivitajiet għaddejjin fih. Għal ħafna snin serva bħala venda tal-karozzi tal-linja, minn fejn eluf kbar ta' ħaddiema Melliħin kienu ta' kuljum jitilqu għax-xogħol filgħodu kmienu u jerġgħu lura tard filgħaxija. Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija s-sinjali ta' ħbit mill-ajru mill-għadu u li l-attakk spiċċa kienu jingħataw mill-pulizija minn quddiem l-għassa permezz ta' murtali, sireni u sfafar. Imbagħad fl-1950, biex jitfakkru s-Sena Marjana u l-50 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa, ġiet mibnija tribuna speċjali fil-fetħa maġenb l-Ark Trijonfali u għal ġimgħa sħiħa saru servizzi ta' quddies u ċelebrazzjonijiet reliġjużi oħra għall-eluf ta' pellegrini preżenti. Dan il-Misraħ reġa' laqa' fi ħdanu folol kbar ta' nies minn kull naħa ta' Malta u Għawdex kif ukoll ħafna viżitaturi barranin fl-okkażjoni tal-festi tad-19-il Ċentinarju tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl.

**I**żda mbagħad kien fl-1990 li l-istess Misraħ laħaq il-qofol tiegħu biż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa San Ġwanni Pawlu II li żar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa nhar l-24 ta' Ġunju tal-istess sena. Wasal f'dan il-Misraħ bil-karozza, niżel u għadda mill-Ark Trijonfali għal ġol-misraħ ta' ġewwa tas-Santwarju, fost iċ-ċapċip u l-ferħ tal-eluf ta' nies miġbura. Illum, isem dan il-Misraħ ta' barra jfakkarna f'dik iż-żjara hekk għażiża għalina l-Maltin.

**F**'dawn l-aħħar ftit snin, dan il-Misraħ, essenzjalment meqjus bħala ċ-Ċentru Storiku u l-qalba storika tal-Mellieħa, reġa' ra fih eluf ta' viżitaturi, lokali u barranin, waqt l-attivitajiet "Iljieli Melleħin", avveniment ta' tlett ijiem fejn jiġu ċċelebrati l-arti, il-kultura, il-folklor, il-mużika, l-istorja, ir-reliġjon, l-isport u attivitajiet oħra.

**D**an l-aħħar, il-Misraħ ingħata wiċċ ġdid. Il-faċċata tal-kmamar qodma tal-pellegrini ġiet restawrata u tneħħew il-linji kollha tad-dawl u servizzi oħra li kien hemm mal-ħitan. Il-Misraħ kollu nbidel f'żona pedonali u ġie mżejjen b'bankijiet moderni u sett fontani sbieħ u kuluriti, eżatt fl-istess lok fejn iżjed minn mitt sena ilu l-Gvernatur Rundell kien fetaħ il-kanna tal-ilma. L-art ġiet iċċangata bil-biċċiet tal-lava, wara li sistema komplessa ta' pajpijiet u servizzi oħra ġiet mgħoddija minn taħt l-art. Saru diversi xogħlijiet oħra moħbija biex illum ġejna ppreżentati b'misraħ li verament jista' jissejjaħ post rilassanti u opra tal-arti.



**G**razzi ta' dan kollu tmur lejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, kunsilliera, kuntratturi, ħaddiema u dawk kollha li kienu nvoluti li taw sehemhom mill-aħjar li setgħu biex jippreżentaw lill-komunità Melliħija b'dan il-Misraħ hekk sabiħ.

**M**israħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II huwa wirt jew legat mgħoddi lilna minn missirijietna. Nistgħu b'wiċċna minn quddiem ngħidu li aħna mhux biss li ma ħadniex ħsiebu iżda sebbaħnieh b'ħilitna kollha u se ngħadduh lil ta' warajna bħala xi ħaġa sabiħa. Dan il-Misraħ ġie misluf lilna minn

missirijietna u dak it-talent li silfuna se nrodduh lil uliedna lura b'imgħax għoli.

**Iss**a jmiss lilna u lilhom li rridu nżommu dik l-art bil-lava taħraq sabiħa u tixgħel, waqt li l-funtani jnixxu bil-ħlewwa dak l-ilma frisk jiżfen ħelu ħelu mal-kotra kbira ta' kuluri u dwal kalejdoskopiċi madwaru.

**Referenzi**

[1] LNM. Il Rollo del Senatore Vescovo de Mello. 1436. ff.24-v,4
[2] APM. 13.f.2.k.3.
[3] ANM.PW.12.f.98
[4] APM.48.ff.1-18
[5] ANM.CSG.4460
[6] Muscat J. Water Arrives in Mellieħa. The Sunday Times. June 2.2002. pp.54-55

BILLY'S

CHAUFFEUR SERVICE
CAR HIRE
HOLIDAY HOMES

113, George Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020 - Malta
**Telephone:** (+356) 21 523 676, (+356) 21 523 784
**Mobile:** (+356) 9949 7575, (+356) 9942 7575 • **Fax:** (+356) 21 521 016
www.billyscarhire.com • e-mail: info@billyscarhire.com



*Modern Multicultural Cuisine*

*A la Carte • Pizzeria • Daily Specialities*

Casual Dining with a difference

Open Air Dining

*Opening Hours: Lunch: 11.00am till 3.00pm*
*Dinner: 6.00pm till 10.30pm (closed Wednesday)*

The Hilltop Restaurant

G. Borg Olivier Street, Mellieħa

For reservatrions call
2152 1101 or 9944 5484

E-mail:
reservations@thehilltopmellieha.com
Website:
www.thehilltopmellieha.com








# Ejjew nifirħu bil-festa u bil-qniepen tagħna

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

Il-kelma "festa" tfisser manifestazzjoni jiġifieri ċelebrazzjoni ta' ferħ. U għalhekk tara lill-komunitajiet tagħna miġbura f'postijiet differenti biex jagħmlu festa sabiex juru l-ferħ tagħhom. Matul is-sena, il-komunitajiet tagħna jinġabru fil-knejjes, fil-pjazez u t-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna mxerrdin ma' Malta u Għawdex sabiex jiċċelebraw il-festi titulari ddedikati lill-Patruni għeżież tagħhom li minn żmien il-qedem għażlulna missirijietna.

Għall-grazzja t'Alla, fi żmienna dawn il-festi għadhom ikunu ċċelebrati b'mod reliġjuż kif għandhom ikunu. Naraw it-twettiq ta' ħafna valuri nsara. Bħala eżempji, nistgħu nsemmu kif, fil-ġranet tal-festa, ħafna nies fosthom għaqdiet u każini, iħeġġu u jħajru lill-membri tagħhom sabiex jagħtu d-demm. Id-demm huwa l-iktar ħaġa prezzjuża li għandu l-bniedem u għalhekk li tagħti parti minnek għall-ġid tal-oħrajn huwa għan verament nobbli u ta' min jinkuraġġih. Eżempju ieħor tat-twettiq ta' valuri nsara huwa l-għoti ta' karità. B'mod speċjali f'dawn il-jiem, il-knisja tħeġġiġna biex naħsbu f'dawk li huma fil-bżonn. Tħeġġiġna sabiex f'dan iż-żmien uniku ta' darba fis-sena nuru s-sapport u nagħtu l-għajnuna tagħna lil dawk il-persuni li jeħtieġu l-appoġġ tagħna. Huwa xieraq li l-ferħ li ġġib magħha l-festa jissarraf f'appoġġ lil min ma jistax jifraħ magħna – tkun xi tkun ir-raġuni għal dan. Huwa sabiħ ħafna li wieħed jagħti l-għajnuna lill-persuni li forsi ma jkun rahom qatt, persuni li ma jkunx jafhom, nies li qatt ma jkun tkellem magħhom.

Il-festa tasal kull sena u l-parroċċa tagħna dejjem kellha festa sabiħa. Jien għandi esperjenza ta' 38 sena sħaħ naħdem flimkien ma' ħafna nies oħra sabiex il-festa tilħaq l-iskop tagħha kull sena. Dan jista' jiġri jekk ikunu organizzati attivitajiet reliġjużi u soċjali li jkunu jilħqu lill-komunità parrokkjali kollha. Min-naħa reliġjuża, il-festa tibda b'disat ijiem ta' novena – żmien ta' preparazzjoni għall-festa. F'dawn il-ġranet, fil-knisja jkunu organizzati funzjonijiet liturġiċi mmirati għal kull sezzjoni tal-komunità – membri ta' għaqdiet reliġjużi u soċjali, żgħażagħ, tfal, morda u anzjani u oħrajn. Fihom il-Knisja tiffoka fuq l-aqwa virtujiet li għandha l-Madonna, l-Omm tagħna l-Verġni Marija, Patruna tagħna l-Melliħin.

Kull festa tirrikjedi ħafna ppjanar u preparazzjonijiet. Is-suċċess tal-festa jintlaħaq bis-sehem ta' ħafna nies li volontarjament jagħtu ħafna mill-ħin tagħhom sabiex jippjanaw u jippreparaw attivitajiet sabiex jinbena dak il-ferħ li għandha toħloq festa titulari. L-attivitajiet esterni huma estensjoni ta' dawk li jsiru fil-knisja. Fil-Mellieħa għandna tliet għaqdiet mużikali li matul il-ġranet tal-festa jkomplu joħolqu atmosfera festiva billi kull waħda minnhom torganizza programm mużikali li għalihom jattendu ħafna nies. Barra minn dawn il-programmi mużikali, it-tliet għaqdiet jagħtu s-sehem tagħhom f'attivitajiet oħra. Il-Kor u Orkestra Maria Bambina tagħti s-sehem tagħha waqt il-funzjonijiet fil-knisja ta' leljlet u nhar il-festa. Min-naħa tagħhom, fil-ġranet ta' qabel il-festa, iż-żewġ baned tagħna – La Vittoria u Imperial – ikomplu jżidu l-atmosfera ta' ferħ u briju bil-marċi li jorganizzaw matul it-toroq tar-raħal tagħna. Dawn ikomplu iferrħuna f'lejlet u nhar il-festa fil-pjazza, b'mod speċjali bid-daqq u l-kant taż-żewġ innijiet imprezzabbli u għeżież għalina l-Melliħin. Dawn iż-żewġ innijiet jġeddulna ħafna nostalġiji u memorji sbieħ u anke jistgħu jqabbżulna xi demgħa minn għajnejna sforz l-uġigħ li nistgħu nkunu għaddejjin minnu aħna jew xi ħadd tant għażiż għalina.

Ma nistax ma nsemmix ukoll il-ħidma bla waqfien tal-kappillan u l-kleru tal-parroċċa, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, l-abbatini, il-fratelli, il-Grupp Armar, il-Grupp tal-Qniepen, il-Grupp Santa Marta, l-Għaqda Piroteknika u l-Grupp Armar tal-Knisja li jgħini nżejnu, narmaw u nagħmlu dak kollu meħtieġ

fil-knisja għal matul il-festa. Il-ħidma, l-impenn, is-sagrifiċċji ta' dawn kollha flimkien mingħajr distinzjoni jingħaqdu flimkien għal għan wieħed – għan li fil-Mellieħa jkollna festa li tagħmlilna ġieħ.

Is-suġġett ta' dan l-artiklu jsemmi żewġ affarijiet – festa u qniepen. Huma żewġ suġġetti li jmorru ħafna flimkien. Xi żmien ilu, mort għal festa f'raħal sabiħ u meta kont hemm ġie jkellimni raġel xiħ u staqsieni jekk kontx is-sagristan tal-Mellieħa. Meta weġibtu li kont, qalli li hu, meta kien iżgħar fl-età, kien iħobb jiġi għall-festa tagħna. Naħseb li domt xi għoxrin minuta nitkellem miegħu. Fost affarijiet oħra, hu semmieli l-qniepen tagħna. Semmieli wkoll l-għannejja li kienu jiġu jgħannu f'lejliet il-festa, il-ħafna Għawdxin li kienu jiġu għall-festa minn Għawdex u n-nies jaqlu l-fniek. Dan ir-raġel qalli espressjoni li kienu jużawha fir-raħal tiegħu, saħansitra jiftakar lin-nanniet u liz-zijiet tiegħu jgħiduha. L-espressjoni hija " Il-festi dejjem bdew bil-qniepen u spiċċaw bil-qniepen". U hekk hu. Huwa kollu minnu li kull festa tibda bid-daqq tal-qniepen bħala stedina għall-funzjonijiet tal-knisja u jispiċċaw bid-daqq tal-qniepen waqt id-dħul tal-vara fil-knisja u l-Barka Sagramentali. Imbagħad il-mota tal-aħħar li tagħlaq il-festa.

Il-qniepen f'pajjiżna dejjem kienu meħtieġa u apprezzati – forsi dari aktar mil-lum - għaliex sa mill-qedem il-qniepen kienu jservu ta' sinjal, tħabbira kif ukoll stedina għal xi okkażjoni jew attività. Fl-antik, il-qniepen kienu jservu ta' sinjal sabiex in-nies tar-raħal kienu jkunu jafu l-ħin fejn fih kellhom jieqfu għal ftit mumenti ta' talb. Kienu jservu sabiex iħabbru li xi ħadd mir-raħal kien ħalliena u kienu jservu sabiex iħabbru lin-nies li kienet ser tibda xi quddiesa jew funzjoni oħra fil-knisja.

Fil-Mellieħa, missirijietna ħasbu u stinkaw kemm felħu biex ikollhom sett ta' qniepen sbieħ u kbar għall-knisja tagħna. Din ix-xewqa u l-ħsieb tagħhom saret realtà fis-sena 1925. Kien propju f'Marzu ta' dik is-sena, 90 sena ilu, meta dawn il-qniepen waslu l-Mellieħa. Dawn il-ħames qniepen intramaw fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali kif juru xi ritratti li jinsabu fis-sagristija tal-knisja. Fis-26 ta' Marzu 1925 saret iċ-ċerimonja solenni tat-tberik tagħhom li kienet immexxija mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mauro Caruana. Għall-parroċċa tal-Mellieħa kollha, din kienet okkażjoni verament kbira u sinifikanti. Il-folla ta' nies li ħonqu l-pjazza u t-triq tal-parroċċa tixhed kemm dan l-avveniment kien wieħed uniku għar-raħal tagħna. Dawn l-istess nies jgħidu li x'ħin il-folla semgħet l-ewwel tokki ħerġin minn dawk il-qniepen sbieħ li tant swewlhom xogħol, sagrifiċċji u impenn sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa, infexxet f'għajjat u ċapċip kbir. Kienet xena tassew emozzjonanti li f'dak il-mument żgur insew kull tbatija li kienu għaddew minnha. Ma rridux ninsew li s-somma li kellha tinġabar għall-qniepen, għal dak iż-żmien kienet waħda kbira.

Għall-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-tberik u t-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari, ser issir tifkira biex jitfakkar dan l-avveniment. Fuq stedina tal-kappillan flimkien miegħi u mal-Grupp tal-Qniepen, nhar is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Marzu 2015 ser issir *open day* ħalli kull min ikun jixtieq, jitla' ħdejn il-qniepen u fl-istess ħin jarahom u jismagħhom mill-qrib. Imbagħad fis-26 ta' Marzu 2015 ser issir quddiesa ta' ringrazzjament fejn fiha nirringrazzjaw lil Alla ta' dawn il-qniepen sbieħ li tawna missirijietna kif ukoll talli sal-ġurnata tal-lum għadna nsibu nies dedikati li jagħtu ftit mill-ħin tagħhom biex jagħtu dan is-servizz tad-daqq tal-qniepen.

Fl-aħħarnett, nixtieq nirringrazzja lill-President tal-Banda Imperial is-Sur Josef Borg u lill-kumitat kollu talli għal sena oħra reġgħu tawni din l-opportunità sabiex nikteb dan l-artiklu. Irrid nirringrazzjahom ukoll tar-rispett u l-għajnuna li dejjem tawni f'dawn it-38 sena kemm ilni sagristan tal-Mellieħa. Jalla din is-sena wkoll ikollna festa sabiħa li tagħmlilna ġieħ u unur lill-Mellieħa, kif dejjem kellna.


# MARK TALIANA
## GARDENER

***For professional gardening, maintenance & landscaping***

**Mob: 7783 0983**



# L-importanza taż-Żgħażagħ f'Għaqda Mużikali

Clayton Bartolo

Għaqda mużikali hija għaqda ħajja. Mhumiex l-instrumenti jew il-partituri tal-mużika li jagħmlu l-għaqda dik li hi, iżda l-mużiċisti li jiffurmawha. U għalhekk wieħed malajr jasal għall-konklużjoni kemm huma importanti l-membri tal-għaqda mużikali għax dawn huma n-nifs li litteralment għandha bżonn l-għaqda mużikali biex taqdi l-funzjonijiet tagħha.

Iż-żgħażagħ għandu jkollhom post prominenti fi kwalunkwe għaqda mużikali għal diversi raġunijiet. L-enerġija li għandhom iż-żgħażagħ għandha tissawwar u tkun iggwidata mill-Kumitat tal-Għaqda sabiex tkun sfruttata bl-aħjar mod possibbli. Id-diversi ideat ġodda li joħorġu bihom iż-żgħażagħ ta' min jagħtihom widen, jikkunsidrahom u jimplimentahom b'mod sostenibbli fi ħdan l-għaqda mużikali.

Iż-żgħażagħ ma jibżgħux imorru lil hinn minn dik li hi meqjusa bħala l-isfera kulturali normali ta' għaqda mużikali. Matul dawn l-aħħar xhur, fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial rajna diversi esebizzjonijiet u inizjattivi ġodda li ttieħdu miż-żgħażagħ ħabrieka fi ħdan din l-għaqda. Dawn kienu inizjattivi li mhumiex neċessarjament assoċjati m'għaqda mużikali, madankollu huma inizjattivi li komplew jagħtu l-ħajja lis-sede tal-għaqda b'mod differenti u vibranti. Esebizzjonijiet bħal dawn ikomplu jwessgħu l-għarfien kulturali tal-membri li jiffrekwentaw is-sede tal-għaqda, u dan bl-għan li jikber l-apprezzament lejn ix-xogħol u t-talent li jkun qiegħed jiġi esebit.

Iż-żgħażagħ għandhom jitrawmu wkoll għal raġuni oħra ferm importanti. Il-membri u l-mużiċisti tal-għaqda mhumiex eterni u għalhekk hawn jidħol ir-rwol tant importanti taż-żgħażagħ. Għalkemm iż-żgħażagħ fil-preżent għandhom irwol importanti x'jilagħbu, wieħed irid jaħseb għall-futur. Għandu jkun hemm sezzjoni ta' żgħażagħ li iktar 'il quddiem tkun lesta li tieħu t-tmexxija tal-għaqda f'idejha sabiex l-għaqda tkompli tikber u tiġġedded.

Għaldaqstant, minn hawn hekk inħeġġeġ iktar żgħażagħ jersqu lejn l-Għaqda Mużikali Imperial sabiex jagħtu s-sehem tagħhom fi ħdan għaqda li qiegħda tirnexxi fuq diversi fronti differenti. Għaqda li hija ħajja, mimlija enerġija u fuq kollox kulturalment rikka. Wieħed m'għandux iqis l-involviment tiegħu f'għaqda mużikali bħala xi ħaġa tad-dwejjaq. Għall-kuntrarju, it-tagħlim tal-mużika jnissel fil-persuna sens ta' perfezzjoni u perseveranza. Dawn huma żewġ karatteristiċi li jseddqu l-karattru taż-żgħażagħ Melleħin, u li jiffurmaw ċittadini eżemplari u ħabrieka.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol tagħhom matul is-sena, nawgura lis-sezzjoni żgħażagħ sabiex ikomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Maria Bambina!


**The Veggie Truck**

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*



# Il-Kobor ta' Marija

Marija Grima

Alla ħalqek, O Marija
U fis ħelsek minn kull dnub,
Bl-oħla grazzja mar iżejnek
Biex tkun l-omm t'Ibnu l-Maħbub.

Ġo fik qiegħed qalb materna,
Kollha ħlewwa w umiltà,
Kollha tjieba u qdusija,
Kollha ġmiel u purità!

Int Marija Verġni Mbierka,
Omm mimlija b'kull virtù,
Inti l-ewwel tabernaklu
Tal-feddej tagħna Ġesù!

Int il-Mara Ewkaristika
Li ġo ġufek int ġarrejt
L-ewwel Ostja kkonsagrata
Minn Alla li tant ħabbejt!

Inti tajtna Ġisem Kristu
L-Iben t'Alla Ħaj Divin,
Biex mis-Salib jiġi mogħti
B'salvazzjoni għall-bnedmin.

Inti il-Bieb għani tal-Ġenna,
Int il-Glorja tas-Smewwiet,
Inti tajtna l-Ħobż tas-Sema
Mimli benna u ħlewwiet!

Inti xemx l-aktar sabiħa,
Inti Warda mis-sbieħ nett,
Kapolavur ta' Alla Sidek
Illi sawrek b'mod perfett!

Inti tiżjin tal-art u s-Sema,
L-oħla Kewba tas-Smewwiet,
L-isbaħ ġawhra li qatt dehret
Int teżor mimli barkiet!

Inti Mara Singulari,
Tal-istess Alla, int l-Omm,
Tal-bnedmin int medjatriċi,
Ġewwa qalbek lilna żżomm!

Tal-Anġli inti foħrija,
Reġina tal-qaddisin,
Qawsalla t'hena, paċi
Kenn u mħabba tal-bnedmin!

Il-Kobor tiegħek Marija
Żgur ma jista' qatt jitqies,
Għax Alla, għamlek Qaddisa
Bi sbuħija ta' bla qies.

Stephen Deguara

Airconditioninng and Refrigeration Sales,
Services and Repairs.

Contact Number: 9947 5290
E-mail: stephen.deguara.r1@gmail.com

# Eynsford Concert Band - Malta Tour 2014

On 24th May 2014, the musicians of the Eynsford Concert Band flew to Malta, performing the first of four concerts that very same night.

The band, led by Musical Director Mike Smith, had the honour of being the first overseas band to perform in the delightful village of Ghaxaq. Sharing the stage with us was the St Joseph Band Club, conducted by Mro. Raymond Fenech. The programme featured film music, popular songs, and well-known classics. The Eynsford Concert Band performed items such as Farandole, a lively dance taken from Bizet's L'Arlesienne suite no. 2, a selection from James Bond, and a medley of Beatles hits. The St. Joseph Band complimented this with their resounding medley of songs by iconic British rock band, Queen.

Using the Panorama Hotel in Mellieha Bay as a base, the Eynsford Concert Band went on to perform a further three outdoor concerts in a variety of settings. On the island of Gozo, as guests of the Prekursur Band Club of Xewkija, we were treated to a series of solo performances. First, an operatic item: Dvorjak's Song to the Moon, beautifully sung by Julie Thomas.

Talented saxophonist Matt McKay then offered a virtuosic rendition of Phil Collins' Against All Odds. And it will be hard to forget our star trumpeters, Dave Walker and Steve Drury, with their uproarious interpretation of Post Horn Gallop.

Next, as part of the Queen's birthday celebrations, we were privileged to play at a reception for the British Residents Association in the garden of the British High Commissioner. The audience enjoyed items such as Nessun Dorma, Puccini's climactic aria, and Elgar's rousing Pomp and Circumstance Marches.



The Eynsford Concert Band shared the last stage with the Imperial Band Club, who looked after us so well. As part of the Mellieħa International Music Festival, both bands performed a public concert in Mellieħa square, in the presence of the village's beautiful parish church. Eric Coates' theme from The Dam Busters film and a tribute to Ron Goodwin, Battle for the Skies, formed part of the programme. The Band was joined by the Imperial Ladies Choir to perform It-Talba 1919 from the Maltese Rock Opera ĠENSNA.




The evening provided a special opportunity for both Bands to play as a massed Band performing a medley of Maltese Folk Tunes and Elgar's Pomp & Circumstance March no. 1 under the direction of Mro Tony Borg and Mro Michael Smith respectively. Our association with Mro. Tony Borg and the Imperial Band Club goes back a long way. This was our fifth playing in Mellieħa, and we would like to offer our sincerest thanks to Tony. Without his help this tour would not have been possible.

We would also like to extend a special thanks to Joe Deguara from the Panorama Hotel. Joe, who has been a longtime friend of the band, helped arrange the tour and is tireless in his efforts to promote the village of Mellieħa.



# Bħal-lum sena…

Jiktbilna Victor V. Vella B.A., M.A.
mill-Awstralja

…konna flimkien, kont magħkom ingawdi l-festa tal-Vitorja, biġ-ġiġġifogu, bil-baned u fuq kollox bil-festin li kontu għamiltu għall-emigranti Melleħin: dawk li jerġgħu lura f'pajjiżhom hekk kif jaraw l-armar. Bħas-soltu l-festa kienet festa mħawra bil-parti ta' barra u dik tal-Knisja kif ukoll b'ħafna nies, marci u t-tiżjin li kollha jingħaqdu flimkien biex il-festa tkun suċċess.

Ma stajtx ma nġibx quddiem għajnejja meta f'festa ta' snin ilu kont dħalt il-Każin għal tazza birra mal-ħbieb. Niftakar konna dħalna f'naqra ta' kamra li kienet daqs kamra tas-sodda, li timtela b'erbgħa min-nies. Illum il-bottegin mhux talli fih dehra oħra imma fuq kollox kiber ħafna iżjed u sar binja moderna. Il-bottegin sar sala kbira u meta titla' fuq tistagħġeb kif ħarġet binja hekk kbira minn dak li kien hemm snin ilu.

Dan kollu jagħmel tajjeb għall-iskop li l-każin jeżisti: dak li jagħti l-kontribut tiegħu fil-kultura u fil-ħajja tar-raħal. Fil-Mellieħa konna fortunati li ż-żewġ każini tal-banda, bil-pika b'kollox, matul dawn l-aħħar 60/70 sena, għenu biex jidħol u jikber is-sens mużikali, kemm id-daqq kif ukoll l-apprezzament tal-mużika. Meta tqis li sa erbgħin sena ilu ma kellniex l-apparat li għandna llum biex tgawdi l-mużika, il-parti tal-baned f'dan il-qasam ikompli jidher ikbar.

Illum il-Mellieħa tgawdi żewġ baned u wkoll orkestra. Juri biċ-ċar li s-sens mużikali speċjalment it-taghlim jew id-daqq ta' strument daħal sewwa fil-qalb u l-moħħ taż-żgħażagħ Melleħin. Biex titgħallem iddoqq jirrekjedi ħafna paċenzja u sagrifiċċju u repetizzjoni u x'naf jien… B'danakollu, il-fatt li hawn żgħażagħ li lesti li jidħlu għal dan, huwa prova li l-imħabba għall-mużika daħlet u qabdet sewwa. Biex ma nsemmix ukoll iċ-ċertu livell ta' professjonaliżmu li daħal!

Dan naturalment ġej mill-istorja jew mit-tradizzjoni, tradizzjoni li ilha ġejja mill-mużika u kant tal-knisja, imsaħħa mill-baned. Għadni niftakar snin ilu li konna nistennew il-festa biex nisimgħu orkestra u xi festa jew karnival jew fiera biex nisimgħu 'daqqa banda'. Mur immaġina festa bla banda… bħal meta ngħid festa bla nar jew bla ġiġġifogu. Għax il-banda tkompli tgħinna niċċelebraw. Aħna bħala Maltin inħobbu niċċelebraw u hu l-ħoss jew aħjar id-daqq ta' banda li jgħinna niċċelebraw.

Fuq kollox il-banda Imperial għadha istituzzjoni Melleħija. Nammetti li għall-festa tkun trid l-għajnuna barranija, imma l-qofol għadu l-frott ta' ħafna xogħol ta' ħafna snin ta' dawk li kien fettilhom li jieħdu inizjattiva u jibdew xi ħaġa fil-Mellieħa. Il-kulur Mellieħi kompla żdied u ssaħħaħ bil-fatt li bħalissa l-banda għandha wkoll surmast li tista' tgħid twieled il-Każin… Mro. Anthony Borg. Dan iżjed isaħħaħ dak li għadni kemm għidt għax wera li l-Kazin ma sarx kumpanija tal-*business* imma għadu każin, immexxi mill-voluntieri, immexxi min-nies li qegħdin hemm għax iħobbu l-mużika u l-każin u wkoll lesti li jagħmlu s-sagrifiċċji meħtieġa biex imexxuh.

Fil-bidu semmejt il-binja imponenti li issa ilha erba' snin ġmielhom tilqa' l-membri u l-ħbieb. Użajt il-kelma tilqa' għax dak hu li jagħmel istituzzjoni speċjali, li tilqa' lin-nies, li meta tidħol, avolja jekk tħossok stranġier, xorta ssib xi ħadd li jitbissimlek jew jidħaklek hekk kif tidħol jekk mhux ukoll jistiednek għal *drink*. Il-ġebel kiesaħ u jibqa' biered jekk ma jsaħħnuhx il-membri u jagħmluh ħaj bl-għaġir tagħhom. U dan hu li jagħmel każin popolari u ħaj: il-mużika tgħin, imma fid-dinja ma tistax toqgħod iddoqq il-ħin kollu! Trid ukoll tilgħab, taqsam bibita ma' sħabek u tpaċpaċ u targumenta.

Bħalma ktibt fl-*essay* fuq "Il-Mużika" fl-aħħar ktieb li ħriġt "Għad-Dell tal-Balluta" '… (Il-mużika)…issibha f'kull tribù, f'kull nazzjon. Issibha fl-irħula żgħar fejn l-uniku strument jista' jkun biċċa qasba jew werqa ta' banana. Tisma' l-effett tagħha fil-ħoss ta' qanpiena fil-kwiet tal-ħamsa ta' filgħodu, jew dik ta' siegħa lejl ftit wara nżul ix-xemx…'

Issibha u tismagħha fuq kollox fil-pjazza tal-Mellieħa, issebbaħ is-sinfonija u żżid mal-armonija tal-festa tal-Vitorja. U mill-bogħod tal-Awstralja nawguralkom festa sabiħa u …sett ta' marci ġodda li juru t-talent mużikali Mellieħi u fuq kollox iferrħu lil kulħadd fil-festa tal-Vitorja.

*Victor V. Vella jinstema sikwit fuq l-PBS (Malta) jaqra l-'Ittri lil Gerit' u wkoll fit-'Telefonati: Żewġ minuti maz-zija Pawla' fil-programm ta' Josephine Zammit Cordina. Is-sena l-oħra ħareġ 'Għad-dell tal-Balluta' ġabra ta' essays, u CD 'Konferenza Stampa', ġabra ta' monologi.*

Farmer's Fresh
Green Grocer



Fresh Fruit & Vegetables Daily

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Opening Hours

| | | |
|---|---|---|
| May - September | Mon - Sat | 7.00am - 8.00pm |
| | Sunday | 8.00am - 8.00pm |
| Oct - April | Mon - Sat | 7.00am - 8.00pm |
| | Sunday | 8.00am - 1.00pm |

Free Deliveries



# Il-Papa Franġisku u l-lembut bil-maqlub



Jikteb Philip Borg Ph.Lic., S.Th.B., Dip.Soc.Sc.
*President Onorarju tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti u tas-Soċjetà Dun Filippu Borg*

**Int u jien konna mdorrijin li kultant ninnutaw xi ħaġa u nibagħtu ittra lill-editur. Daż-żmien kulħadd ifajjar fuq il-midja soċjali, aktarx bla ma jiżen sew x'qed iħarbex jew x'tgħassida ta' lingwi juża. Frattant il-gazzetti xorta jkollhom paġna bl-ittri lill-editur, li mbagħad isibu ruħhom fuq *Facebook* ukoll. Il-kbarat ma jibgħatux ittri bħal dawn. Jinqdew b'xi segretarju biex ixandar stqarrija, qisu tkellem l-oraklu, mhux biss bħala opinjoni. Għax il-kbarat iżommu posthom fil-għoli, għad li mhux kollha. Hemm min jifhem li aħjar jitkellem direttament man-nies. Fosthom, bħal daż-żmien sena, il-Papa Franġisku, ma ddejjaq xejn jibgħat ittra lill-editur…**

Mhix ħaġa ta' kuljum li Papa jikteb ittra f'gazzetta. Soltu l-Papa jibgħat ittri formali lil kardinali u isqfijiet bil-għan ta' xi ħatra, jew dwar xi suġġett preċiż jew f'xi okkażjoni jew oħra. Nafu wkoll b'ittri aktar importanti, l-ittri enċikliċi li l-Papa jikteb minn żmien għal żmien biex jgħallem aktar dwar xi verità tal-fidi. Ittri bħal dawk ikollhom fihom ħafna studju li tkun għamlet kummissjoni apposta mqabbda mill-Papa biex tiżviluppa b'mod dottrinali l-ħsieb tal-Papa biex joħroġ dik l-ittra



*Franġisku – l-għaxqa tiegħu qalb in-nies.*

enċiklika. Fl-aħħar ikun il-Papa nnifsu li jagħrbel dak l-istudju u jiffurmah fis-sura tal-messaġġ li jkun irid iwassal lid-dinja.

Ta' min jgħid li minn dejjem l-ittri enċikliċi kienu jkunu indirizzati lill-isqfijiet u l-membri kollha tal-knisja madwar id-dinja. Il-Papa twajjeb San Ġwanni XXIII fl-1963 kien mar pass kbir 'il quddiem u indirizza l-famuża enċiklika *"Pacem in Terris"* lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba – ma rabatx ruħu li jkellem lill-kattoliċi biss!

Forsi nsib min jikkummenta: x'jinteressa dan kollu lil min ma jemmen b'xejn jew ma jħossux komdu ma' dak kollu li tgħid jew tagħmel il-knisja u l-Papiet li jkollha? Nies bħal dawn għandhom kull jedd għall-fehma tagħhom, daqskemm għandhom dawk li għandhom fehma oħra, u bħalhom u daqshom jistħoqqilhom rispett sħiħ. Fuq kollox, il-fehma u twemmin ħieles ilhom snin li ġew dikjarati mill-ġnus kollha bħala drittijiet fundamentali tal-bniedem. Iżda wkoll l-istess knisja kattolika – li għal snin sħaħ kienet tikkundanna lil kull min ma kienx jaqbel magħha – fl-arja ta' ftuħ u aġġornament tas-snin sittin bil-Konċilju Vatikan it-tieni, fetħet ukoll ambjent ta' djalogu ma' nies ta' twemmin jew denominazzjoni oħra.

### Djalogu

Dak id-djalogu baqa' għaddej tul ħamsin sena, daqqa bil-qalb u daqqa bl-iskossi. Matulhom kellna sitt papiet – Ġwanni XXIII innifsu, Pawlu VI, Ġwanni Pawlu I għal xahar biss, San Ġwanni Pawlu II, Benedittu XVI u issa Franġisku. Interessanti l-osservazzjoni kif il-midja internazzjonali sikwit issejħilhom aktarx b'kunjomhom… Papa Roncalli, Papa Montini, Papa Luciani, Papa Woytila, Papa Ratzinger. Imma lil Franġisku qisha għarfet f'ismu stess il-ġenwinità tiegħu u kulma jmur qed tħossha komda, anzi tiggosta ssejjaħlu Franġisku, bilkemm Papa Franġisku, imma aktarx l-għażiż Franġisku!

Ma ninsewx li sar Papa fit-13 ta' Marzu 2013 wara

li Benedittu rriżenja fit-28 ta' Frar ta' qabel. Qiegħed imexxi l-knisja waqt li għall-ewwel darba fl-Istorja il-predeċessur tiegħu għadu ħaj, għad li fis-skiet u s-satra. Ma ninsewx li hu l-ewwel Papa ġiżwita, meta l-ġiżwiti kienu storikament dejjem forza ta' influwenza u aġġornament qawwi fil-Knisja. Infatti lill-ġeneral tal-ġiżwiti kienu jsejħulu *"the black Pope"* għax influwenti ħafna imma ma jilbisx abjad bħall-Papa!

Kont bdejt insemmi li Franġisku f'Settembru tas-sena l-oħra bagħat ittra lill-editur tal-gazzetta *La Repubblica*. Din għandha l-ikbar ċirkolazzjoni bħala gazzetta ta' kuljum u magħrufa li editorjalment tinsab fiċ-ċentru-xellug. L-editur li kien ukoll fundatur tagħha fl-1976, Eugenio Scalfari li huwa ateu jew aktarx xettiku dwar il-knisja, kien xandar mistoqsijiet iebsin lill-Papa f'Lulju u Awwissu li għadda. U Franġisku ma ddejjaq xejn iwieġeb f'ittra twila lill-istess editur.


Kif jgħid il-Malti: min jerfa' qofftu mhux pastaż!

"Għalkemm fuq linji ġenerali, nixtieq inwieġeb għall-mistoqsijiet li għamiltli fil-gazzetta tiegħek. Nirringrazzjak li segwejt l-enċiklika *"Lumen Fidei"* li jien uritt mill-Papa ta' qabli Benedittu XVI… għax dik kienet diretta wkoll, biex toħloq djalogu sinċier u ta' veru ma min bħalek iqis lilu nnifsu 'ma jemminx imma għal ħafna snin affaxxinat mit-tagħlim ta' Ġesù'.


Eugenio Scalfari – fundatur u editur tal-ġurnal "La Repubblica"

## Ġarar tat-tafal

"Emminni li mingħajr il-knisja ma kontx inkun nista' niltaqa' ma' Ġesù, għad li konxju ħafna li d-don tal-Fidi jinsab merfugħ fil-ġarar tat-tafal tal-umanità tagħna. Nibda minn din l-esperjenza personali tiegħi tal-Fidi, li biha llum inħossni komdu nagħti widen u nifhem il-mistoqsijiet tiegħek, u flimkien miegħek infittxu t-triq fejn nistgħu nimxu flimkien għal biċċa minnha," kompla l-Papa Franġisku.

"Fil-fidi nisranija, Ġesù mhux preżentat biex jimmarka separazzjoni bejnu u bejn il-bqija tal-bnedmin. Iżda biex turina li fih ilkoll imsejħin biex inkunu ulied l-istess missier u aħwa bejnietna. Is-singolarità ta' Ġesù hija favur il-kommunikazzjoni, mhux l-esklużjoni jew kundanna!

"Inti staqsejtni jekk Alla tal-insara jaħfirx lil min ma jemminx jew ma jfittixx il-fidi. Nibda mill-iktar ħaġa fundamentali: il-ħniena ta' Alla hija bla limiti għal kull min jersaq lejh b'qalb niedma, imma fil-każ ta' min ma jemminx, il-kwistjoni hi li jobdi l-kuxjenza tiegħu. Id-dnub, anki għal min m'għandux il-fidi, jinsab fejn wieħed imur kontra l-kuxjenza. Li tisma' u tobdi l-kuxjenza tfisser li tiddeċiedi int quddiem dak li tara bħala tajjeb jew ħażin. Hu proprju fuq dawn id-deċiżjonijiet li nistgħu nqisu t-tajjeb jew il-ħażin f'dak li nagħmlu," kiteb Franġisku.

Il-Papa temm l-ittra lill-editur Scalfari billi kiteb li "din ir-riflessjoni tiegħi kienet imqanqla minn dak li għoġbok tistaqsini. Nitolbok tilqagħha bħala waħda tentattiva u proviżorja imma sinċiera bħala stedina biex nimxu biċċa mit-triq flimkien. Emminni, il-knisja, minkejja d-dewmien tagħha, l-infedeltajiet tagħna, l-iżbalji u d-dnubiet li setgħet għamlet u għadha tista' tagħmel f'dawk kollha li jiffurmawha, ma għandha ebda sens jew għan ieħor għajr li tkun xhud ta' Ġesù – dak li ntbagħat mill-Missier 'biex iwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, li jxandar il-maħfra lill-priġunieri u d-dawl lill-għomja, li jagħti l-ħelsien lil dawk mirfusin u jħabbar is-sena tal-grazzja tal-Mulej'". Donnu l-Papa ried jisħaq sal-aħħar il-valur tal-knisja li tkun tal-foqra u l-imwarrbin.

Interessanti kif, lil hinn mit-titli kbar li bihom soltu jissejjaħ u jiffirma l-Papa, dan għoġbu jiffirma l-ittra lill-editur b'mod sempliċi: "ħossni qribek bħala ħuk, Franġisku"!

## *"Civiltà Cattolica"*

Kont għadni qiegħed nixtarr sew l-kliem ta' Franġisku f'din l-ittra, meta sirt naf bl-intervista twila li l-Papa ġiżwita ta lir-rivista magħrufa tal-ġiżwiti *"La Civiltà Cattolica"*, propju nhar il-Ħamis li għadda, appena erbat ijiem ilu. Id-direttur tagħha, il-ġiżwita Antonio Spadaro, beda biex staqsih: "Min hu Jorge Mario Bergoglio?"

"Ma nafx liema hi d-definizzjoni l-iktar ġusta… żgur li jiena midneb. U mhux biex ngħid xi ħaġa jew xi forma letterarja. Jiena midneb. Midneb li l-Mulej ħares lejh. Dak hu l-motto li dejjem kelli, anki bħala Papa: *"Miserando atque eligendo"* – ħenn għalija

u għażilni. Dejjem ħassejt li jgħodd ħafna għalija," stqarr Franġisku.

Patri Spadaro kompla jistaqsi lill-Papa fuq kull suġġett ieħor li fl-aħħar ħamsin sena kien ta' kontroversja, anki dottrinali fi ħdan u madwar il-knisja. Dwar is-sehem tan-nisa, il-Papa jemmen li "hemm bżonn inkabbru l-ispazji ta' preżenza femminili iktar inċiżiva fil-knisja. Nibża' minn xi soluzzjoni ta' *'machismo in gonnella'* – speċi ta' irġulija bid-dublett, għax fir-realtà l-mara għandha struttura differenti mir-raġel. U l-opinjonijiet li sikwit nisma' jistgħu jkunu mnebbħin biss mill-ideoloġija *'machista'* (ta' min hu 'macho' jew iħossu superjuri għax raġel). In-nisa qed ipoġġulna domandi serji li jistħoqqilhom ikunu ffaċċjati sewwa. Il-knisja ma tistax tkun hi mingħajr il-mara u s-sehem tagħha."

**"Nipprietkaw fit-toroq"**

Fl-intervista twila madwar tletin paġna f'din ir-rivista magħrufa sew għad-duttrina tagħha, il-Papa jwieġeb dwar suġġetti bħall-omosesswali, id-divorzjati li jerġgħu jiżżewġu, il-koppji tal-istess sess u tant punti jaħarqu oħra. Franġisku jistqarr li l-knisja ma tistax tibqa' ossessjonata li ttambar biss fuq duttrina li hi magħrufa, imma jeħtieġ li "tipprietka l-Vanġelu fit-toroq u kullimkien u twassal il-bxara t-tajba u tfejjaq kull tip ta' feriti. Meta kont għadni Buenos Aires kont nirċievi ittri mingħand persuni omosesswali li huma feriti soċjalment għax kienu jgħiduli li jħossu lill-knisja qisha dejjem tikkundannahom. Imma l-knisja ma tridx tagħmel hekk!" seħaq il-Papa.

Fuq kull punt minn fost il-kontroversji kollha li s-soċjetà jista' jkollha mal-knisja, il-Papa Franġisku seħaq li l-knisja għandha bżonn tinżel tipprietka fost in-nies, fejn jgħixu n-nies u mhux tipprietka – jew agħar u agħar tikkundanna – biss mill-għoli. Jagħmilha ċara li trid qabel xejn tismagħhom u tifhem il-problemi u tmiss il-feriti biex imbagħad tipprietkalhom u tfehemhom. Saħansitra jiddeskrivi l-knisja bħala sptar lest u miftuħ għal kulħadd fil-kamp tal-battalja, fil-ħajja ta' kuljum ta' dawk kollha li jħossuhom feruti jew kkundannati.

Iktar minn kull Papa ieħor qablu, Franġisku jisħaq kontinwament li d-djalogu huwa l-ewwel pass tal-predikazzjoni, għax titkellem b'lingwa li tinftiehem u fejn kulħadd jifhem lil xulxin. Għal Franġisku m'hemmx djalogu u predikazzjoni tajbin jekk naħa tibqa' fil-għoli u naħa fil-qiegħ tal-ħajja iebsa ta' kuljum.

**Il-palazz u l-lembut**

Din il-fehma tkompli toħroġ iktar ċara meta Patri Spadaro staqsih għala baqa' ma marx jgħix fl-appartamenti sbieħ tal-Palazz Apostoliku. "L-appartament qisu lembut bil-maqlub: huwa kbir u spazjuż ħafna, imma tidħol fih bil-kontra, minn passaġġ dejjaq ħafna, qatra qatra… imma jien le, mingħajr in-nies madwari ma nistax ngħix!" sostna l-Papa Franġisku.

Kif naraw, ittra f'gazzetta u intervista twila huma turija ċara ta' Papa li jrid jgħix magħna, jifhimna u jkellimna, iktar milli jgħix fl-għoli u jiddomina – kif forsi konna mdorrijin naraw lill-papiet. Għax jemmen li hu midneb bħall-oħrajn, imma jħossu fortunat li "rah, ħenn għalih u għabru"! Ukoll jekk dan kollu ma jfisser xejn għal min ma jemminx jew ma jarax għajr ħtijiet fil-knisja, Franġisku jibqa' jistieden… "ejja ħa nitkellmu"!

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services
Tel: 21 520429
Mob: 9986 8092

20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa

Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha



# Il-Misteru tal-Knisja Min hi din il-Knisja li waqqaf Kristu?

Dun Mosè Debono

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jgħallimna ħafna fuq il-knisja li waqqaf Kristu għas-salvazzjoni tagħna.

Ħalli nsemmu ftit mill-ħafna punti li jittratta fuqhom il-Konċilju Vatikan it-Tieni.

**Il-Knisja fl-istorja tas-Salvazzjoni**

F'numru 1463 insibu: "Kristu hu l-Alpha u Omega" (jiġifieri hu l-bidu u t-tmiem). Il-Knisja, meta hija stess tgħin lid-dinja u tirċievi ħafna minnha tfittex dan biss: li tiġi s-saltna t'Alla, u sseħħ is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Kull ġid li l-poplu t'Alla jista' jagħti lill-familja tal-bnedmin, fi żmien li hu jinsab fid-dinja, ġej mill-fatt li l-knisja hija "Is-Sagrament Universali tas-Salvazzjoni", li juri u fl-istess ħin iwettaq, il-misteru tal-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem.

**Il-Misterju tal-Knisja**

F'numru 285 insibu: "Il-Pjan tal-Missier Etern għall-fidwa tal-bnedmin kollha". Il-Missier etern, b'deċiżjoni għalkollox ħielsa u misterjuża tal-għerf u tjubija tiegħu, ħalaq id-dinja kollha, u ried li jgħolli lil bnedmin ħalli jkollhom sehem mill-ħajja divina. Meta f'Adam il-bnedmin waqgħu fid-dnub, Alla ma telaqhomx u tahom dejjem l-għajnuna biex isalvaw fi Kristu, li kellu jkun il-feddej, u li "Hu xbieha t'Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha" (Kollossin 1, 15). Il-Missier, qabel kull żmien lil magħżulin "għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu wkoll is-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa" (Rumani 8,29). Huwa kkmanda lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu, jiġborhom fil-knisja mqaddsa, li kienet diġà mħabbra, biex xbihat sa mill-bidu tad-dinja u mħejjija mod tal-għaġeb, fil-ġrajja tal-poplu ta' Iżrael u fil-patt il-qadim; imwaqqfa f'dawn l-aħħar żminijiet, dehret fid-dinja, meta ssawwab fuqha l-Ispirtu s-Santu, u għad tasal għal milja glorjuża tagħha fit-tmien ta' din id-dinja. Imbagħad, kif naqraw fil-kitba tas-Santi Padri, il-ġusti kollha minn Adam u "Abel sal-aħħar fost il-magħżulin", ilkoll jinġabru fil-knisja universali quddiem il-Missier.

**Il-Poplu t'Alla**

Numru 308: Alleanza ġdida u poplu ġdid

F'kull żmien, u f'kull nazzjon Alla jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa (CF. Atti tal-Appostli 10,35). Madanakollu Alla għoġbu jqaddes u jsalva lill-bniedem, mhux individwalment, mingħajr ebda rabta ma' xulxin, iżda ried li jagħmel minnhom "Poplu li jgħarrfu fil-verità, u jservih bil-qdusija". Għalhekk, HUWA għażel għalih il-poplu ta' Iżrael u għamel miegħu patt: matul l-istorja tiegħu, Huwa ffurmah bil-mod il-mod, waqt li urih lilu innifsu u l-pjan tar-rieda tiegħu, u qaddsu għalih. Iżda dan kollu ġara biss bħala tħejjija u xhieda ta' patt ġdid u perfett, li Alla kellu jagħmel fi Kristu, u tar-rivelazzjoni aktar sħiħa li kellu jagħmel permezz tal-verb t'Alla (Kristu), magħmul bniedem: "Ara, qatt jiġi żmien – kelma tal-Mulej – meta jien nagħmel Patt Ġdid ma' dar Iżrael u ma' dar Ġuda… inqiegħed il-liġi tiegħu fihom u, niktibha f'qalbhom; u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi… għaliex ilkoll kemm huma kunu jafuni miż-żgħir sal-kbir – il-kelma tal-Mulej" (Ġeremija 31,31-34)

**It-Tradizzjoni Mqaddsa**

Numru 882: Għalhekk, il-predikazzjoni tal-Appostli li, b'mod speċjali hi mfissra fil-Kotba Ispirati, kellha tibqa' mħarsa, b'suċċessjoni li ma taqta' qatt, sal-aħħar tad-dinja. L-Appostli, għalhekk, fil-waqt li għaddew dak li huma kienu rċevew, iwissu lill-Insara biex iżommu t-tradizzjonijiet li kienu tgħallmu sew bil-kelma u kemm bil-kitba (Ef. 2 Tassalonkin 2,15), u biex jissieltu għal dik il-fidi li nagħtatilhom darba għal dejjem (Ġuda 3,4)

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni ta ħafna u ħafna tifsirijiet ta' x'inhi l-Knisja li waqqaf Kristu għall-ġid tal-bnedmin.

Ħa nsemmu ftit minnhom:

1. Il-Knisja hi mwaqqfa minn Kristu
2. Hija mwaqqfa fl-imħabba tar-Redentur (Kristu)
3. Il-Knisja hija mxebbħa mal-misteru tal-Verb (Kristu) magħmul bniedem
4. Il-Knisja tkompli l-opra ta' Kristu – is-salvazzjoni tal-bnedmin
5. Hija twieldet mill-kustat minfud ta' Kristu fuq is-Salib

**Il-Knisja l-Għarusa ta' Kristu**

1. Il-Knisja hija maħbuba minn Kristu li ta ħajtu għaliha.
2. Kristu jħalli lill-Knisja, l-Għarusa Maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu mill-mewt.
3. Alla ma jaqta' qatt li jitkellem mal-Għarusa (il-Knisja) ta' Ibnu Ġesù.
4. Il-Knisja tissejjaħ "Ġerusalemm tas-Sema" u "Ommna" (Galatin 4,26; Apokalissi 12,17). Tissejjaħ bħala "Għarusa bla tebgħa tal-Ħaruf bla tebgħa (Kristu)(Apokalissi 19,7).

**Il-Knisja hija l-Poplu ta' Alla**

1. Alla għoġbu jqaddes u jsalva lill-bnedmin, mhux individwalment, mingħajr ebda rabta ma' xulxin, iżda ried li jagħmel minnhom poplu li jagħrfu fil-verità, u jservih bil-qdusija.
2. Il-Lajċi, jiġifieri l-fidili li huma mgħammdin, isiru ħaġa ma' Kristu permezz tal-Magħmudija, u jissejħu (jiffurmaw) il-Poplu ta' Alla.
3. Il-Knisja hija: Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika.

**Marija u l-Knisja**

1. Il-Verġni Marija, mifdija b'mod iżjed tal-għaġeb minħabba l-merti ta' Binha, u magħquda miegħu b'rabta qawwija li ma tinħallx, il-Verġni Marija kienet mogħnija bir-responsabbiltà u bid-dinjità ta' Omm l-Iben ta' Alla.
2. Il-Madonna hi Omm il-Knisja, u fil-Knisja, u wara Kristu, Marija hi l-iktar qrib tagħna l-bnedmin.
3. Il-Verġni Mqaddsa Marija hi x-Xbieha tal-Knisja Verġni u Omm.
4. Il-Knisja, bħal Marija, hija Verġni li tindokra (tieħu ħsieb), il-Fidi mogħtiha lill-Għarus (Ġesù).
5. Il-Knisja timita (ixxebbah) lilha nnifisha mal-Omm tal-Mulej tagħha u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, tħares verġinalment (kollha kemm hi safja) il-Fidi sħiħa, qawwija t-tama, u sinċiera l-karità (l-imħabba).

Fil-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika", insibu t-tifsira ta' "Min Hi, u x'Inhi l-Knisja ta' Kristu:

F'numru minn: 777 sa 780, insibu dawn it-tifsiriet fuq il-Knisja:

777. Il-Kelma "Knisja" tfisser "ġemgħa"; Hi l-ġemgħa ta' dawk li l-Kelma ta' Alla sejħet biex jagħmlu l-Poplu ta' Alla, li, għax jieklu l-Ġisem ta' Kristu, huma stess isiru Ġisem ta' Kristu.

778. Il-Knisja hi fl-istess waqt it-triq u l-għan tal-pjan ta' Alla; imħabbra fil-ħolqien, imħejjija fi żmien il-Patt il-Qadim, imwaqqfa bil-kliem u l-għemil ta' Ġesù Kristu, imwettqa fuq is-Salib tiegħu tal-fidwa, u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, u ntweriet bħala misteru ta' salvazzjoni bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu. Tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fis-sema, bħala l-ġemgħa tal-mifdijin kollha tal-art (ara Apokalissi 14,4)

779. Il-Knisja, fl-istess ħin viżibbli (li tidher) u spiritwali, soċjetà ġerarkika u Ġisem Mistiku ta' Kristu (Kristu u l-bnedmin li jemmnu fih). Hi waħda b'żewġ elementi – uman u divin. F'dan jikkonsisti l-misteru tal-Knisja, li l-Fidi biss tista' taċċetta.

780. Il-Knisja, f'din id-dinja, hi sagrament ta' salvazzjoni, sinjal u strument tal-għaqda ta' Alla mal-bnedmin.

Jekk, verament int, jew trid tkun, Membru ħaj fil-Knisja ta' Kristu, trid, mela, taċċetta u tipprattika dan it-tagħlim tal-Konċilju u tal-Katekiżmu.

Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes, starting from €7.50 per meter. We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers & fittings, water heaters, etc... Clearance sale on various bathrooms accessories like, shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at 37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**

# "Per Mare Per Terram" (By Sea and by Land)

Brian Roberts

2014 is a very special year in the history of the Royal Marines being the 350th anniversary of the corps.

By order in council on the 28th October 1664 King Charles 11 established the first regiment of sea soldiers, the forerunners of the Royal Marines named Admiral's Regiment. Their main task was to keep order aboard Royal Navy Ships but their fighting prowess quickly gained them a reputation which put fear in the hearts of any would be enemy. "Send in the Marines" became a rallying call throughout the empire. They wore bright red tunics and leather collars earning the nickname "bootnecks" That nickname still identifies a Royal Marine to this day.

After the Battle of the Nile in 1798 Admiral Sir James Saumarey was informed that the Maltese had risen in revolt against the French invaders. On the 25th September 1798 a deputation of Maltese went aboard the flagship Orion and asked for arms and assistance to remove the French.

The French were given the opportunity to surrender and on their refusal a company of Marines from HMS Audicious under the command of Captain James Weir landed at Mellieħa Bay to arm and assist the Maltese.

Admiral Lord Nelson had arrived of Sicily and ordered the Royal Navy to mount a blockade of the Maltese harbours and fortifications. Many months of stalemate followed and there were rumours of atrocities being committed against the Maltese during 1800. Finally Nelson lost patience and ordered 300 Royal Marines to land in Gozo and recapture the island. The French very quickly capitulated and the local inhabitants were freed.

The Marines were soon in action on Malta itself and their last duty on the 5th September 1800 was to remove the last of the French garrison from the islands. There then followed 181 years of close association between Malta and the Royal Marines. It is impossible to estimate how many Marines and their families were here at St Georges Barracks, HMS Fort St Angelo, Mtarfa, and of course Għajn Tuffieħa.

Għajn Tuffieħa meaning "the eye of the apple"



was established in1902 as a training camp. What better place for the training of sea bourn troops than the rugged coastline of the north of Malta? Many of the successful operations during both world wars were due to the training opportunities that began here in Malta. In the 1960's many troops not just from the Marines were trained there for worldwide operations

During the 1950's companies including 40, 42, and 45 Commandos were all here and on the 31st March 1979 130 Royal Marines led by a Royal Marines Band marched from Luqa to Vittoriosa where they boarded the ship Sir Lancelot for the voyage back to the UK and 181 years of the Royal Marines attachment to Malta was dispatched to the history books. OR WAS IT.

"Jessies Bar" was in Swieqi and had been owned by the Bezzina family for generations and although it is now closed many ex Marines still make the "pilgrimage" to view many of the artefacts still owned by the family. They have a long and proud association with the Royal Marines even to this day.

Here in Mellieħa we still have a strong historical connection with the Commando Bar which was a favourite bar of the Marines when they were at Għajn Tuffieħa.

So what about the Imperial Band Club ? Very little is recorded but it cannot be a coincidence that the emblems of both the club and the Royal Marines is nearly the same. I have been trying for many years to find out why. Many theories have been put forward but there has been nothing found to establish a strong link. We do have a present day link with the corps.

Our Surrmast Tony Borg has been invited to play with Royal Marines All Stars Band in the UK for a number of years and a number of Imperial Band Club members have travelled with me to the UK to attend Royal Marines Band Concerts and a recent visit by the Royal Marines Association Concert Band gave us both the opportunity to re-establish our friendships with many of it's members.

In the late 1970's Għajn Tuffieħa barracks were reformed into the Ħal Ferħ Tourism Accommodation Complex. At present the site is derelict and is a very sorry epitaph to a long and glorious past. Lets hope it does not remain that way.

Have a great Festa



Kathleen Buttigieg
Beauty Therapist

53, Triq tal-Brag, Mellieħa MLH 2471
Tel: 2152 1196
Mob: 9984 0472
Email: butkat@gmail.com

# L-Edukazzjoni fil-Mellieħa fl-eqqel tal-Gwerra

## (1941-1942)

**Jeffrey Sammut** B.Educ (Hons) Histoy & E.M.Y

Dan l-aħħar ġew f'idejja xi reġistri tal-klassijiet u *log books* tal-iskola antiki. Malli ttawwalt fihom indunajt li dawn fihom minjiera ta' informazzjoni dwar l-iskejjel tal-Mellieħa u l-edukazzjoni ta' aktar min-nofs seklu ilu.

Fil-bidu tal-gwerra, fl-1939, fil-Mellieħa kien hawn tliet skejjel differenti, waħda għaż-żgħar (Infant School), oħra għas-subien u oħra għall-bniet. L-iskola tas-subien kienet maqsuma fi tnejn. Uħud mis-subien kienu jitgħallmu fil-bini fejn illum jinsab il-każin tal-*Labour* filwaqt li l-bqija kienu jmorru jitgħallmu f'erba' kmamar fi Triq Dun Franġisk Żahra. L-iskola tal-bniet kienet fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokkjali.

L-iskola kienet bla ħlas imma l-ġenituri riedu jħallsu għall-kotba u affarijiet oħra li l-istudenti kienu jużaw għat-tagħlim bħal pitazzi, lapsijiet, pinen u basktijiet. Iżda jekk xi ġenituri kienu jagħtu provi biżżejjed li ma kellhomx flus biex imantnu lill-uliedhom, anke dawn l-affarijiet kienu jiġu pprovduti b'xejn mill-istat. L-iskola ma kinitx obbligatorja. Imma la darba l-ġenituri kienu jiktbu lill-uliedhom fi skola, dawn kellhom jibqgħu jattendu sakemm jgħaddu mill-eżami tal-aħħar inkella sakemm jagħlqu l-erbatax-il sena.


Date | Particulars
Sept. 15 School re-opened on the 15th Sept. with the usual religious ceremony. Miss Cla Borg Vella is absent.
.. 16 Sent in a M.C. of Miss Cla. Borg Vella. She has four days sick leave from the 15th.
.. 18 Mr. A. Diacono I.E.S. visited my school
.. 19 Miss Borg Vella resumed duties.
.. 24 Sister Mansweta Grech is absent. Sent in her M.C. for three days from the 24th.
.. 29 Sister Mansweta Grech resumed duties.
Oct. 2 Sent in to Office the number of children attending for 27½ hrs a week (154) (b) for 24 hours a week (Nil) (c) Half Time System 13¾ hrs seeking admission 140.
.. .. Sent in list of children re-admitted from

*Il-logbook tal-iskola*

Fis-sena skolastika li se nitkellmu dwarha, l-iskola fetħet fil-15 ta' Settembru 1941. Fil-*logbook*, li fih kien jinżamm rendikont ta' dak li kien jiġri l-iskola, insibu li: <u>*September 15, 1941*</u> *– school re-opened with the usual religious ceremony*. Matul dik is-sena skolastika, it-tfal kellhom dawn il-vaganzi : Tal-Qaddisin kollha (1 u 2 ta' Novembru), Kunċizzjoni (8 ta' Diċembru), Il-Milied (25 ta' Diċembru) l-1 ta' Jannar, l-Epifanija (6 ta' Jannar), San Pawl (10 ta' Frar), Il-Karnival (16, 17 u 18 ta' Frar, 1942), San Ġużepp (19 ta' Marzu), l-Għid il-Kbir (1-8 ta' April, 1942), *Empire Day* (24 ta' Mejju), San Ġwann (24 ta' Ġunju) u l-Imnarja (29 ta' Ġunju).

F'xi ġranet, l-iskola ma fetħitx minħabba l-attakki tal-Ġermaniżi u jista' jkun li t-tfal ħadu pjaċir b'dawn il-vaganzi mhux mistennija! Għalhekk insibu li fid-9, 23 u 26 ta' Marzu, 1942, kien hemm *air raid all day* u fl-14 ta' April, 1942 *prolonged air raid* u għalhekk l-iskola baqgħet magħluqa.

Fil-*logbook* insibu wkoll li:

<u>April 1942</u>– *School opens three days a week* (għas-subien) – *Monday, Tuesday, Wednesday and Friday for girls, Tuesday, Thursday and Saturday for boys from the 16th*. *Boys School has been occupied by refugees*. Ħafna nies li kienu telqu mill-Kottonera u bliet oħra fejn l-attakki kienu ta' periklu spiċċaw ifittxu kenn fil-Mellieħa u allura l-awtoritajiet iddeċidew li għal ftit żmien, dawn ir-refuġjati joqogħdu fl-iskola tas-subien. U l-għalliema u t-tfal spiċċaw imorru kollha fl-iskola tal-Bniet, kulħadd skont liema ġurnata jmissu. Is-subien spiċċaw jidħlu l-iskola s-Sibt biex ipattu għal dawk il-ġranet li bdew jitilfu fost il-ġimgħa!

L-aħħar ġurnata tal-iskola kienet fil-15 ta' Lulju 1942 meta imbagħad bdew il-btajjel tas-sajf.

**Għalliema fil-Mellieħa 1941-1942**

| Isem tal-Għalliema | Grad | Klassi | Numru ta' studenti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **Saviour Borg** | 1st Grade Teacher | Std IV A Boys | 40 |
| **Andrew Vella** | 1st Grade Teacher | Std IV B Boys | 37 |
| **?** | | Continuation class | 33 |
| **Carmel Debono** | 1st Grade Teacher | Std II A Boys | 31 |
| **Carmel Debono** | 1st Grade Teacher | Std II B Boys | 33 |
| **Salv Buttigieg** | Pupil Teacher | IB Boys | 40 |
| **Joseph Vella** | 2nd Grade Teacher | IIIB Boys | 37 |
| **Joseph Stellini** | 2nd Grade Teacher | IIIA Boys | 35 |
| **Lewis Fenech** | Pupil Teacher | IIIB Girls | 31 |
| **Lewis Fenech** | Pupil Teacher | IIIA Girls | 33 |
| **Maria Borg** | Pupil Teacher | IA Girls | 36 |
| **Maria Borg** | Pupil Teacher | IB Girls | 34 |
| **Joachim J. Falzon** | 1st Grade Teacher | IIA Girls | 35 |
| **Joachim J. Falzon** | 1st Grade Teacher | IIB Girls | 36 |
| **Sister Vittorina Scicluna** | Sub-Teacher | IC Mixed Infants | 44 |
| **Sister Vittorina Scicluna** | Sub-Teacher | IA Girls | 28 |
| **Sister Vittorina Scicluna** | Sub-Teacher | IB Boys | 33 |
| **Sister Mansweta Grech** | Sub-Teacher *Took over from Maria Borg | IB boys | 42 |
| **Sister Raffaella Zammit** | Sub-Teacher | II Boys | 23 |
| **Sister Raffaella Zammit** | Sub-Teacher | II Girls | 40 |
| **Miss Francesca Zammit** | 1st Grade Teacher | IV Girls | 33 |
| **Miss Carmela Borg Vella** | 3rd Grade Teacher | V Girls | 17 |

Minn din il-lista ta' għalliema u l-klassijiet wieħed jinnota xi affarijiet interessanti. L-ewwel nett l-għalliema kienu jingħataw grad skont il-kwalifikazzjonijiet li kien ikollhom. Xi għalliema kienu jieħdu ħsieb żewġ klassijiet differenti. Il-*logbook* jagħti ħjiel kif dan seta' kien possibli: *October 2 1941– sent in to office the number of children (A) attending for 27½hrs a week : 154 students (B) for 24 hrs a week : nil (C) half time system 13 ¾ hrs* (fil-*logbook* m'hemmx miktub kemm kien hemm studenti bil-*half time system*!) *Seeking admission: 140. Sent in list of children re-admitted from private schools.*

Xi studenti kienu jattendu tlettax-il siegħa biss fil-ġimgħa jiġifieri nofs il-ħin tal-oħrajn, grupp filgħodu u ieħor wara nofsinhar. B'hekk xi għalliema kienu jingħataw żewġ klassijiet differenti, waħda filgħodu u waħda filgħaxija.

Interessanti li l-għalliema kienu jżommu żewġ reġistri differenti – '*Register of Attendance*' u ieħor '*Record of Syllabus and Progress and Register of Attendance*'. L-ewwel wieħed kien ikun fih l-attendenza biss. L-ieħor, barra l-attendenza (jiġifieri l-attendenza kienet issir darbtejn!) kien jinkludi wkoll rapporti li l-*inspectors* u s-surmast kienu jagħmlu meta jżuru l-klassi, l-iskema tax-xogħol li l-għalliem kien beħsiebu jwettaq matul is-sena u fuq in-naħa ta' wara tal-ktieb, ix-xogħol li sar matul is-sena. Ħafna minn dawn ir-reġistri huma imżewqa b'kaligrafija li aktar tixbaħ xi biċċa arti. F'xi reġistri għad baqa' l-karta xuga biex il-linka tiġi xxuttata u ma tiċċallasx. Ġo ieħor baqa' ċertifikat tat-tabib ta' waħda mill-istudenti: *'I hereby certify that M.S. has now been cured of ringworm. C Caruana 25/11/41.'*

Ħaġa oħra tal-iskantament huwa n-numru kbir ta' studenti f'kull klassi, xi kultant anke erbgħin! Ta' min isemmi li fil-gwerra kien hawn nuqqas kbir

ta' għalliema, minħabba li ħafna minnhom spiċċaw infermiera, *Protection Officers*, u *Inspectors of Special Constables*.

**Lezzjonijiet**

Barra l-Aritmetika, il-Malti, l-Ingliż u r-Reliġjon, it-tfal kien ikollhom lezzjonijiet oħra. Is-subien kellhom l-Istorja ta' Malta (Neolitiċi, Feniċi, Kartaġiniżi, Rumani), Ġeografija, *Nature Study* (*The Rabbit*, *The Compass*, *Strange Birds*, *Animals with Backbones*), Mużika u *Physical Education*.

Il-bniet kellhom il-*House Craft Hygiene* li kien jinkludi fost l-oħrajn kif iżżomm lilek innifsek nadif, kif tnaddaf id-dar, timsaħ ir-ram, kif tieħu ħsieb it-trabi, kif tnaddaf ferita, kif tgħalli, taħsel u tagħsar l-ħwejjeġ, kif issajjar u mitt ħaġa oħra. Ma tistax tiċħad li l-għalliema ma kinux jippreparaw lill-bniet għall-ħajja miżżewġa! Suġġetti oħra kienu l-mużika u l-kant (*Ring or Roses*, *Buttercups*, *Mulberry Bush*) u *Needlework* (*garning on stockings*, *attaching buttons*, *repairing sheets*, *bookbinding*.)

**Kotba li kienu jintuzaw**

Fir-reġistri jissemmew il-kotba li kienu jintużaw fil-klassijiet. Dawn kienu:

- **MALTI** - Ġabra ta' Ward, Tagħlim fuq il-Kitba Maltija ta' Cremona, Ġabra ta' Kitba ta' Temi Żammit
- **INGLIŻ** - Melita English Course, Melita English Grammar.
- **RELIĠJON** - Ir-Reliġjon Mgħallma liż-Żgħar, It-Tagħlim Nisrani ta' Farrugia.
- **MATEMATIKA** - The Pupils' Class Book of Arithmetic.
- **STORJA** - Ġrajjet Malta u n-Nies Tagħha.
- **ĠEOGRAFIJA** - Tagħlim fuq id-Dinja ta' C. Midgley
- **NATURA** - The Golden Nature Reader expanded and adopted to Maltese Fauna
- **MUŻIKA** - Music Sovereign Music Series - Teacher's Manual

Interessanti li fuq wara tar-reġistru ta' Miss Francesca Zammit hemm l-ammont tal-kotba tat-tfal li kellha fil-klassi. Dawn kienu:

- 5 copies English Readers Bk IV
- 6 copies English Grammar Bk II
- 2 copies Arithmetic Bk IV
- 2 copies Maltese Readers

X'aktarx li dawn huma l-kotba li l-iskola kienet tipprovdi lil dawk it-tfal foqra biex jitgħallmu minn fuqhom minħabba li l-ġenituri tagħhom ma kinux jifilħu jħallsu għalihom.

Il-kotba kienu xi kultant jiġu mgħoddija lil skejjel oħra. Fil-*logbook* insibu li:

27 October 1942 *- sent in lists of books (Oxford Reading Course) and New Ideal Catholic Readers that can be sent out to other schools.'* Dan juri li mhux il-kotba kollha kienu jinxtraw mill-istudenti imma xi uħud minnhom kienu jingħataw mill-istat u dawn kienu jiġu mgħoddija minn skola għal oħra skont il-bżonn.

**Laqmijiet**

Fir-reġistri, xi għalliema, barra l-ismijiet u l-indirizz tal-istudenti, kienu wkoll iniżżlu l-laqmijiet tal-familja tat-tfal. Dawn huma xi laqmijiet:




*Ir-reġistru ta' waħda mill-għalliema*

Ta' Kaxxi, tal-Bjank, ta' Żatat, ta' Pappagallu, iċ-Ċombu, ta' Peswella, tas-Sienja, tas-Sajma, ta' Qorqa, tat-Tnalja, tal-Bieżla, ta' Ġanni ta' Grezzju, tal-Bajtar, tal-Forn, taż-Żuqi, tal-Iskarpan, taż-Żebbuġi, tal-Ħixwi, ta' Stellini, tal-Qargħa, ta' Palal, ta' Peppina, ta' Mattew, tas-Suttani, ta' Ġgejna, tal-Mitħna, tal-Pajpaj, tat-Trux, tal-Buqu, taz-Zikkin, tal-Ingliż, l-Aħrax, taż-Żabbari, il-Maċċ, ta' Xorxra, it-Truppa, ta' Lippu, iż-Żgħajjar, ta' Karmnu tal-Għadira, tal-Gamblu, il-Bużna, tal-Penċ, il-Lotti, ta' Piżellu, tal-Mallun, ta' Kejli, tal-Pwales, tas-Sewda, ta' Randa, in-Neqni, il-Makakux, tat-Terremota, il-Grillu, tal-Blaj, ta' Ngħaġ, ta' Lonza, ta' Ġużeppa, ta' Karabott, tal-Ħaruf, ta' Ruman, tas-Saħħar, tan-Naħlu, ta' Nixxef, ta' Randa, iz-Zomblu, tal-Valiġġa, tal-Papru, ta' Żbajjeb, ta' Spiru u mill-Manikata nsibu tar-Roċċ u ta' Meżjettu.

Ħafna minn dawn il-laqmijiet għadhom jeżistu sa llum. Sa ftit tas-snin ilu, aktar kien faċli li ssaqsi għal xi ħadd bil-laqam milli bl-isem! Biex l-għalliema niżżlu l-laqmijiet saħansitra fir-reġistru juri l-importanza li l-laqmijiet kellhom fil-Mellieħa dak iż-żmien.

**Kunjomijiet**

Fir-reġistri tiltaqa' wkoll ma' xi kunjomijiet li

mhux komuni ssibhom il-Mellieħa. Uħud huma: Patt, Stokes, Privitera, Fiteni, Hart, Balzan, Piscopo, Giordimaina, Wickmann, Mintoff, Sapiano, Tamford, Dalli, Holyer, u Trapani. Xi kunjomijiet jidhru Ingliżi, forsi xi mara Melleħija miżżewġa lil xi barrani jew ta' xi familji tas-servizzi Ingliżi filwaqt oħrajn jistgħu jkunu ta' refuġjati li sabu kenn il-Mellieħa.

### *Inspections*

Barra klassijiet kbar, il-qilla tal-Ġermaniżi u turrun xogħol, l-għalliema kienu jħabbtu wiċċhom ukoll mal-*inspections* tal-klassijiet. Fl-ewwel paġni tar-reġistri ssib ir-rapporti dwar dawn l-*inspections*. Eżempju: '*Inspector of Cleanliness inspected Standard III B u all boys were found to be clean'* imma '*2 boys from Std IVA have nits*.'

Il-kapijiet tal-iskola wkoll jidħlu fil-klassi u jgħarblu x-xogħol li kien isir. Xi drabi kienu jagħmlu xi lezzjonijiet huma stess. Eżempju: '*Took charge of the class in the morning. Teacher is absent for seven days.'* Is-surmast kien ukoll jikkummenta dwar ix-xogħol tat-tfal u anke tal-għalliema: '*Books are well kept and up to date. Mental work was well given with good results. Teacher's attention was drawn to some remarks in connection with children's exercises.'* Xi kummenti oħra huma: '*Tested class in Maltese reading'* jew '*Corrected a dictation.'* Kumment li tifhmu fl-aqwa tal-gwerra huwa: '*Directed teacher to use more economy in paper.'*

Iżda mid-dehra, dawn l-*inspections* ma kinux biżżejjed għax kienu jiġu nies mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jaraw kif inhu sejjer it-tagħlim fil-Mellieħa. Inspector M. Cost ikkummenta/t li '*pupils answered my questions in correct English. They will try to have more confidence in themselves'*. L. Borg sab/et li – *'Morning's written work was satisfactory. Exercise books were up to date. Greater attention should be paid to the formation of figures and to their place value. Teacher's attention was drawn to the incorrect information of some pupils.'*



*Il-Milo – kien jingħata lil tfal dgħajfa u foqra.*

C. Mizzi kiteb/kitbet li '*all pupils should be encouraged to take part in the lesson. Writing is neat and well corrected. Mental exercises need more attention. The written work is regular but better figures are desirable. Reading is fairly satisfactory – more individual practice and revision are recommended.'*

Trid tammira l-kuraġġ u l-vokazzjoni ta' dawn l-*inspectors* li fil-qilla tal-gwerra kienu jiġu l-Mellieħa biex jispezzjonaw il-klassijiet imma mill-banda l-oħra, ma naħsibx li l-għalliema u l-istudenti kienu jieħdu pjaċir bihom!

### Il-*Logbook*

Il-*logbook* jagħti aktar ħjiel dwar il-ħajja fl-iskola. Eżempju:

<u>January 16,1941</u> – *reported that the cesspit is full*
<u>February 3, 1941</u> – *reported that 660 gallons have been removed from the cesspit.*

Ta' min ifakkar li dak iż-żmien ma kienx hawn katusi tad-drenaġġ imma l-ħmieġ kollu kien jinġabar ġo fossa u din kull tant żmien kienet timtela u kien ikollha bżonn titbattal.

Il-*logbook* juri wkoll x'affarijiet l-iskola kienet tirċievi:

<u>February 3, 1941</u> – *received 1 tin of Horlicks*
<u>April 24 ,1941</u> – *recieved one hot water kettle and 3 tins Milo for poor anaemic children.*
<u>December 3, 1941</u> – *recieved 67 tins Milkmaid*

Dawn aktarx kienu jitqassmu lill-istudenti. Fil-kas tal-Milo, dan kien jingħata lil tfal foqra u marradija. Il-*logbook* kien juri l-infiq tal-iskola u x'manutenzjoni kien hemm bżonn ssir:

<u>March 17, 1941</u> – *sent in travelling expenses for transport (quarterly) and bills for towels.*
<u>October 27, 1941</u> – *Sent in requisition for the repairs of the school's roof and hand catches for two windows.*

F'dan il-ktieb, is-surmast kien iniżżel ukoll meta xi ħadd mill-istaff ma kienx jattendi skola eż:

<u>May 1, 1941</u> – *Miss Francesca Zammit is absent. Sent in her medical certificate. Has six days sick leave from today.*
<u>May 12, 1941</u> - *Miss Francesca Zammit resumed duties.*
<u>October 16, 1941</u> – *Caretaker C.V. is summoned to give evidence at court*

Xi tfal kienu jiġu skużati milli jattendu l-iskola minħabba l-gwerra:

<u>March 16, 1942</u> : *informed the parents of C.C. and C.R. that their children have been exempted from school for the duration of the war.*

Il-*logbook* jagħti informazzjoni wkoll dwar

l-ammont ta' studenti fl-iskola kif ukoll dwar xi ċirkustanzi li kienu jħallu effett fuq ir-rutina normali tal-edukazzjoni:

<u>October 23, 1942</u> – *sent in return showing (A) number of children in the school : 559 (B) number of children between 5-12 yrs : 525 (C) between 13-15 yrs : 34*

<u>February 17, 1943</u> – *school re opened today. It has been closed on the 4th January 1943 owing to infantile paralyses.*

Il-gwerra wkoll tissemma fil-*logbook*:

<u>April 25, 1941</u> - *Recieved memo reminding teachers in charge of classes to accompany children to the shelter during the whole length of the Air Raid*

<u>February 2, 1942</u> - *An air raid sounded at 11.35 am. and ended at 4.50pm. Consequently, no children attended school this afternoon. However, all teachers were present.*

**Konklużjoni**

Dan l-artiklu ta titwila lejn l-edukazzjoni fil-Mellieħa fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Jagħti ħjiel ta' kemm l-edukazzjoni f'Malta marret 'il quddiem u kemm it-tfal tal-lum ma jonqoshom xejn. Illum hawn ħafna aktar għarfien dwar kemm l-edukazzjoni hi importanti. Però, ta' min jammira dawk l-għalliema li fi żmien tant diffiċli komplew jagħtu s-servizz tagħhom minkejja l-klassijiet kbar, il-ġuħ, il-faqar, in-nuqqas ta' riżorsi, l-attakki mill-ajru u l-mard (u l-*inspections* kontinwi!)

**Bibliografija**

Debono Charles (2014) – <u>Wartime Mellieħa</u> Volume 2, A&M Printing, Qala

<u>Class Registers</u> Mellieħa Girls/Boys/Infants, Sept 1941-July1942

<u>School Log Books</u> 1924-1954

SALA IMPERIAL

(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***

***21 523467 u 21 520536***

# Tomaso Albinoni
## – Kompożitur

Ġanni Camilleri

Tomaso Giovanni Albinoni twieled Venezja fit-8 ta' Ġunju 1671. Kien kompożitur li għex fi żmien l-Epoka Barokka. Għalkemm kien imsemmi aktar għall-kitba ta' opri, illum hu aktar magħruf għall-mużika strumentali, li spiss tiġi rrekordjata u għalhekk ukoll, popolari ma' dawk li jħobbu din il-kwalità ta' mużika klassika.

Fost l-aktar biċċiet mużikali popolari li ħarġu mill-pinna tiegħu, hemm dik magħrufa '*Adagio in G minore'*. Missieru, Antonio Albinoni, kien merkant sinjur f'Venezja u għalhekk, seta' jtella' l-familja bla tbatija u f'ambjent tajjeb. Tomaso studja l-vjolin u l-kant u f'dan tal-aħħar, sar popolari bħala kantant prolifiku. Kien tajjeb ukoll bħala vjolinista, iżda għadda ħafna snin minn ħajtu jikkomponi opri u kitbiet oħra orkestrali.



Ftit li xejn nafu dwar ħajtu. L-ewwel opra li kiteb, '*Zenobia, regina de Palmireni*', kienet ġiet esegwita l-ewwel darba f'Venezja stess fl-1694, flimkien mal-ewwel kollezzjoni tiegħu ta' mużika strumentali – *12 Sonate a tre, Op. 1*, u kienet ġiet iddedikata lil ħabibu Venezjan Pietro, il-Kardinal Ottoboni, li kien il-Gran neputi tal-Papa Alessandru VIII. Dan Ottoboni kien patrun importanti f'Ruma ta' ħafna kompożituri oħra, bħal Arcangelo Corelli. Tomaso Albinoni x'aktarx kien impjegat bħala vjolinista minn Karlu IV, Duka ta' Mantova, li għalih kien iddedika l-kollezzjoni ta' biċċiet ta' mużika strumentali, OP 2. Fl-1701, Albinoni kiteb il-wisq popolari Op 3, u ddedikahom lil Cosimo III de' Medici, il-Gran Duka tat-Toscana.

Tomaso Albinoni, sakemm miet missieru, kien aktar jikkomponi bħala passatemp milli għall-profitt. Missieru xtaqu jkompli fin-negozju tiegħu bħala merkant, iżda b'xorti tajba, dan in-negozju tkompla minn ħutu l-oħra, u għalhekk, hu seta' jkompli fil-qasam mużikali, *full time*. Hu kien waqqaf saħansitra akkademja tal-kant.

Albinoni żżewweġ f'Venezja fl-1705 lill-kantanta tal-opra Margherita Raimondi u, bħala xhud, kellu lil Antonio Biffi, ħabib u l-Maestro di Capella ta' San Marco. Albinoni kien magħruf ħafna għall-opri f'beltu u f'ħafna bliet oħra fl-Italja bħal Genova, Bolonja, Mantova, Udine, Piacenza u Napli. Kiteb mal-81 opra li minnhom, 28 ġew prodotti f'Venezja bejn l-1723 u l-1740. Ħafna opri oħra ġew esegwiti fl-Ewropa ta' Fuq mill-1720 'l quddiem.

Ħafna mix-xogħlijiet operistiċi ta' Albinoni huma mitlufin, u dan għall-fatt li dawn qatt ma kienu ġew ippubblikati; iżda disgħa minn ġabra ta' mużika strumentali ġew ippublikati u ġew milqugħin tajjeb. Din il-ġabra tiġbor fiha 99 sonata, 59 kunċert u 9 sinfoniji. Din il-ġabra kienet tikkompara tajjeb max-xogħol ta' Arcangelo Corelli (1653–1713) u ma' ta' Antonio Vivaldi (1678–1741).

Dan il-kompożitur kellu seher għall-*oboe*, strument mużikali li kien pjuttost ġdid għal dak iż-żmien, u għal din ir-raġuni, huwa kien l-ewwel fost il-kompożituri Taljani li kiteb l-ewwel xogħol għal dan l-istrument ġdid, (Op, 7, 1715). Erba' kunċerti għall-*oboe* solo, (No. 3, 6, 9 u 12) u l-erbgħa oħra għal żewġ *oboes* (No. 2, 5, 8 u 11 ). Dawn ġew ippubblikati u ġew ukoll milqugħin tajjeb ħafna.

Ħafna mix-xogħlijiet ta' Albinoni, b'dispjaċir, intilfu fit-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-Librerija tal-Istat fil-Belt ta' Dresden fil-Ġermanja, ġiet

ibbumbardjata u maħruqa.Għal din ir-raġuni, ħafna mix-xogħlijiet tiegħu ġew maħruqa. Remo Giazotto, mużikologu Milaniż, mar fil-belt ta' Dresden wara l-gwerra biex ikompli jikteb il-bijografija ta' Albinoni u jkompli jżid mal-lista ta' kompożituri tiegħu.

Qalb it-tifrik u l-ħruq estensiv li ħalliet il-gwerra, dan Giazotto rnexxielu jsib framment ta' manuskritt ta' Albinoni. Dan kien jikkonsisti biss f'linja waħda ta' noti miktubin għal baxx flimkien ma' sitt linji tal-melodija ta' wieħed mix-xogħlijiet tiegħu, li possibbilment kien *slow movement* ta' *Trio Sonata* jew *Sonata da Chiesa*. Minn dawn il-ftit noti li sab, Giazotto ġabar u għaqqad mill-ġdid dak li llum hu l-famuż *Adagio*, mużika li ironikament, Albinoni ma kienx jattribwiha lilu llum.



Bartolo/Joe & Sons
TILE LAYER
Il-Germudi
Specialist Tiler,
Complete Installations,
Bathroom, including plumbing works,
Floorings
29, Selmun Road, Mellieħa
Il-Germudi.com
Tel: 21 433 378 Mob: 7943 3378, 9942 8725

Half Way Inn
Bar & Restaurant
Marfa Road, Il-Mellieħa
Closed for Refurbishment
Il-Management u l-istaff jawguraw l-Festa t-Tajba lil Kulħadd

DAINTY
CLOTHING & FOOTWEAR
Tel 21523538
We accept one 4 all gift vouchers
TIMEZONE
SCOTCH & SODA

# Ħallini Naħdem Ħieles

Jos. F. Cachia

**Prologu**



"Intom il-Melliħin kollha għandkom ir-raba'! *Teachers*, pulizija, purtinara lkoll tmorru fiha, wara x-xogħol…". Dawn il-kliem kienet qalithomli l-Kap tal-Liceo tal-Bniet, li qabel, kienet għamlet xi żmien, kap fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

Għoġbuni, għax naf li huma s-sewwa! Naf ukoll li hemm biża' kbir li bosta minnu jintilef għax il-kilba għall-bini hi kbira. Rajt b'għajnejja stess il-qerda tar-raba' f'Għajn Żejtuna, tal-ħbula tar-raba' tas-Sellum, Tal-Ibraġġ, u naf ukoll li hemm bosta oħrajn mhedda!

Għalhekk qtajtha li nikteb dawn il-versi, li għalkemm insemmi l-Miżieb, jgħoddu wkoll għall-Masrija, għal Qasam Barrani, l-Aħrax u tant u tant oħrajn. Nemmen li xi ħadd jisma' u jagħti widen għat-talba ta' Melliħin bħali, li qatt ma ddejqu jmissu mal-ħamrija! Għandna teżor ambjentali, (u forsi għalhekk semmejt bosta ħaxix "ħażin"). Nibżgħu għalih! Ma jistax ikun illi nħallu ġebel u konkrit biss lil ta' warajna!

**Ħallini Naħdem Ħieles**

Ħallini naħdem ħieles
Ir-raba' tal-Miżieb,
Fejn la xxekkilni l-għejja
U la jħeddilni l-ħsieb.

Fejn id-dehra tad-deru
Tas-sagħtar, tal-ħarrub,
Taf kif tgħolli l-ispirtu
Taf kif tferraħ il-qlub!

U l-ħmura tal-pepprina
Mal-abjad tal-ġarġir,
U l-isfar tal-ingliża
Jinsġulek tapit kbir.

Tal-qrempuċ żgħira l-frotta
Bilkemm tmiss max-xuftejn,
u tal-isfarġel qarsa
Imma koll'huma b'xejn!

U għalkemm l-ispraġa tniggżek
U ż-żiju wkoll, mhux ftit,
U l-ħatba s-sewda tweġġgħek
U xewk issib kemm trid,

U l-ferla u l-bużbieża
Bl-arblu tagħhom sabiħ,
Jiżfnulek mal-ħafura
Meta jonfoħ ir-riħ.

Fejn l-għansar ma' Settembru
Itellagħlek il-boll,
Iħabbar illi x-xita
Daqt tibda nieżla wkoll.

U t-te sqalli jikbirlek
Jgħaddilek minn ġol-ħajt,
Tengħud tax-xagħri, bħalu
Mhux l-ewwel darba rajt!

Fej' l-pittma kemm hi pittma
Teħel ma' kull ma ssib,
L-istess jagħmel il-leblieb
Għalhekk għandu t-tleblib.

Araha l-ħarira kaħla
Jew roża kollha ward,
Arah beżżul il-baqra
Jitmiegħek ċatt mal-art.

Likeni, suwed, sofor
Ipittrulek il-blat,
Hemm griżi u hemm roża,
Iħalluk issummat!

Frott iż-żebbuġ għasartha,
U anke kiltha din,
B'tadama u xi basla
Fil-ħobża bis-sardin!

Bajtar tax-xewk imlewna
Bajdana, safranin,
Jgħidulek, "L-aħmar aqwa!"
Nemmen li lkoll tajbin!

Lewż morr ġieli laqqamtu,
Biex tani ħawħ tant bnin,
Għajnbaqar, nuċipriska
Fit-togħma tant ħelwin.

Fejn bambinella kelli
Tant kienet tagħti frott,
Però s-susa qerditha,
U fadal biss zokk xott!

U l-bajtar agunija
Mat-tin hu qiegħed imut,
Diġà qabad il-via
Li minnha għadda t-tut!

U issa ż-żmien qiegħed joqrob
Li jsejħilna l-Mulej,
'Ma dan ftit jinkwietani
Daqs dak li nara għaddej.

Għax bini dejjem tiela
*Penthouses*, flettijiet,
U x-Xagħra tal-Għansar
Doqt ngħidu sparixxiet!

Madonna tal-Mellieħa,
Isma' talb l-imbikkmin!
Ara li jibqa' r-raba'
Ħallina ferħanin!

Ħallina naħdmu r-raba'
Kif in-nanniet sabuh,
U jekk iridu wliedna,
Huma wkoll jaħdmuh!







# Xogħol fuq il-gallerija







# Xogħol fuq il-Kapitelli tat-Taraġ fuq stil unik











# Il-Qasrija

**in 2 Cross Street Mellieħa**, specialises in flower arrangements for weddings, funeral flowers, Holy Communion and other occasions.

Consultation on the type of flowers and budgeting advice are all part of this personalised service. Wedding packages include all the floral arrangements for home, church and reception venue.

Deliveries are made to the home of the bride which means the couple will have one less thing to worry about.

Tel/Fax:
21 520549




# CLIFFORD
**Motoring School**
**& Motorcycle Towing**

**Mob: 9947 8908 • 9945 2994**

WE TEACH ON MANUAL CARS
MALE & FEMALE QUALIFIED INSTRUCTORS
VERY PATIENT AND PROFESSIONAL
DOOR TO DOOR PICK UP/DROP DOWN SERVICE
HIGH PASS RATE
NO HIDDEN CHARGES
LESSONS ON INDIVIDUAL BASIS

**WE DO PRACTICAL TESTS IN MALTA & GOZO**

# MARIO GAUCI

## *Fruit & Vegetable Seller*

*10, South Street, Mellieħa*

*Daily vendor selling at St. Paul's Bay and Mellieħa*




**Mob: 9945 5717**

# Kwadru tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida



Mario Fenech

L-artist Malti Emvin Cremona huwa magħruf sew għal numru kbir ta' xogħlijiet li għamel fil-knejjes tagħna matul il-karriera artistika tiegħu.

Fost il-knejjes li fihom hemm bosta xogħlijiet ta' dan l-artist wieħed isemmi l-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, il-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Furjana, il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq u l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida.

F'din il-Knisja ta' San Ġużepp fl-Imsida, Cremona pinġa l-koppla bil-pendenti tagħha, l-arzelel u s-saqaf kollu tal-Knisja.

Fid-daħla tal-kor f'wieħed mill-erba' kwadri li pinġa matul is-sena 1951 fl-età ta' 32 sena hemm il-preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju. Dan huwa suġġett li ma tantx insibuh fil-pitturi fil-knejjes, għaldaqstant meta ġie biex ipinġi dan ix-xogħol, Cremona kellu fejn jesprimi dak li xtaq b'mod oriġinali għall-aħħar.

Xena sabiħa fejn l-għajn ta' dak li jħares lejn il-kwadru tmur fuq ix-xbieha ħelwa tal-Madonna bħala tifla ċkejkna bil-wieqfa quddiem il-qassis il-kbir li qiegħed bilwieqfa quddiem il-purtiera tat-tempju assistit minn tlett irġiel oħra.

Il-figura tal-Madonna hija spejgata mill-artist b'mod dinjituż b'libsa bajdanija u b'dija ħierġa minn madwar rasha filwaqt li qiegħda tħares lejn il-qassis il-kbir b'idejha ma' xulxin.

Fin-nofs tat-tila jidhru Sant'Anna u San Ġwakkin filwaqt li persuna oħra tidher ħdejhom b'idejha 'l fuq turihom lill-qassis il-kbir.

Nies oħrajn jidhru qegħdin jitkellmu bejniethom dwar din it-tifla li mbagħad kellha tkun hi l-magħżula biex tnissel lill-Iben t'Alla fuq din l-art.

Fil-kumplament tat-tila l-artist Cremona pinġa żewġ kolonni kbar b'ċint fuqhom bi tliet statwi ornamentali fuqu xenarju sabiħ ta' madwar it-tempju.

Biex jagħtina x'nifhmu li biex waslu fit-Tempju flimkien mal-Madonna, Sant'Anna u San Ġwakkin kellhom vjaġġ twil, f'parti mill-kwadru tidher ras ta' ħmar li dak iż-żmien kien l-uniku mezz li kellhom biex jivvjaġġaw minn raħal għal ieħor.

Il-kuluri li ġew użati għal din ix-xena huma kemxejn differenti minn dawk xi ftit skuri li s-soltu kien juża l-artist Cremona għal kwadri tiegħu. Dan għamlu biex l-attenzjpni tkun fuq il-figura tal-Madonna. Kwadru mill-isbaħ li jirrakkonta b'mod artistiku dan l-episodju mit-tfulija tal-Madonna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Stardust

Cross Street,
Il-Mellieħa
Tel: 21 571692

Discount on all School bags
Stationery, Haberdashery, Gifts & Cards





**_Les Jardins Restaurant_**

Have a relaxing Sunday. Come in and enjoy our Sunday Buffet Lunch with all the family, starting in October!



**_Al Ponte Bistro_**

For a tasty Mediterranean meal in a leisure atmosphere, join us for both lunch or dinner.



**_120 Bar_**

Enjoy a drink or two while listening to music or watching your favourite sporting event of big screen. Open from Mondays to Sundays.

*George Borg Olivier Street, Mellieha, Malta*
***T*** *(+356) 21 520 923/9*
***E*** *info.mal@maritim.com.mt*
***www.maritim.com.mt***

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta



Driver Training
DRIVE WELL!
9949 8240 www.drivewell.webs.com
Driver Training
Catagory 'C'
Catagory 'C+E'
MOTORING SCHOOL
We Strive to Teach You How to Drive Safely & Securely for a Lifetime.
Male & Female Instructors on Manual and Automatic Cars.




Paradise Bay Lido
We are now accepting bookings for Weddings, Bachelor & Hen's Parties,
Team Building Activities, BBQs and much more!
A wide variety of menus are available upon request, or we can easily create
a tailor made package at very competitive prices to suit all budgets........
Group bookings are also welcome.
Alternatively, why not dine at our newly launched A La Carte Restaurant
open every evening from 19.00 hours till late, or enjoy a bottle of wine
with a selection of platters to choose from, whilst admiring the natural beauty
of this truly magnificent bay......
t 21575491
f paradise bay lido malta
e info@paradisebaylidomalta.com
w www.paradisebaylidomalta.com





# Farlex Bar & Restaurant

***Specialising in Rabbit Dishes & Maltese Cuisine***

- *Open Winter & Summer for Lunch & Dinner*
- *Bachelors, Hens, Staff Parties, B.B.Q.s Accepted*

***Tel: 21 573 520***

***L-Armier, Limiti tal-Mellieħa***






# Dawl aħmar fid-dlam u lil hinn minnu…

Jikteb Evarist Bartolo

Ix-xahar id-dieħel jaħbat it-52 anniversarju mill-kriżi tal-missili f'Kuba. Setgħet inqalgħet gwerra atomika li fiha ntemmet id-dinja kieku l-mexxejja tal-Istati Uniti u tal-Unjoni Sovjetika ta' dak iż-żmien ma sabux mod kif jilħqu ftehim għaż-żewġ naħat flok jiġġieldu ma' xulxin.

L-Unjoni Sovjetika kienet bdiet tpoġġi missili f'Kuba li kienu jilħqu u jeqirdu bliet ewlenin fl-Istati Uniti. L-Istati Uniti wissiet li dawn il-missili kellhom jiġu rtirati nkella kienet se tinqala' waħda kbira. Il-President Amerikan John Kennedy kien sab mod kif il-missili jiġu rtirati bi ftehim mal-President Sovjetiku Nikita Kruschev mingħajr ma faqqgħet gwerra fejn żgur kienu jintużaw il-bombi atomiċi u kienu jinqerdu ħafna miljuni ta' nies u ħafna mill-ħajja fil-pjaneta tagħna.

Niftakar dak iż-żmien kien għadni kemm għalaqt 10 snin. Żgur li ma kontx qed nifhem x'kien qed jiġri. Imma niftakar li kien hawn klima ta' biża' anki fir-raħal tagħna. Kien jingħad diskors li ġejja l-aħħar tad-dinja.

Konna nisimgħu li ġejjin tlitt ijiem ta' dlam u mbagħad tispiċċa d-dinja. Niftakarni mmorru ħdejn iċ-ċimiterju wara l-knisja parrokkjali tard billejl biex naraw fuq l-orizzont mudlam jitfaċċa dawl aħmar li kienu jgħidulna li kien forma ta' minġel u martell, l-arma tal-Unjoni Sovjetika, u kien jingħad li dan kien prova oħra ċara li vera kienet ġejja l-gwerra u l-aħħar tad-dinja u li mhux l-aħbarijiet tal-bnedmin biss kienu jgħidu dan iżda anki s-sema kienet tibgħat dawn is-sinjali tal-biża'.

Kont nibża' ħafna b'dan kollu: bejn li ġejja l-aħħar tad-dinja, bejn li ġejja l-gwerra, bejn is-sinjal tal-minġel u l-martell fuq is-sema mudlam b'warajna ċ-ċimiterju u t-tifkira ta' ħafna stejjer li kienu jirrakkuntawlna tal-erwieħ, oqbra, xjaten, iħirsa u affarijiet oħra tal-biża' li ma kontx nifhem bħala tifel.

Wara kont sirt naf li dawk is-sinjali ħomor billejl kienu *flares* ħomor sparati minn vapuri tal-gwerra 'l barra minn Malta waqt il-manuvri tagħhom. Imma sirt naf b'dan ħafna żmien wara. Imma bħala tifel ma kont naf xejn minn dan kollu kont nibża'.

Kif kont nibża' minn ħafna affarijiet oħra li kienu jbeżżgħuna bihom biex inġibu ruħna sew kif xtaquna l-kbar.

Pereżempju kienu jgħidulna meta konna nmorru l-iskola tas-sorijiet li jekk inkunu mqarbin u ma nobdux jagħlquna fil-kamra tal-ġrieden li kien hemm f'rokna tal-bitħa.

Kienu jgħidulna biex ma nidħlux f'ċertu bini fir-raħal għax hemmhekk kien jidher il-ħares.

Meta kien jonfoq ir-riħ u jvenven li kien qisu erwieħ iwerżqu.

Li jekk inkunu tfal ħżiena jiġu x-xjaten u jkaxkruna lejn l-infern li kont nimmaġinah xi għar kbir taħt l-art mimli nar bix-xjaten bil-foxxni f'idejhom jikkontrollaw lill-ħżiena mibgħuta hemm jinħarqu għal dejjem.

Il-biża', id-dlam, il-mewt, l-aħħar tad-dinja, l-infern, l-erwieħ …kienu aspetti importanti ħafna fil-ħajja tagħna biex jikkontrollawlna l-imġiba tagħna Biex inġibu ruħna konna mistennija nobdu bla nistaqsu, naċċettaw dejjem li jgħidulna l-kbar.

Konna mistennija nisktu għalkollox fuq affarijiet li ma kinux tagħna ż-żgħar u lanqas mistoqsijiet bħal minn fejn jiġu t-tfal ma konna nitħallew inqajmu aħseb u ara kemm kienu jgħinuna nweġbuhom.

Il-biża' bħala mezz ta' kontroll fit-trobbija tat-tfal kellu sehem qawwi.

Kif kellu sehem qawwi anki s-swat. Is-swat fuq it-tfal kien aċċettat bħala xi ħaġa mill-aktar naturali: swat l-iskola b'xi daqtejn ta' sieq ta' siġġu għax kont inqast, swat fil-familja b'xi ċinturin jew kuċċarun għax m'obdejtx, swat anki fl-għaqda fejn kont tattendi għax m'għamiltx li qalulek.

# Ajruplani tal-Baħar tar-*Royal Air Force* f'bajjiet Melleħin

Kitba ta' Charles Debono BA (Hons) History & MA History

Matul l-aħħar sena tal-Ewwel Gwerra Dinjija, numru ta' ajruplani tal-baħar tar-*Royal Air Force* (RAF) ġew trasferiti f'Malta biex jgħinu fil-gwerra kontra l-*U-boote* (Sottomarini Ġermanizi) tal-*Kaiserliche Marine*, li kienu jħufu f'ibħra Maltin. Dawn l-ajruplani tal-baħar kienu stazzjonati f'Kalafrana. Wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija dawn l-ajruplani komplew joperaw minn Kalafrana għal għanijiet varji, bħal pereżempju ko-operazzjoni mar-*Royal Navy* (RN). Però l-ajruplani tal-baħar li kien hawn Malta kienu joperaw biss minn Kalafrana.[1] Żewġ bajjiet minnhom jinsabu fil-Mellieħa li huma l-Bajja tal-Mistra[2] u l-Bajja ta' Għajn Tuffieħa.[3]



*Ajruplani tal-baħar tat-tip Fairey IIIDs fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa.*

Tipi partikulari ta' ajruplani tal-baħar li kienu jsorġu f'dawn iż-żewġ bajjiet kienu tat-tip Fairey IIIDs u l-verżjoni iktar avvanzata tat-tip Fairey IIIF Mk.3Ms tan-*No.202 Squadron*. Jeżistu żewġ ritratti ta' ajruplani tat-tip Fairey IIIDs tal-istess skwadra msemmija fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa u r-ritratt l-ieħor tat-tip Fairey Mk.3Ms fil-Bajja tal-Mistra.[4]



*Ajruplani tal-baħar tat-tip Fairey IIIDs fil-Bajja tal-Mistra.*

Fir-ritratt meħud fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa jidhru żewġ Fairey IIID, wieħed fuq ix-xtajta u l-ieħor ftit metri 'l bogħod minnu f'baħar baxx. Wara l-ajruplani fuq ix-xtajta jidhru numru ta' nies tas-servizz, li kienu jaħdmu fuq dawn l-ajruplani, tliet tined bojod u żewġ barrakki.[5] Fir-ritratt l-ieħor meħud fil-Bajja tal-Mistra jidhru tliet Fairey IIF Mk.3Ms fuq ix-xtajta. Ma hemmx nies tas-servizz fil-viċinanzi tal-ajruplani u għalhekk x'aktarx kienu għadhom kif illandjaw fil-bajja.[6]



*Ajruplan tal-baħar tat-tip Sunderland fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. Il-Messerschmitts immaxingjaw L2164 fis-7 ta' Marzu 1941.*

Fil-bidu tas-snin għoxrin, l-iskwadra kienet għadha magħrufa bħala n-*No. 481 Flight* tal-*Fleet Air Arm*. Hija waslet f'Malta fl-1923 u kienet stazzjonata fil-Bajja ta' Kalafrana fejn użat Fairey IIIDs bejn is-snin għoxrin u s-snin tletin, sakemm ġew mibdula mill-Fairey IIIF.Mk3Ms.[7] Għalhekk, ir-ritratt li juri Fairey IIDs fil-Bajja ta' Għajn



*Tlett ijiem wara l-Messerschmitts rritornaw fejn din id-darba mmaxingjaw Sunderland L2164 u spiċċa jaqbad.*

Tuffieħa probabbilment ittieħed matul dawn is-snin.[8] Il-*Flight* inbidlet fi skwadra f'Jannar 1929 u b'hekk saret tissejjaħ *No.202 Squadron* tal-RAF. F'Lulju 1932 l-iskwadra rċiviet l-ewwel Fairey IIIF.Mk.3M. Kif jindika dan ir-ritratt tal-Fairey IIIF.Mk.3 meħud fil-Bajja tal-Mistra, probabbilment ittieħed fil-bidu tas-snin tletin.[9]



*Is-Sunderland L2164 jaqbad, fejn anki nqagħlet u waqgħet il-gwejnħa tax-xellug.*

Wara ftit xhur li bdew l-attakki fuq Malta (mill-11 ta' Ġunju 1940), għall-aħħar ta' Jannar 1941 ġie deċiż li jibagħtu żewġ Short Sunderland Mk.Is fil-Bajja tal-Mistra. Dawn malajr ġibdu l-attenzjoni tal-ajruplani tal-ġlied tal-*Luftwaffe*, il-Messerschmitt Bf109Es tas-7/JG 26 fejn fis-7 ta' Marzu 1941 ġew immaxingjati u ġarrbu diversi ħsarat. Is-Surġent Alan Jones, li kien għassies fuq is-Sunderland L2164, immedjatament beda jispara fuq l-ajruplani tal-għadu, però dawn tal-aħħar wieġbu lura, fejn is-surġent intlaqat fuq il-post u miet. Tlett ijiem wara reġgħu rritornaw l-ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi, fejn din id-darba reġa' ġie mmaxingjat l-L2164 u beda jaqbad. L-ajruplan ġie miġbud 'il barra mill-Bajja tal-Mistra, fejn ġie meqrud u għereq fil-baħar baxx. It-tieni Sunderland T9046 intlaqat ukoll waqt dan l-attakk però rnexxielhom itajruh sal-Bajja ta' Kalafrana biex jissewwa.[10]



*Kif spiċċa s-Sunderland L2164 meta ġie meqrud, fejn għereq f'baħar baxx.*

Interessanti li fl-istess bajja għamel xi żmien ukoll ajruplan tal-baħar Franċiż li ħarab mit-Tuneżija li kienet tifforma parti minn Franza ta' Vichy (il-parti ta' Franza mhux okkupata mill-Ġermaniżi), fil-15 ta' Ottubru 1940. Dan l-ajruplan kien tat-tip Loire 130, li ġie inkorporat u wżat min-*No.228 Squadron*, sakemm darba minnhom ġie mmaxingjat u mgħarraq minn ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi.[11]



*Ajruplan tal-baħar Franċiż Loire 130.*

Dan l-artiklu huwa mislut mill-ktieb tal-istess awtur li jismu *Wartime Mellieħa 1940-43: The role of the village in the Second World War* li gie ppubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fl-2014.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, fil-Forti Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi**

1 J. A. Mizzi (ed), *Malta at War Vol 1*.
2 A. Coldman, *Malta: An Aviation History*, Malta, 2001, p 71.
3 Mizzi, p 50.
4 Ibid, and A. Coldman, *Malta: An Aviation History*, Malta, 2001, p 71.
5 Mizzi, p 50.
6 Coldman, p 71.
7 Ibid, pp 69-70.
8 Mizzi, p 50.
9 Coldman, pp 70-71.
10 A. Mizzi (ed), *Malta at War Vol 11*, Malta, 2001, p 596-597.
11 http://www.britmodeller.com/forums/index -latecoere-298-floatplane-in-british-service

HORACE ENTERPRISES LTD.
*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt

# MANUEL'S GARAGE Co. Ltd.

Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**



- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (SHORT & LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888 & BVY 011



*For Quality Metal Works at Competitive Prices*



## JOE GAUCI

METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa

Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976

# Fuq li bidwi joqtol bidwi

Paul P. Borg

**Nota tal-awtur**

*Din li ġejja hi silta mir-rumanz li ppubblikajt matul dis-sena bl-isem,* ĊIKKU IL-BIDWI MALTI*. Fil-ktieb jiena ngħarbel ir-rabta tal-bidwi Malti u mal-ambjent naturali Malti billi nissellef minn dak li rrakkuntali kemm Ċikku Fenech imlaqqam Ta' Vanġiela bidwi Mosti li miet matul dis-sena, kif ukoll minn dak li qaluli għadd ta' bdiewa oħrajn minn madwar Malta u Għawdex. Fuq kollox dan il-ktieb hu msejjes fuq il-karattru tal-bidwi Malti.*

*Bħala l-awtur nuża n-nixxiegħa tal-kitba kreattiva biex nimraħ f'rakkont ta' qtil u ħarba mimlijin avventuri u intriċċi marbutin fost oħrajn ma' dan il-persunaġġ l-aktar waqt li kien maħrub. Iżda fuq kollox nifli sewwa l-ġibda tal-bidwi Malti man-natura u mal-ħolqien. Nirrakkonta għalhekk il-ġrajja tal-qtil brutali li kien seħħ f'Ġunju tal-1963 meta Ċikku ta' Vanġiela kien qatel bidwi ieħor u ħarab lejn l-irdumijiet, baqa' maħrub jiġġerra fl-irdumijiet u madwar Malta kollha u ta ruħu b'idejh lill-pulizija wara xhur sħaħ maħrub. Kulmin hu ta' ċerta età żgur jiftakar dan il-fatt minħabba li kien qajjem furur fil-pajjiż u l-gazzetti kienu tawh prominenza kbira.*

*Nirrakkonta wkoll il-ħajja mimlija perikli u avventuri li kien għadda minnhom Ċikku meta kien l-Awstralja xi snin qabel. Daħal l-Awstralja b'mod klandestin u hemmhekk għex ħajja mqallba għall-aħħar. Mhux biss, iżda ġie lura mill-Awstralja b'ħafna ġlied u inkwiet li joħloq biss il-karattru tal-bidwi li jibqa' bl-istess karatteristiċi ta' bidwi jissielet mal-ambjent tiegħu, ukoll meta qiegħed f'ambjent ġdid u jitkellem ma' nies illi bdiewa mhumiex.*

*B'din il-kitba niġbor ukoll ġrajjiet mimlijin intriċċi u avventura li juru l-ħila kbira tal-bidwi qadim Malti li fl-imgħoddi akkost ta' kollox ma kien jibża' minn xejn u minn ħadd biex jiddefendi l-art li kienet titimgħu u tippermettilu jkabbar il-familja. Nirrakkonta l-ġrajjiet ta' kif il-bidwi bħala l-bniedem marbut mal-ħamrija, jibqa' marbut magħha ukoll meta ħaddieħor din ir-rabta ma jifhimhiex. Nissellef dawn il-ġrajjiet kollha ta' ħafna u ħafna bdiewa u l-għajdut qadim Malti li bdejt nisma' sa minn meta kont għadni naqra ta' tfajjel madwar in-nanniet f'Selmun, biex inkun nista' nimraħ sewwa fil-fond tal-ħajja u tal-karattru tal-bidwi qadim Malti u tar-rabta tal-bniedem Malti mal-ambjent naturali. Jiġifieri mar-rabta bniedem-ħamrija.*

*Ngħaġġel ngħid li l-ktieb tiegħi* ĊIKKU Il-Bidwi Malti *mhux glorifikazzjoni tal-vjolenza. Ċikku kien qatel bniedem ieħor. Qtil dejjem qtil u dejjem ħażin u dejjem ta' min wieħed jikkundannah. F'din il-ġrajja m'hemmx rebbieħ jew tellief. Iż-żewġ bdiewa rebħu u ż-żewġ bdiewa tilfu. Iż-żewġ bdiewa kienu eroj. Rebaħ biss min keskishom kontra xulxin.*



*Rebħet biss sistema li tefgħet għamad fuq il-bidwi Malti u ġegħlitu ma jibqax jirrispetta kemm lill-ambjent naturali kif ukoll lill-ħolqien. Dan ifisser li kien hemm sistema fis-soċjetà li kienet tkeskes bidwi kontra bidwi bla ma ħadd minnhom ma jintebaħ, bħallikieku l-għadu issa mhux aktar jiġġieled lill-Maltin billi jisparalna fuq is-swar biex jidħlilna ġewwa malli jkissirhom, jew billi jixħtilna l-bombi mill-ajru, imma l-għadu issa qiegħed ġo fina stess. Aħna stess l-għadu tagħna nfusna għaliex sirna aħna stess neqirdu dak li ħaddieħor ried jeqredilna u jaħtfilna matul is-sekli! Bħallikieku daħħalna lifgħa makakka ġo ħobbna bla ma nafu.*

*Is-snin li qattajt man-nanniet u mal-bdiewa qodma li issa kollha saru biss tifkira li kien hemm Selmun u li kien hemm il-Mellieħa qadima u li l-qarrej żgur jaf sewwa, għallmuni ħafna u ħafna mill-filosofija ta' ħsieb li jiena għandi u li nirriflettiha fil-kitba tiegħi. Ċikku ta' Vanġiela li nitkellem dwaru u l-ġrajja tiegħu hu l-bidwi Malti arketip tal-ambjent Malti. Fih hemm ukoll il-ġrajja tal-bdiewa ta' Selmun u ta' Qasam Barrani, ta' Ġnien Ingraw, tal-Aħrax, tal-Manikata, tax-Xagħra l-Ħamra u dawk tal-qedem li kien hemm fl-għerien madwar il-Mellieħa kollha.*

*Hemm f'dan il-bidwi li ktibt ir-rumanz dwaru l-karattru tal-bidwi Malti, hu min hu u hu minn fejn hu. Imma la bdejt ħajti Selmun ma nistax ma nidentifikax dal-bidwi mal-bidwi tradizzjonali u qadim Malti kif tgħallimt narah f'Selmun qadim u fil-Mellieħa qadima. Huma l-bdiewa li nibbtu l-eżistenza tagħhom mill-art, ħadu ħajjithom mill-art sewwa sew bħalma l-bdiewa li kien hemm fi bnadi oħrajn madwar id-dinja. In-nies li aħna niftakru bħala "bdiewa Maltin" ma kinux iqisu rwieħhom membri tal-familja bioloġika tagħhom biss, imma aktar minn hekk: huma kienu jħossu qawwija fihom aktar u aktar l-appartenenza ta' familja li ilha taħdem l-art "minn żmien Kristu" jew ukoll "minn żmien Adam". Il-lok, il-pajjiż ma jfisser xejn: xorta jibqa' biss l-għerq tal-argument: il-bniedem u l-art. Il-bniedem u l-ambjent naturali.*

*Ma tridx għerf wisq biex tintebaħ li l-bidwi Malti u l-bidwi Russu, jew il-bidwi Ingliż, jew dak Taljan huma l-istess bidwi. Aktarx l-istess karatteristiċi. L-istess qilla salvaġġa meta huma marbutin mal-art u tipprova toftomhom minn dik il-ħajja. Min jaqra lil Tolstoj jew lil Harding jew lil Dostojevski, jew lil Bernasconi, jifhem sewwa li hemm biss familja waħda ta' dak il-ġeneru uman imsejjaħ "bidwi". Kull bidwi, ukoll il-bidwi Malti hu membru ta' dik il-familja kbira universali ta' bnedmin marbutin mal-eżistenza mit-trab. U fl-istess ħin marbuta ma' twemmin, Alla, xi sura ta' ħajja oħra, ħajja meħtieġa ta' sagrifiċċju, għerf mhux miktub, kuxjenza bażika ta' ġens – sewwa sew għax il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix.*

*Dil-ġrajja li sa nressaq quddiem il-qarrejja tal-Annwal tas-Soċjetà Imperial dis-sena hi dwar bidwi żagħżugħ li jeħodha kontra bidwi ieħor minħabba dawn il-konflitti fil-bidwi universali li qiegħed nitkellem dwaru. Hi ġrajja li niftaħ imbagħad matul il-ktieb kollu li turi kemm kien hemm tensjonijiet bejn il-bdiewa għaliex kien hemm minnhom min ried aktar jibqa' jgħix il-ħsieb tal-bidwi wild l-art Maltija, u l-bidwi li fih m'hemmx aktar dik ir-rabta għaliex iż-żmien qiegħed juri sinjali ġodda.*

*Kienet tensjoni li f'Malta qatt ma qajmet rivoluzzjoni għax il-Malti bniedem ġwejjed, jew mimli apatija, iżda* kienet *tensjoni li tbiddlet xorta waħda fit-tixrid tad-demm.*

*Il-ktieb hu edizzjoni riveduta tal-ktieb* ĊIKKU FENECH – IL-QTIL, IL-ĦARBA, IL-BIDWI, *li kien rebaħ il-Premju Letterarju għall-aħjar rumanz fl-1999.*

**Il-Qtil Nhar Korpus Kristi**

X'imkien imdendel mad-dawramejt kien għad hemm il-fdal tal-misterju tal-lejl iswed li kien għadu kif għadda.

Minn x'imkien imbiegħed instama' l-ħoss tal-qanpiena mill-kampnar tal-knisja tal-Mosta jħabbar il-festa kbira tal-jum.

*Corpus Christi.*

Il-festa tal-Ġisem ta' Kristu li ħela demmu għall-bniedem.

Ix-xemx f'dik l-għodwa bikrija, kienet donnha damet ma telgħet aktar mis-soltu. Donnha ma tridx titla' aktar 'il fuq, bħallikieku titlajja avolja għoddhom qabżu s-sitta. Madwarha u quddiemha kien inġama' sħab abjad abjad donnu duħħan tqil bla ċaqliqa ta' xejn, u hi kienet tittanta kif tista' tinfed minn dak l-għoli għal fuq il-ħitan tas-sejjieħ mal-ġenb tat-trejqa.

Kien jidher minn sbiħu li riesaq jum stramb ta' toqol u dlik; sħana bikrija li ddellek kullimkien b'għaraq żejtni u ħedla għażżiena u għajjiena.

Il-ġebel donnu jkun jaf x'se jiġri dalwaqt.

Il-gremxul mistoħbi fix-xquq bejn il-ġebliet bħal ħass li kienet riesqa xi ħaġa mhux tas-soltu. Ma kienx xieraq li joħroġ jittawwal mixruf minn bejn il-ġebliet jitliegħeb fix-xmejxa li ilu jistenna xhur sħaħ. Kien donnu jobsor dak li kellu jiġri dalwaqt dak in-nhar.

Minn tarf it-trejqa ta' tarf il-Mosta deher riesaq raġel irqajjaq b'senter tal-kaċċa mserraħ fuq spallejh u beritta mġennba lejn naħa waħda tgħattilu ħarsa mħassba. Kien liebes flanella għall-għaraq u qmejsa kaħla maqfula quddiem b'buttuni bojod. Kienu passi aktarx għajjenin, donnhom tqal u waqt mixjietu

jdejh jitperpru 'l barra donnu qiegħed jirraġuna ma' xi ħadd biswitu li ma kienx jidher.

Imma baqa' miexi mal-ġenb tat-triq, taħt il-ħajt tas-sejjiegħ għoli.

Fir-rokna tat-trejqa busbiesa tawwalija, tfuħ fil-bidu ta' dal-jum, għadha tħaddar minkejja l-qilla salvaġġa tax-xemx li ssabbat fuqha, meta jiftlilha, is-sħana tagħha. U fl-irkejjen, il-ħaxix niexef tar-rebbiegħa li ħierġa jintelaq mal-qiegħa griża mtektka bir-redus tal-merħla li għaddiet ilbieraħ ma' nżul ix-xemx.



Kultant ir-raġel beda jieqaf, donnu jitħasseb, donnu jitlajja bla jaf għaliex. Donnu mikdud. Imbagħad italla' l-ixkubetta sewwa fuq spallejh u jissokta miexi aktarx mgħaġġel u ħafif bħallikieku sod minn dak li qiegħed jitħasseb u jħammem dwaru.

U jerġa' jieqaf u jerġa' jkompli.

Imbagħad in-naħa l-oħra tat-trejqa żagħżugħ mibni b'saffejn jidher idur qalb il-ħabel bħajra li għamel lejl sħiħ jgħasses u jindokra, mixħut taħt għarix fir-rokna tal-ħajt. Xagħru kien imgerfex u twil, ilħitu mhix imqaxxra, mustaċċih twal u mżerżqin 'l isfel. Bixritu aktarx tnissillek ħarira biża' bla ma taf għaliex. Ilu lejl jittanta jagħlaq għajn ma' għajn, idawwar l-ixkubetta f'idejh minn naħa għal oħra. Qatt ma nstama' li xi ħadd ħadlu mqar karmusa mir-raba' tagħhom, u qatt mhu sa jkun li xi ħadd imqar ifettillu jaħsibha biss biċċa bħal din. Iż-żagħżugħ ta ħarsa lejn il-ġmiel tal-bħajra, lejn il-kobor ta' għalqa fuq oħra… Imbagħad resaq lejn il-ħajt u xiref lejn it-trejqa.

Iż-żewġt irġiel kienu resqin lejn xulxin bla ma wieħed jaf li l-ieħor qiegħed sewwa sew mal-minkeb tat-triq.

Il-bhejjem u l-insetti bħal intebħu li kienet riesqa xi ħaġa li qatt ma kienu raw bħalha qabel. Kollox, il-ħaxix wara l-ħitan, ix-xaħmet ta' fejn is-sieqja, il-qattus jitniegħes fil-ħoġor tat-tieqa tal-mitħna fil-qrib. Kollox kien qiegħed jistenna li jseħħ dak li kellu jseħħ, bħallikieku n-natura nnifisha kienet taf li kellhom jiġru ħwejjeġ li qatt qabel ma kienet rat jew basret. Donnu kulħadd kien jaf li kellhom iseħħu ħwejjeġ tal-biża' bejn dawk iż-żewġt irgiel resqin lejn xulxin. Għaliex jitħalla kollox għad-destin tiegħu? X'kien dan Alla li jħalli jseħħ kollox, ukoll dawk il-ħwejjeġ li jobgħod hu stess?

Għaliex ja Alla?

Jekk ridt trodd l-għalqa lill-bidwi għaliex ma ndħaltx inti fil-biċċa?

Jekk ridt li bidwi jħobb bidwi, għaliex ma ndħaltx fiha inti l-biċċa?

Għaliex dak il-ħin ħallejt bidwi jitkeskes kontra bidwi ja Alla?

X'qiegħed tagħmel, ja Alla? Għaliex laqqajt mibegħda ma' mibegħda?

Taf x'qiegħed tagħmel? Għaliex laqqajt nar ma' nar?

Kont taf x'qiegħed tagħmel? Għaliex ħallejt dan kollu jsir mela?

Imbagħad ir-raġel irqajjaq għaddej għall-affari tiegħu dar mal-kantuniera.

Feġġ wiċċ xulxin kif għaddew il-minkeb li kien qiegħed jifridhom.

Ħarsithom dehret titwaħħal f'ta' xulxin, u taret mingħand wieħed għal għand l-ieħor mibegħda u ħasda. Xejn ma kien jista' jżomm milli jitwettaq dak li kellu jitwettaq. U dehxa bard ħafifa ħafifa ġriet ma' ġisimhom għax ħassew li kienu waslu għalihom waqtiet mimlijin sa ruħ ommhom b'għawġ kiefer li ma jistgħux jeħilsu minnu. Iż-żewġt irġiel kienu jafuh dan kollu, ħassewh jiġri f'demmhom.

L-irġiel dehru jibqgħu mixjin. Mixjithom soda. Qawwija. Ebda taħrika żejda.

Għajnejhom inqabdu wieħed f'tal-ieħor. Riedu kieku jittantaw iżerżquhom 'l isfel. Riedu kieku jreġġgħu l-ħin lura. Riedu kieku wieħed jibqa' sejjer lejn fejn kien sejjer u l-ieħor jibqa' jindokra l-bħajra u l-uċuħ li kellu qrib. Iżda s-saħħa u l-qawwa tal-irġulija tbaqbaq ġo fihom ma ħallew la lil wieħed u lanqas lill-ieħor iħarrek imqar l-għotjin ta' għajnejh, jew iniżżel u jżerżaq ħarstu nitfa 'l isfel.

Imbagħad xi ħadd qal xi ħaġa.

Waqfu ftit 'il bogħod minn xulxin għall-għarrieda u kullimkien tkebbeb bid-dalma sħuna ta' xemx fietla u bajda u mdellka mistoħbija wara ċpar misterjuż ħalli żgur ma tarax u ma tismax dik it-taqtigħa bejn dawk iż-żewġ bnedmin fi trejqa mwarrba l-Mosta.

Imbagħad instama' l-għajjat, it-tgħajjir u d-dagħa.

X'imkien fil-bogħod instemgħet l-għajta ta' serduk maħnuq qiegħed jidden għalxejn għax it-twiddib tiegħu bla saħħa. Minn xi mkien instemgħet l-għajta mriegħda ta' nagħġa tittanta twaqqaf dak li kellu jsir. Xi mkien 'il bogħod instama' kelb jinbaħ bħallikieku biex inaffar lid-destin u jkisser il-ħsieb li kellu l-istess Alla għal dawk it-tnejn min-nies. Iżda għalxejn. Għalxejn.

Imbagħad it-tixjir tal-idejn.

Il-qilla fil-ħarsa taż-żewġ bnedmin.

Imbagħad in-nar itir għal għarrieda f'berqa. Imbagħad id-demm itir għal għarrieda. Imbagħad id-demm itir minn tikek kbar u fondi u suwed li feġġew għal għarrieda fuq il-wiċċ u s-sider u l-għonq tar-raġel tal-qmejsa kaħla.

Il-ħoss tat-tir u t-tifqigħa riħa ta' nar lewn id-demm; u ċ-ċomb jaħraq jittanta jiftaħ u jiftaħ 'il fuq iżda jsib fi triqtu sider mgħotti b'flanella għall-għaraq u qmejsa kaħla u d-demm jiżbroffa; u l-ħarsa mistagħġba u t-tregħid tar-riġlejn, il-waqgħa fuq l-irkobba, u jittanta jimxi 'l hemm, mistagħġeb, muġugħ, jittanta jiġri u jogħtor u jogħtor u d-daħna griża u tinten, u ż-żagħżugħ mitluf minn sensih u mgħaddab jiġri wara l-ieħor; u jispara u jispara u jispara mherwel, ma jafx x'qiegħed jiġri, u la qed jara u la qed jisma' u la qed iħoss u la qed jifhem iżda biss quddiemu bniedem li tfettel miegħu u xi ħadd irid jgħix u xi ħadd irid jitlaq għax in-nar qed iħares daqqa lejn wieħed u daqqa lejn l-ieħor.

Ir-raġel kollu demm ġera kif seta', ittanta jaħrab u jiġri lil hemm kif seta' mill-qilla għamja tal-ieħor.

L-ieħor ma kienx jaf x'qiegħed jiġri. Deherlu li qiegħed jagħmel in-nar fuq l-ieħor. Deherlu li qiegħed jaħraq fuq l-ieħor. Deherlu li l-ixkubetta tbattlitlu. U ħareġ pistola żgħira, jonfoħ, mgħaddab, u ħaraq mill-ġdid għal darba, tnejn, tlieta. Spara u spara u spara fuq il-ġisem tal-bidwi l-ieħor.

Imbagħad riġlejn l-ieħor ma felħuhx iżjed. Demm fihom ma setax jibqa' nieżel aktar. U beda jogħtor u waqa' mal-art qrib arblu tad-dawl lil hemm mill-imtieħen tal-Mosta.

Iż-żagħżugħ laħaq fuqu. Mgħaddab. Mitluf. Bniedem ieħor. Xi ħadd ieħor. U reġgħu ħarsu lejn xulxin. Ma kienx il-ħars ta' bidwi lejn bidwi sieħbu. Lanqas ta' bniedem lejn bniedem. Iżda kien ħars miġnun ta' min ma jafx x'qiegħed iseħħ dak il-waqt. Kien ħars ta' min kien mitluf minn sensih f'għajnejn imsejken mimli demm.

Iż-żagħżugħ kien mitluf. Ma kienx jaf sewwa dak li kien qiegħed jiġri dak il-ħin. Mherwel. Kulma kien qed jara quddiemu kienu biss setgħat qawwijin li riedu b'kull mod jaħtfulu ħwejġu. It-trab tiegħu. Il-ħamrija tiegħu. Kulma kien qiegħed jara quddiemu kien biss theddida li ma kienx jaf kif isib tarfha għajr bl-uniku mod li kien fadallu. L-ixkubetta.

Imbagħad reġa' beda jispara fil-vojt bl-għadab li kellu.

Kien jaf li kien issa riesaq fuqu żmien iebes. Kien issa qattiel. Mal-art kien ħalla bniedem ieħor minxur. Hu kien issa qattiel. Ħass biża' kbir jaħkmu. Ħass il-ħabel m'għonqu.

Mgħallaq. Imdendel minn għonqu sakemm ħajtu toħroġ ftit ftit minn ġismu u jibqa' biss ftit laħam u għadam li wara ftit jibda jinten.

Il-ħabs.

Imbagħad il-forka.

Kien hemm bżonn jaħrab issa stess. Kien hemm bżonn jitlaq jistaħba sakemm jara x'sa jiġri minnu issa.

Imma l-ieħor kien għadu ma mietx minkejja li kien mimli demm.

Reġgħu ħarsu f'għajnejn xulxin. Imbagħad reġgħu tkellmu.

"Frè," qal l-ieħor mimli demm. "Bini l-għatx…"

Iż-żagħżugħ xengel rasu. Qalbu maqsuma. Mitluf. Jipprova jaħseb. Jipprova jifhem x'ġara. Jimxi lil hemm. Jimxi lil hawn. Mgħaddab sewwa. Għajnejh imberrqin. Geddumu mfaqqam. Xengel rasu mill-ġdid. Għajjat għajta ta' wġigħ u ta' għadab.

"Bini l-għatx… Frè…" reġa' l-ieħor.


# SELMUN
TAL-FNIEK
## Bar & Restaurant
***Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.***
**Large Groups are Welcome**
**Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225**
**LIVE Sport events on BIG SCREEN**




# Xbihat ta' Marija fit-Testment il-Qadim

Ralph Micallef

Kif għallem l-aħħar Konċilju Vatikan II, it-Testment il-Qadim ħejja l-Ġdid u, kif fih ħafna xbihat li ħejjew il-miġja ta' Ġesù, hekk ukoll fih xbihat oħra li bassru 'l Ommu Marija. U t-tradizzjoni tal-Knisja li għaddewlna s-Santi Padri u d-dokumenti uffiċjali tal-Knisja tilmaħ ħafna xbihat ta' Marija fl-Antik Testment.

Hija l-Liturġija li tinqeda b'mod speċjali bix-xbihat ta' Marija li jinsabu fit-Testment il-Qadim. Fil-festi tal-Madonna nsibu lil Marija mqabbla mal-"Warda ta' Ġeriko" (għax bħala dejjem tfewwaħ bil-virtujiet tagħha), mal-"Ġilju tal-widien" (għax bħalu tgħaxxaq bis-sbuħija fost it-taħsir tad-dinja midinba), maċ-"ċedru tal-Lebanon" (għax bħalu ġġenerat lil Alla fid-dinja), mal-għollieq li Mosè ra jaqbad mingħajr ma jintemm (għax fil-verġinità tagħha baqgħet tagħti lil Binha Ġesù lid-dinja), mal-ħamiema li kien bagħat Noè mill-Arka u li rritornat bil-werqa taż-żebbuġ mingħajr ma għarqet fl-ilmijiet u t-tajn tad-dilluvju (għax bħalha ġiebet il-Paċi fid-dinja mingħajr ma ttiefset bit-tajn tagħha), u ma' ħafna ħwejjeġ oħra, speċjalment mal-Arka tat-Testment li kienet titqies bħala s-sinjal tal-preżenza t'Alla fost il-poplu magħżul u li fiha kienet iġġib biċċa mil-Liġi t'Alla u ftit manna li kienu x-xbieha ta' Ġesù li Marija ġiebet fi ħdanha.

Barra minn dawn il-ftit xbihat li semmejna, fl-Antik Testment jissemmew xi nisa kbar li magħhom tiġi mxebbha Marija Omm Ġesù.

Waħda minn dawn in-nisa hija Sara mart Abraham u omm Iżakk, il-primoġenitu tat-Testment il-Qadim. Sara kienet sterili għal żmien twil u welldet lil binha b'mod mirakoluż. Marija ġiebet fid-dinja lil Ġesù b'miraklu ikbar. Sara batiet ħafna meta Abraham kien se joffri b'sagrifiċċju lil binha Iżakk (għalkemm is-sagrifiċċju ma ntemmx) u Marija sofriet wisq iktar meta rat jintemm is-sagrifiċċju ta' Binha fuq il-Kalvarju.

Figura oħra ta' Marija hija l-famuża Debora, mara qalbiena li meta l-poplu t'Alla kien maħbut mill-għedewwa fi żmien l-Imħallfin, ħeġġet lill-poplu biex jissieltu u jiksbu r-rebħa mixtieqa, kif tassew għamlu. Bħal Debora, Marija tqawwilna qlubna biex nissieltu kontra l-għedewwa ta' ruħna u tieqaf magħna biex bil-qawwa ta' Binha niksbu r-rebħa.

Fi żmien Debora għexet mara oħra qalbiena li tixxebbah ma' Marija. Din kienet Ġajel li qatlet lill-mexxej tal-għadu jismu Sisara. (Ara l-ktieb tal-Imħallfin, kap. 4).

Hemm imbagħad Anna omm Samwel, mara qaddisa li għexet meta l-poplu kien mingħajr mexxej qawwi. Anna kienet sterili u ma setgħetx b'mod naturali jkollha wlied, iżda b'miraklu Alla taha tifel li 'l quddiem sar wieħed mill-aqwa riformaturi tal-poplu u ħares il-poplu fi żmien il-hemm. Bħal Anna u b'miraklu wisq ikbar Marija ġiebet fid-dinja lill-ikbar riformatur u s-salvatur tad-dinja.

Iż-żewġ personaġġi l-iktar magħrufin minn kulħadd bħala figuri ta' Marija huma Ester u Ġuditta, żewġ nisa mimlijin qdusija u sbuħija li salvaw lill-poplu t'Alla mill-għadu. Ester hija l-erojina ta' żmien il-Persjani meta s-Sultan Assweru (Serse 1, 486-465 qabel Kristu) kien se jeqred il-Lhud kollha minħabba t-tnassis ta' Aman (l-ajjutant tas-Sultan). Ester inqdiet bi sbuħitha u wara sawm u talb twil daħlet għall-poplu quddiem is-sultan u salvatu. Ester hija figura tal-interċessjoni ta' Marija quddiem Alla. Hija wkoll figura tal-immakolat konċepiment ta' Marija: għax kif Assweru qal lil Ester "il-liġi (tal-qerda) hija għal kulħadd minbarra minnek," hekk Alla ħeles mid-dnub oriġinali biss lil Ommu.

Ġuditta hija l-protagonista tal-ktieb li jġib isimha, ktieb li nkiteb bil-għan li jgħallem lil Alla jisma' t-talb ta' min jemmen fil-qawwa immensa tiegħu u jitolbu. Kienet Ġuditta, il-"Kollha Sabiħa", li wara li talbet u samet, b'kuraġġ liema bħalu, daħlet quddiem Olofernes, il-kmandant tal-għadu, qatgħetlu rasu u b'hekk salvat il-poplu tagħha. Wara r-rebħa, il-poplu bierek lil Ġuditta u għannielha: "Kollok sabiħa int, int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna". Il-Knisja tinqeda b'dan il-kliem biex tfaħħar lil Marija li rebħet l-għadu infernali tagħna.

# MIDDLEHILL STORE

Prop: A. Cutajar



*8,*
*Ġ. Borġ Olivier Str.*
*Mellieħa*
*Tel: 21 520603*

# DINGLI BUTCHER

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in**
**Maltese & European Fresh Meat,**
**Marinated Meats and Poultry,**
**Fresh made Kebabs,**
**Home Made Sausages & Burgers,**
**Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

***Free Delivery***

# Philip Attard
**(Hawker)**

**Tinned Foodstuffs**
**Detergents**
**Toiletries**
**@**
**Discounted Prices**

**Tel: 2141 1782**
**Mob: 7946 3806, 7920 7827**

Nella's™ by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335

www.nellasmalta.com
info@nellasmalta.com



# Il-Mellieħa u l-Ewwel Gwerra Dinjija

David Bartolo

Din is-sena jaħbat il-mitt sena anniversarju minn meta bdiet l-Ewwel Gwerra Dinjija u huwa bix-xieraq li nagħtu ħarsa lejn il-konnesjoni tal-Mellieħa ma' din l-epoka. Dan qed nagħmlu bl-iskop biex jingħata aktar dawl fuq il-Mellieħa f'dan il-perjodu (1914-1918) għax hawn min forsi jaħseb li l-Mellieħa ma kellha l-ebda rwol f'din il-gwerra.

Il-Mellieħa, avolja bogħod miċ-ċentru tat-tmexxija u mill-portijiet ewlenin ta' ġensna u għalhekk seta' jkun hemm importanza sekondarja li dan il-post imbiegħed fit-tramuntana tal-gżira seta' kellu, wieħed jista' jkun żbaljat jekk jieħu l-impressjoni li l-Mellieħa ma kellhiex is-sehem tagħha waqt dan il-konflitt qalil.

F'din il-kitba li tista' sservi ta' tentattiv biex issir aktar riċerka aktar profonda, ħa nagħtu ħarsa lejn x'ġara fil-Mellieħa u l-inħawi matul din l-gwerra. Ħa naraw kif l-inħawi tal-Mellieħa servew bħala post biex jiġu għall-konvalexxenza persuni tas-servizzi militari, l-aktar dawk ġejjin mill-front ta' Gallipoli, kif ukoll ħa nagħtu ħarsa lejn linja ta' difiza li kien hawn fil-Mellieħa.

## L-Isfond tal-Ewwel Gwerra Dinjija

Qabel nibdew il-mixja tagħna, tajjeb li nagħtu ħarsa lejn l-Ewwel Gwerra Dinjija. Il-problema prinċipali fl-ewwel deċenju tas-seklu fl-Ewropa kienet il-Balkani fejn kien hemm ħafna ġlied u inkwiet f'dawn l-artijiet u kienu mdaħħla żewġ potenzi li kienu l-imperi Awstrijak u dak Tork. Dan l-inkwiet wassal biex fit-28 ta' Ġunju, 1914, estremist Slav kontra l-Awstrija, ċertu wieħed Gavrilo Princip, assassina lill-Arċiduka Francesco Ferdinardo, l-eredi tat-tron Awstrijak ġewwa Sarajevo. Dan it-tir fatali wassal biex mietu għaxar miljun suldat.

Dan l-assassinju wassal biex bdiet gwerra ħarxa li kważi laqtet l-Ewropa kollha u anki partijiet oħra madwar id-dinja li bdiet fit-28 ta' Lulju, 1914. Din kienet bejn żewġ blokki: l-Alleati li kienu l-Imperu Ingliż li Malta kienet parti minnu, Franza, l-Imperu Russu, l-Italja, il-Ġappun, iktar tard l-Istati Uniti u xi pajjiżi żgħar. Fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-potenzi ċentrali li kienu l-Imperu Ġermaniż, l-Imperu Awstrijak-Ungeriż, l-Imperu Ottoman u xi pajjizi oħra[1].

Skerz ta' din il-gwerra kien li l-Imperatur Ġermaniż, il-Kaiser Wilhelm II u r-re Ġorġ V tal-Imperu Ingliż kienu kuġini u r-Regina Vittorja kienet in-nanna tal-Kasier. Ħafna kienu jaħsbu li dawn iż-żewġ potenzi kienu ħa jingħaqdu għax kienu mmexxija mill-istess razza, imma spiċċaw biex infirdu u saru rivali kbar[2].

## Malta 1914 - 1918

Malta f'dawk iż-żminijiet kienet kolonja tal-Imperu Ingliż u kienet waħda mill-bażijiet importanti l-aktar dawk navali tal-istess imperu l-aktar wara li kien infetaħ il-Kanal tas-Swejż fl-1869 u l-bini tal-*breakwater* fil-Port il-Kbir fl-1904[3].Ta' min jgħid li l-ġebel tal-*breakwater* inħadem fil-Mistra u minn hemm kien jittieħed bil-braken lejn il-Port il-Kbir[4]. Bħala gwerra Malta ma kellhiex sehem dirett u ma sofriet l-ebda attakki imma tat sehem qawwi fil-kontribut biex il-miżien ixaqleb favur l-Alleati. Min-naħa l-oħra, minħabba li s-sottomarini Ġermaniżi bdew jagħmlu ħerba mill-vapuri li jġorru l-merkanzija, il-ħajja bdiet togħla sew u ġabet l-iskarsezza ta' ħafna ħtiġijiet li wassal għas-sistema ta' razzjon[5]. Minħabba l-biża' ta' xi attakk miż-Zeppellini, il-fanali tat-toroq ġew miżbugħin suwed u kien hawn biża' kbir[6].

Il-gwerra mill-banda l-oħra ġabet ħafna xogħol u naqset il-qgħad. L-akbar settur li ħa nies kien il-militar. Fit-tarznari biss kien hemm jaħdmu 12,000.[7] Kienu 31,737 il-Maltin li servew fis-servizzi tal-Imperu li kienu mqassmin hekk: 15,914 fil-flotta Rjali u l-istabbilimenti navali, 15,047 fl-Armata u 778 fil-Qawwa tal-Ajru Rjali. Eluf oħra servew f'kontinġenti oħrajn bħal dawk Kanadiżi u dawk

Frančiżi. F'din il-gwerra tilfu ħajjithom 592 Malti li dawn kienu kollha nies bl-uniformi u ħadd pajzan. [8]

Żewġ fatturi oħra li Malta kellha sehem kienu fil-qasam mediku u bħala kamp tal-priġunieri tal-gwerra. Malta f'dawn is-snin laqgħet madwar 135,000 membru tas-servizzi jew feruti jew morda u dawn kienu f'27 sptar b'25 elf sodda madwar Malta, fosthom fl-inħawi tal-Mellieħa[9]. Il-maġġuranza kbira minnhom kienu ġejjin mill-front ta' Gallipoli fit-Turkija fejn l-Alleati, speċjalment l-Awstraljani u n-*New Zealanders* kellhom telfiet kbar. Kienu bosta minn dawn li mietu Malta u nsibu li hawn 6 ċimeterji militari fejn dawn ġew midfuna[10]. Malta f'dawn iż-żminijiet bdiet tissejjaħ in-*nurse* tal-Mediterran. Barra dawn il-feruti, Malta laqgħet ukoll għadd ġmielu ta' priġunieri tal-gwerra, madwar 1,670 mill-pajjizi tal-għadu fosthom il-Ġermanja[11]. Fost dawn kien hemm Karl Doenitz, li fit-Tieni Gwerra Dinjija, kien il-kmandant tal-qawwa navali Ġermaniża u li kien mexxa l-Ġermanja Nazista għal żmien qasir wara l-mewt ta' Hitler[12].

Din il-gwerra ġabet tibdil soċjali wkoll f'Malta, fosthom li l-qniepen tal-knejjes ma setgħux idoqqu għal xi żmien matul il-gwerra mill-1915 u li għall-ewwel darba daħal il-ħin tas-sajf fl-1917[13].

**Il-Qagħda tal-Mellieħa 1906 - 1918**

Il-Mellieħa għal diversi snin kienet kważi diżabitata għalkollox minħabba n-nuqqas ta' sigurtà u nżul faċli għall-għadu fl-inħawi. Dan kollu nbidel f'nofs is-seklu 19, meta l-ħakkiema Ingliżi għamlu pjan ta' żvilupp li sawwar il-Mellieħa f'sistema ta' toroq paralleli f'forma ta' gradilja. Minn hemm, il-Mellieħa bdiet miexja 'l quddiem. Waqt li fl-1843/44 kien hawn jgħixu 517-il persuna biss, fl-1851 kien hawn jgħixu 675[14]. Fis-sena 1901, il-popolazzjoni laħqet l-2,357 li kienu 1,223 raġel u 1,134 mara u d-densità kienet ta' 103 kull km$^2$ waqt li fl-1911 kien hawn 2,775 persuna li minnhom 1,321 kienu rġiel waqt li 1,354 kienu nisa filwaqt li d-densità kienet ta' 116 kull km$^2$ [15].

Il-biċċa l-kbira tal-Melleħin kienu bdiewa. Fir-rapport taċ-ċensiment dwar l-agrikultura tal-1911 u l-1912, insibu li minkejja li l-Mellieħa kienet żgħira bħala popolazzjoni, kienet tinsab fost l-ewwel erbat ibliet u rħula f'dak li kien numru ta' nagħaġ. Jidher li kien hemm 509 nagħġiet u 416-il mogħża fl-1911 u 520 nagħġa, 401 mogħża u 280 ħanżir fl-1912. Fl-1912 ukoll jidher li kien hawn 8 żwiemel, 262 ħmar u 97 bagħal. Kien hawn fl-istess sena madwar 7178 tomna art maħduma u madwar 1789 tomna art mhux maħduma[16].

Element qawwi li beda kulma jmur jiżdied f'Malta kienet l-immigrazzjoni u dan inħass ħafna anki fil-Mellieħa. Jidher li bejn l-1900 u l-1915, kien hemm 96 persuna mwielda l-Mellieħa li applikaw għall-passaport. Dawn kienu kollha rġiel, l-iżgħar wieħed kien Bernardo Cini li kellu 14-il sena u l-ikbar wieħed li kien ċertu Carmelo Vella li kellu 42 sena. Minn dawn is-96 persuna, 60 marru l-Awstrajla, 12 marru l-Kanada, 7 l-Alġerija, 7 t-Tuneżija, 6 l-Istati Uniti tal-Amerika, 3 l-Italja u wieħed l-Eġittu[17].

Fl-epoka li qed nitkellmu fuqha, kienet lesta mill-bini l-Knisja Parrokkjali li bdiet tinbena fl-1880 u kienet lesta fl-1907 fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Magri li kienet ħaġa iebsa għal dawk iż-żminijiet u li kellha dejn ta' 750 lira. Fis-sena 1907 kienet ukoll ġiet iffurmata l-Banda La Vittoria. Fl-1908 laħaq kappillan Dun Carlo Cortis u li fl-1915 ir-raħal iċċelebra b'festi kbar għeluq il-25 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa[18]. Din kienet it-tieni Inkurunazzjoni f'Malta fejn l-ewwel waħda kienet dik tal-Karmnu fil-Belt[19]. Dawk iż-żminijiet ukoll kienet tiġi ċċelebrata fuq skala kbira l-festa ta' San Ġużepp li kienet ukoll festa bil-banda.

F'dawn iż-żminijiet ukoll bdiet tikber id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa u l-Arċisqof Mauro Caruana ħareġ digriet fil-21 ta' Awwissu tal-1911 fejn kien ta 100 jum indulġenza lil min jilbes il-labtu tal-Madonna tal-Mellieħa[20]

Fi żmien il-Kappillan Cortis eżattament fis-sena 1912, jidher li kien hawn xi nkwiet sottili fil-Mellieħa. Xi ħadd anonimu bagħat ittra lil Dun Alwiġ Attard li kien il-Vigarju Ġenerali fl-10 ta' Novembru ta' dik is-sena. Jidher li l-kwistjoni kienet dwar il-prokuratur tal-Knisja l-ġdida u s-Santwarju u l-fratellanzi li kienu erbgħa. Min kiteb din l-ittra ried iġib lil Dun Cortis f'dell ikrah u akkużah bi traskuraġni. Cortis ddefenda ruħu sew u l-istorja waqfet hemm[21].

Bejn id-19 t'Ottubru u t-2 ta' Diċembru 1915, sar xogħol tal-iskultura fis-saqaf u fil-koppla minn Franġisku Busuttil u l-assistent tiegħu Toni Tonna, it-tnejn mir-Rabat ta' Malta b'nefqa ta' £11.10s u Vitor Xerri min-Naxxar żebagħ u ddekora s-Santwarju bi spiża ta' £115-17s-11d. Sar ukoll restawr fil-pittura tal-isqfijiet li hemm fis-saqaf tal-għar, kif ukoll fuq il-kwadri tal-artali u oħrajn storiċi kemm fis-Santwarju kif ukoll fis-Sagristija u fil-faċċata ta' fuq il-bieb tal-għar. Saru wkoll xi gwarniċi ġodda ndurati u pitter mill-ġdid fuq sfond ovali l-iskrizzjoni dwar il-konsagrazzjoni tas-Santwarju fis-sena 409[22].

Fl-1916 sar ukoll restawr tal-Istatwa ta' Marija Bambina. Għal dan l-għan kienet nġabret is-somma ta' £235-13s-4d u x-xogħol kien sar minn diversi nies tas-sengħa bħall-iskultur Antonio Sapiano, il-pittur Ramino Calì, l-arġentier Pawlu Pace, l-induratur Franġisk Coleiro u s-sorijiet tal-Orsolini tal-Belt.

Fit-2 ta' Settembru 1917 meta kien inżul ix-xemx, għadd ta' Melleħin fuq 17-il karettun bil-bhejjem telqu lejn il-Belt biex iġibu lura din l-istatwa fejn waslu lura għal ħabta tat-8 tal-għada filgħodu fejn sabu miġemgħa kbira tistenniehom fejn il-Mitħna[23]

F'Selmun, fil-Kappella tal-Palazz bejn it-18 ta' Marzu 1906 sas 26 ta' Lulju 1915, kien hemm bħala rettur, Dun Vinċenz Caruana u ġieli kien jgħinu ċertu Dun Anġ Falzon. Fl-1 ta' Awwissu 1915 kien laħaq bħala rettur tal-istess kappella Dun Ġużepp Portelli [24]. Il-Palazz ta' Selmun f'dawk iż-żminijiet kien jinkera u kienet titħallas lira fix-xahar biss.

Bejn is-snin 1911 sal-1914 mit-22 t'April sal-21 ta' Mejju ta' kull sena kien joqgħod fih Ġużè Borg Cardona[25]. Dan kien Assistent Kummissarju għal Għawdex mill-1929 sal-1930 u Kummissarju mill-1931 sal-1941[26].



Id-daħla tal-Pjazza tal-Mellieħa fl-1907

Fis-sena 1913, kien inżamm f'Malta l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali bejn l-24 u s-27 ta' April. F'waħda minn dawk il-ġranet, id-delegati kienu żaru l-Mellieħa fejn kienu meħuda Selmun fejn kienu ngħataw tagħrif dwar il-wasla ta' San Pawl f'Malta u marru wkoll il-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa u żaru s-Santwarju wkoll. Fl-istess żmien fis-27 ta' April kien għadda mill-Mellieħa fi triqtu lejn Għawdex, id-delegat tal-Papa, il-Kardinal Domenico Ferreta fejn ingħata tagħrif dwar ir-raħal tal-Mellieha u s-Santwarju tal-Madonna[27].

Ta' min jgħid ukoll li waqt din il-gwerra, kienu d-diversi pellegrinaġġi li saru għall-Madonna tal-Mellieħa fosthom dawk immexxija minn Mons. De Piro biex isir it-talb fi żmien diffiċli[28].

Ftit żmien qabel bdiet din l-gwerra, il-Mellieħa mxiet pass sew fil-provvista tal-ilma fejn fl-1912 dan beda jasal fil-Mellieħa permezz tal-pajpijiet. Dan il-proġett sewa 5,000 lira fejn ix-xogħol kien beda fis-16 ta' Mejju 1911 u ġie inawgurat mill-Gvernatur Henry Rundle fil-preżenza ta' Lord Kitchener li kien ippospona t-tluq tiegħu minn Malta għall-Eġittu biex ikun preżenti għal din l-okkażjoni[29].

Fatti interessanti huma dwar it-tfal li kienu jattendu l-iskola primarja tal-Mellieħa matul l-Ewwel Gwerra u l-istess skola. Fit-3 ta' Novembru 1916, l-iskola għalqet għal xi xahrejn għax kien hemm 113 minn 133 morda bil-ħożba. Fl-10 ta' Jannar 1917, it-tfal kienu ġew imwissija kif kellhom iġibu ruħhom f'każ ta' attakk mill-għadu mill-ajru. Fil-15 ta' Frar 1917, xi tfal Melleħin kienu ssuttaw bil-ġebel lil tfal li kienu għal ħarġa l-Mellieħa mill-iskola ta' San Pawl l-Baħar. Jidher li sar rapport l-għassa mis-surmast ta' San Pawl u spiċċaw il-qorti fejn xi tfal u missirijiethom spiċċaw weħlu tmintax irbiegħi. Fis-16 ta' April 1917, ċertu tifel Michele Fenech kien ingħata ritratt sabiħ tal-Gvernatur minħabba r-riżultati tajba li ġab[30].

## Il-Kamp tal-Għadira

Il-kamp militari tal-Għadira jaf il-bidu tiegħu madwar is-sena 1907. Il-pjanta tiegħu kienet saret mill-iskola tal-Inġinerija Militari taħt id-direzzjoni tat-Tenent F.V, Thompson[31]. Fil-gwerra 1914-1918 serva bħala kamp għall-feruti u kien infetaħ fl-20 ta' Novembru 1915 u kien għalaq fil-5 ta' Settembru 1917. Dan fl-ewwel ġranet tiegħu, kellu 1,250 sodda u iktar tard laħaq il-massimu ta' 2,000[32]. Dan il-kamp kien infetaħ bħala soljiev għall-Kamp ta' Għajn Tuffieħa[33]

Dan il-kamp żgur li seta' offra xi impjiegi għan-nies tal-Mellieħa. Kien hemm ukoll tfal li kienu jagħmlu dan. Każ ta' din ix-xorta kien, li kien hemm talba f'April 1917 biex żewġ subien jiġu skużati mill-iskola u jattendu biss filgħodu, biex ikunu jistgħu jieħdu l-ħwejjeġ tas-suldati minn dan il-kamp biex jaħsluhom fid-djar tagħhom u li l-ġenituri tagħhom kienu lesti li jekk dan il-permess ma jintlaqax, kienu lesti li joħorgu lil dawn is-subien mill-iskola għal dejjem[34].




L-isptarijiet u l-kampijiet ta' konvalexxenza li kien hawn Malta matul l-Ewwel Gwerra Dinjija.

## Il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa

Il-kamp sptar ta' Għajn Tuffieħa kien infetaħ fil-

# Evergreen

*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

# V. Debono

*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,**
**Triq l-Għoljiet,**
**il-Mellieħa**



15 ta' Awwissu 1915 u kien għalaq f'Jannar 1919. Dan fl-ewwel ġranet tiegħu, kellu 2,000 sodda u iktar tard laħaq il-massimu ta' 5,000[35].

Dan il-post jaf l-oriġini tiegħu mill-1902 'il quddiem fejn l-Ammiraljat kien ħa numru ta' art agrikola mingħand il-bdiewa biex inbena kamp tat-taħriġ għall-morini. Dan kien jikkonsisti f'*ranges* tal-isparar u kwartier residenzjali għas-suldati, il-familji tagħhom u l-uffiċjali tal-kamp.



*Il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa fl-Ewwel Gwerra Dinjija*

**Il-Palazz tal-Marfa**

Dan il-palazz ġie wżat ukoll għas-suldati feruti. L-uffiċjal inkarigat mill-kampijiet tal-Mellieħa, il-Logutenent Kurunell J.R. Brothy tar-*Royal Army Medical Corps* fit-23 ta' April 1917, kiteb ittra lid-Direttur tas-servizzi mediċi fejn ippropona li jibda jintuża l-Palazz tal-Marfa li kien fil-qrib tal-kampijiet tal-Mellieħa u ta' Għajn Tuffieħa għall-ħtiġijiet tas-suldati feruti.

Ma' din il-proposta qablet ukoll is-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar Ingliża fejn il-Kummissarju tagħha f'Malta, il-Maġġur Frank Ashley qabel ma' din l-ħtieġa u pprepara ruħu biex din il-ħaġa sseħħ u l-YMCA li kienet tieħu ħsieb dan il-post u tmexxieh bħala *hostel* aċċettat din il-proposta.

Il-permess ġie milqugħ u fit-3 ta' Mejju 1917, il-Maġġur Ashley informa lill-Aġent Logutenent Gvernatur Bonavia li huwa ġabar iċ-ċwievet tal-palazz mingħand il-Pulizija. Matul is-sajf tal-1917, dan il-palazz kien post eċċellenti għas-suldati tal-kamp tal-Mellieħa u fl-14 ta' Settembru tal-istess sena, ftit jiem wara li għalaq il-kamp tal-Mellieħa, iċ-ċwievet ta' dan il-post ġew rritornati lura lill-Pulizija[36]

**Difiżi fil-Mellieħa**

Il-forzi Ingliżi matul is-seklu dsatax ma tantx kienu jagħtu każ id-difiża fit-tramuntana ta' Malta u iktar poġġew ir-riżorsi tagħhom fl-inħawi tal-Port il-Kbir. F'dan is-seklu, inbniet linja ta' ħitan u fortizzi min-naħa tal-Madliena sa Binġemma magħrufa bħala l-*Victoria Lines*, linja li qatgħet in-naħa ta' fuq nett ta' Malta iktar mhux mħarsa. Fil-bidu tas-seklu għoxrin l-Ingliżi ndunaw li din is-sistema ma taħdimx u fl-1907 reġgħet saret priorità l-ħarsien tax-xtajtiet tat-tramuntana u bdiet ħidma biex tinbena sistema ġdida ta' trunċieri u kanuni magħrufa aħjar bħala *ridge defences*. Dan fl-inhawi tagħna saru l-aktar fuq l-għoljiet tal-Mellieħa fuq ir-riħ tal-bajja tal-Għadira[37].




***Suldati mis-**Sutherland and Argyll Highlanders **jieħdu sehem f'manuvri qrib il-Bajja tal-Għadira, ftit żmien qabel il-Gwerra tal-1914-1918. Fl-isfond jidhru ritratti tal-Gvernturi Methuen (1915-1919) u Plumer (1919-1924)***

F'dan iż-żmien, il-Militar beda jieħu xi artijiet bħal f'Għajn Tuffieħa biex jagħmel dawn ir-*ridge defences*. L-aktar sistema ta' difiża simili bikrija li nsibu hija dik ta' Qasam Barrani li saret fl-1903 u fl-1904 saret sistema oħra bħala, wara l-Knisja Parrokkjali u f'Ta' Sellum fuq ir-riħ tal-Bajja tal-Għadira[38] fejn fl-istess post fl-1910 kienu ġew installatti żewġ kanuni tat-tip 4.7-inch u 15-pdr[39].



*Kanun tat-tip 4.7 inch*

Fi żmien il-Gwerra 1914-1918, kien hemm ukoll għassiesa mal-kosta li kienu jirrapurtaw kull ċaqlieqa suspettuża li kienu jaraw lejl u nhar u minn dawn kien hemm ukoll in-naħat tal-Mellieħa[40].

**Sottomarini Ġermaniżi fl-Għadira**

F'dawk iż-żmininijiet, kienu diversi r-rapporti li kienu jaslu ta' movimenti ta' sottomarini tal-għadu madwar Malta[41]. Dawn kienu armi ġodda u fil-Mediterran għamlu stragi sħiħa[42]. F'Mejju 1915



*Il-ħajt ta' difiża ta' Qasam Barrani fuq ir-riħ tal-Bajja tal-Għadira*

rapporti simili kienu qed jaslu mill-inħawi tal-kosta tal-Mellieħa fuq sottomarini tal-għadu.

Fit-13 ta' Mejju 1915, fl-10am kien hemm rapport li kien hemm sottomarin fl-Għadira u saret għassa minn xi vapuri tal-gwerra Ingliżi u Franċiżi. Fis-2pm dan kien ġie rrapurtat li rawh 'il barra mill-Ponta taż-Żonqor.

Fil-15 ta' Mejju 1915, fid-9pm daħal rapport minn Selmun li sajjied ra sottomarin ħdejn il-Ponta tal-Aħrax. Dan qadef kemm felaħ lejn Għajn Żejtuna u għamel rapport lill-għassies li kien hemm hemmhekk. Fl-10.30pm l-awtoritajiet militari kellhom rapport ieħor li dan is-sottomarin kien daħal il-Bajja tal-Għadira.

Rapport ieħor kien fit-30 ta' Mejju 1915, fejn fit-8.15pm, mill-kampijiet tal-Għadira u Għajn Tuffieħa kienu semgħu ħoss ta' magni fil-bokka tal-Bajja tal-Għadira[43]

## Sehem il-Melleħin fil-Militar

F'din l-gwerra xi rġiel Melleħin kienu daħlu fir-*Royal Army Service Corps* u sevew fil-kampanja militari f'Salonika mas-suldati Ingliżi[44]. Jidher li fost il-ftit Maltin li mietu hemmhekk kien hemm ċertu wieħed Giuseppe Camilleri li kellu xi konnessjoni mal-Mellieħa. Dan kien iservi bħala *labourer* mal-*Maltese Labour Corps* u kien ġie maqtul fis-7 ta' Diċembru tal-1915 fl-età ta' 27 sena. Huwa jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-ANZAC ta' Ari Burnu ġewwa t-Turkija[45].

Kien hemm anki Melleħin oħra li servew f'kontinġenti militari ta' pajjiżi Alleati oħra bħal dawk Awstraljani. Fost dawn kien hemm ċertu Carmelo Bartolo li kien twieled il-Mellieħa fil-5 ta' Marzu 1893 u kien siefer lejn l-Awstralja fejn kien jaħdem bħala *labourer* f'New South Wales. F'Settembru tal-1916 ingaġġa bħala suldat fl-*Australian Imperial Force* u ġie mibgħut fuq il-front Franċiż. Fis-6 ta' April 1918 huwa safa' ferut gravi fi splużjoni ta' bomba fejn minn hemm ġie trasferit fi sptar fir-Renju Unit u wara ġie rikoverat ġewwa Sydney[46].

Wara d-dawra ħafifa li tajna fuq dan il-perjodu, wieħed jista' jinnota li hemm lok għal aktar riċerka li tista' tagħti aktar dawl fuq il-Mellieħa u l-inħawi fiż-żmien din il-gwerra f'kull qasam u minn kull lat.

**Referenzi**


1 Ganado, Herbert, *Rajt Malta Tinbidel nru 1,* 1977 pp.132-134.
2 Ibid
3 Zarb-Dimech, Anthony, *Malta during the First World War 1914-1918*, 2004 pp. 17-18.
4 Borg, Paul P., *Selmun u l-Inħawi,* 1989. pp 98-102.
5 Ganado, Herbert, *Rajt Malta Tinbidel nru 1,* 1977 pp.163-164.
6 Ibid, pp 160-161
7 Sant, Michael A. *Sette Giugno Tqanqil u Tibdil*, 1989 p.31.
8 Ibid p 78.
9 Zarb-Dimech, Anthony, *Malta during the First World War 1914-1918*, 2004 p 85.
10 Ibid.pp 127-133.
11 Ibid .p 112.
12 Ibid. P 116.
13 Sant, Michael A. *Sette Giugno Tqanqil u Tibdil*, 1989 pp.32-33.
14 Muscat , Jimmy *Il-Popolazzjoni tal-Mellieħa 1842-1974*, fil-Mellieħa Nru 151, Jannar 1975.
15 Central Office of Statistics, *Census 1957-The Maltese Islands,* 1960.
16 Muscat, Jimmy, *Il-Mellieħa 1918 u 1920 Raħal in-Nagħaġ u l-Laqmijiet* , Festa Maria Bambina Knisja Parrokkjali 2008, pp 44-46.
17 Bartolo, Evarist, *Meta tal-Frawla fetaħ il-bieb tas-safar fl-1883,* Leħen Imperial Vitorja 2010, pp74-76.
18 Fenech, Mario, *Ħsieb lura fis-Snin,* Festa Maria Bambina, La Vittoria 2007, p 175.
19 Bonnici, Alexander Patri, *Il-Mellieħa,* 1994, p 116.
20 Mifsud, Ganni, *Il-Madonna tal-Mellieħa,* Il-Mellieħa, 1987, p 75.
21 Bonnici, Alexander Patri, *Ittra Anomina tal-1912 kontra l-Kappillan Cortis u tweġiba tagħha*, Festa Marija Bambina, Knisja Parrokkjali 1995, pp 26-29.
22 Mifsud, Ganni, *Il-Madonna tal-Mellieħa,* Il-Mellieħa, 1987, pp 75-76.
23 Caycji, Joseph, *L-Istatwa Artistika ta' Maria Bambina* , Programm Souvenir Festi fil-Mellieħa f'għeluq il-125 sena tal-Istatwa ta' Maria Bambina 1853-1978, pp2-3.
24 Borg, Paul P., *Selmun u l-Inħawi,* 1989. p 32.
25 Ibid. P 34
26 Cassar , Anton, *Il-Konkordat* ,2004.p 80.
27 Fenech, Mario, *Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 u l-Mellieħa,* Festa Maria Bambina La Vittoria 2013, p 161.
28 Bonnici, Alexander Patri, *Il-Mellieħa,* 1994, p 122.
29 Muscat, Jimmy, *Water arrives in Mellieħa 100 years ago,* Festa Marija Bambina, Knisja Parrokkjali 2012. pp 67-69.
30 Vella, Edwin, *L-Ewwel Ħamsin sena ta' Skola Elementari fil-Mellieħa 1871-1920,* Festa Maria Bambina Knisja Parrokkjali 2003, pp 19-21.
31 Muscat, Jimmy, *Il-Mellieħa, l-Istorja tagħha bir-ritratti, Its history in Pictures,* 2011, p 98.
32 Zarb-Dimech, Anthony, *Malta during the First World War 1914-1918*, 2014. p.193.
33 Micallef Eynaud, Maurice Major, *Nurse of the Mediterranean,* Sunday Times 1st December 2002, p 55.
34 Vella, Alfred, *L-Iskola Primarja,* Festa Marija Bambina Knisja Parrokkjali 2012. p21.
35 Zarb-Dimech, Anthony, *Malta during the First World War 1914-1918*, 2014. p 193.

[36] Muscat , Jimmy, *Mellieħa and the Gallipoli campaign*, Sunday Times of Malta 9th November 2008. p 68.

[37] Spiteri, Stephen C, *Fortifikazzjonijiet*, Il-Mellieħa, Mal-Milja taż-Żmien, 2002 pp 82-84.

[38] Spiteri, Stephen, *British military architecture in Malta,* 1996, pp 504-510.

[39] Debono, Charles, *Sottomarin Ġermaniż rappurtat viċin il-kosta Melleħija fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija,* Festa Maria Bambina-La Vittoria 2012, pp 156-157.

[40] Ibid.

[41] Ganado, Herbert, *Rajt Malta Tinbidel nru 1,* 1977.p 166.

[42] Ibid.p 160.

[43] Debono, Charles, *Sottomarin Ġermaniż rappurtat viċin il-kosta Melleħija fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija,* Festa Maria Bambina-La Vittoria 2012, pp 156-157.

[44] Camilleri Eddie, *Mill-Melħ u l-Għasel Ismi,* Leħen Imperial Settembru 1968, p 17.

[45] http://www.timesofmalta.com/articles/view/20030512/letters/a-times-of-malta-scoop-in-1952.150399

[46] Muscat, Jimmy, *Il-Mellieħa, l-Istorja tagħha bir-ritratti, Its history in Pictures,* 2011, p 44.

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



Aġenzija Żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet
għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas
f'dawn il-kategoriji:

- Teorija tal-Mużika
- Strumenti tal-Injam
- Strumenti tar-Ramm
- Strumenti tal-Perkussjoni

Applikazzjonijiet jintlaqgħu
sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru 2014

# Tal-Wardija
GREENGROCER

*Free Delivery Service*

Mosta Road, St. Paul's Bay, Malta
Tel: 2158 5024
Mob: 9944 2193

# Attivitajiet 2013



*Attività tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann (26-06-2014)*



*Ikla - Jum il-Missier (13-06-2014)*



*Ftuħ Uffiċjali - Wirja tal-Presepji (13-12-2013)*



*Logħba Futball bejn it-tim tal-Imperial kontra dak ta' La Vittoria b'risq id-Dar tal-Providenza (28-12-2013)*



*Il-Banda Imperial waqt Milied Mellieħi (24-12-2014)*

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


A. Vella Borg & Sons Ltd ..................97
A.F. Skip Hire Mellieħa .....................65
Abela Norbert Joiners ........................86
Aġenzija Żgħażagħ ..........................138
Ahead Stationeries ...........................137
AJ Quality Products ...........................68
All Needs ..........................................10
ASPEN Limited .................................76
B.Grima & Sons Ltd ............................2
Bar tal-Każin
tal-Banda Imperial..........................52
Bartolo/Joe & Sons .......................... 111
Bavaria ..............................................65
Beachaven Lido Discotheque ..............6
Bella Veduta
Grocery & Confectionery...............25
Billy's ................................................90
Bottles & Bottles................................58
BOV ..................................................27
Carmel Vella & Sons Ltd ..................24
Carmel Vella Limited .........................46
Caruana Light Decorations ................50
Cash & Carry .....................................58
Christopher Sciberras.........................34
Cikkies Fruit & Vegetables ................23
Clifford Motoring School.................116
Dainty Clothing & Footwear ........... 111
dbproperties.......................................80
Dingli Butcher..................................130
Drifter Cab & Transport Services ......34
Drive Well!...................................... 119
E'Casa ...............................................76
Euromed Limited ..............................86
Evergreen Discount Mini Market ....134
Farlex Bar & Restaurant ..................120
Farmer's Fresh Green Grocer ............97
Field Sports Fishing & Adventure .....72
Foto Creative Ltd ..............................18
Gasan Mamo Insurance......outside back
Gaulos Exclusive Art .........................20
George's Bakery...............................137
Gillieru Restaurant .............................22
Giuseppi's Wine Bar ..........................50
Ġo Ġo Mini Market ...........................82
Greystone Bar & Restaurant ..............49
Guang Zhou ........................................6
Half Way Inn ................................... 111
HB Motors .......................................100
Herbies Jewellery Ltd ........................22
Hola Beach.........................................47
Home Essentials ................................ 11
Horace Enterprises Ltd ....................123
Housewife Fresh Chicken ..................79
Il Bagno...........................................102
Il-Qasrija .........................................116
Ir-Razzett Fruit Shop..........................86
J & G Discount Detergent Shop.........44
J. Attard Skip Hire &
High Up Services ...........................44
J. Vella ..............................................86
JDS Furniture Ltd ...............inside back
Jevon's Fruit Shop..............................15
Joe Gauci Metal Works ....................124
Joe's Barber Shop ..............................50
John Bray & Son Funeral Directors...59
Julie's Lifestyle Unisex Hair Salon....13
Kafé Borg ............................................6
Kathleen Buttigieg
Beauty Therapist ..........................104
Manuel Bezzina Co. Ltd .................... 11
Manuel's Garage Co. Ltd ................124
Marianna Stationery ...........................52
Mario Gauci
Fruit & Vegetable Seller ..............116
Maritim Antonine Hotel & Spa........118
Mark Taliana Gardener ......................92
Maypole ............................................17
Melanzone Trattoria ...........................47
Mellieħa Garage ................................39
Mellieħa Holiday Centre....................27
Middlehill Store ...............................130
Mosta Bacon ....................................134
MT Service Station ..........................120
Nella's .............................................130
P&C Cauchi .......................................72
Paradise Bay.......................................77
Paradise Bay Lido ............................119
Patisserie Bakers & Caterers Ltd .........8
Paws 'n' Claws ..................................49
Ph. Borg Ltd ......................................10
Philip Attard (Hawker).....................130
ROCS Group .......................................4
ROCS Group ........................inside front
Sala Imperial ......................................85
Sala Imperial ...................................109
Sammy Buttigieg Fruit Wholesaler....41
Santa Maria Service Station...............52
Schere ................................................13
Sea Bank ...........................................42
Sea View Bar........................................6
Selmun Bar & Restaurant ................128
Shoppers Discount Supermarket........14
Silhouette Photo Studio......................21
Sol e Mar Bistro .................................47
Sports Experience
Trophies and Awards ......................49
Star of India..........................................6
Stardust ...........................................117
Steffie's Hair Studio ...........................15
Stephen Deguara ................................94
Ta' Kanani ..........................................34
Ta' Peter Bar, Restaurant and
Games Room .................................20
Ta' Soldi Restaurant ...........................34
Tal-Wardija Greengrocer..................138
The Arches ........................................43
The Hilltop Restaurant .......................90
The Skin Studio..................................44
The Veggie Truck ..............................93
Tony's Bakery ....................................20
Tosca… ...............................................5
Tower Ladder Services.......................50
V. Debono Ironmongery...................134
View Point Restaurant........................19


**Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.**


say hello to a PLANOPOLY sofa
practical style, elegant living
comfort
storage
versatility
himolla
Made in Germany
CHOOSE STYLE > CHOOSE FEATURES > CHOOSE LEATHER OR FABRIC > CHOOSE COLOUR
JDS
FURNITURE Ltd.
JDS Furniture Ltd. Main Street, Mellieha Tel. 2152 2390 Email: info@jdsfurniture.com Web: www.jdsfurniture.com




# NINSABU QRIB TIEGĦEK

## Mellieħa

**59, Triq G Borg Olivier**

**GasanMamo**
INSURANCE
*Nghinuk dejjem*

www.gasanmamo.com

59, Triq G Borg Olivier, Mellieħa | Tel: 2152 3672 | insurance@gasanmamo.com | www.gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.